Stannah

FEELING FREE AT HOME

invest in comfort and safety for yourself or your parents

LIFT SERVICES™

Exclusive local distributors of
Stair Lifts, Recliners & Scooters

Tel: +356 21 252206, Fax: 21 252 207
Email: matthew@liftsservicesmalta.com
Website: www.liftsservicesmalta.com
Lifts Services Ltd , Factory A25F
Marsa Industrial Park, Marsa, Malta

Il-Belt Vittoriosa
tiċċelebra
l-patrun tagħha

FESTA SAN LAWRENZ 2016

FESTA
SAN LAWRENZ
2016

Get to Valletta by Ferry

The fastest, coolest & most convenient way to reach Valletta from Sliema & The 3 Cities, avoiding traffic jams & parking problems.

Enjoy Valletta & The 3 Cities Restaurants & Bars at Night!

Ferry Service Prices

Adults:
Day - Single: € 1.50
Day - Return: € 2.80

Night Service Commences @ 19.30
Night - Single: € 1.75
Night - Return: € 3.30

Children:
Single: € 0.50
Return: € 0.90

60+ ID Card Holders & Blue Badge Holders:
Single: € 0.50
Return: € 0.90

Weekly Pass:
Valid for seven (7) consecutive days
Unrestricted use: € 10.00

Frequent Traveller:
3 Months, 6 Months & Yearly tickets also available on request.

MSVLIFE

tm Transport Malta

VALLETTA FERRY SERVICES

7mins Valletta Cospicua **5mins** Sliema Valletta

Marsamxetto Steamferry Services Ltd.
Tel: 2346 3862 Email: info@vallettaferryservices.com
www.vallettaferryservices.com

FERRY SCHEDULE

VALLETTA - 3 CITIES - VALLETTA

Winter 01/11 - 31/05		Summer 01/06 - 31/10		
Cospicua Dept.	Valletta Dept.	Cospicua Dept.	Valletta Dept.	
06.30	06.45	06.30	06.45	
07.00	07.15	07.00	07.15	
07.30	07.45	07.30	07.45	
08.00	08.15	08.00	08.15	
08.30	08.45	08.30	08.45	
09.00	09.15	09.00	09.15	SUNDAYS & PUBLIC HOLIDAYS SCHEDULE
09.30	09.45	09.30	09.45	
10.00	10.15	10.00	10.15	
10.30	10.45	10.30	10.45	
11.00	11.15	11.00	11.15	
11.30	11.45	11.30	11.45	
12.00	12.15	12.00	12.15	
12.30	12.45	12.30	12.45	
13.00	13.15	13.00	13.15	
13.30	13.45	13.30	13.45	
14.00	14.15	14.00	14.15	
14.30	14.45	14.30	14.45	
15.00	15.15	15.00	15.15	
15.30	15.45	15.30	15.45	
16.00	16.15	16.00	16.15	
16.30	16.45	16.30	16.45	
17.00	17.15	17.00	17.15	
17.30	17.45	17.30	17.45	
18.00	18.15	18.00	18.15	
18.30	18.45	18.30	18.45	
19.00	19.15	19.00	19.15	
		19.45	20.00	SUNDAYS & PUBLIC HOLIDAYS SCHEDULE
		20.35	20.50	
		21.20	22.00	
		23.00	23.15	
		23.30	00.00	

SLIEMA - VALLETTA - SLIEMA

Winter 01/11 - 31/05		Summer 01/06 - 31/10		
Sliema Dept.	Valletta Dept.	Sliema Dept.	Valletta Dept.	
07.00	07.15	07.00	07.15	
07.30	07.45	07.30	07.45	
08.00	08.15	08.00	08.15	
08.30	08.45	08.30	08.45	
09.00	09.15	09.00	09.15	SUNDAYS & PUBLIC HOLIDAYS SCHEDULE
09.30	09.45	09.30	09.45	
10.00	10.15	10.00	10.15	
10.30	10.45	10.30	10.45	
11.00	11.15	11.00	11.15	
11.30	11.45	11.30	11.45	
12.00	12.15	12.00	12.15	
12.30	12.45	12.30	12.45	
13.00	13.15	13.00	13.15	
13.30	13.45	13.30	13.45	
14.00	14.15	14.00	14.15	
14.30	14.45	14.30	14.45	
15.00	15.15	15.00	15.15	
15.30	15.45	15.30	15.45	
16.00	16.15	16.00	16.15	
16.30	16.45	16.30	16.45	
17.00	17.15	17.00	17.15	
17.30	17.45	17.30	17.45	
18.00	18.15	18.00	18.15	
18.30	18.45	18.30	18.45	
19.00	19.15	19.00	19.15	
		19.30	19.45	SUNDAYS & PUBLIC HOLIDAYS SCHEDULE
		20.00	20.15	
		20.40	22.00	
		23.00	23.30	
		23.45	00.00	
		00.15	00.45	

Pjazza life just got better



PJAZZA REĠINA

Pjazzas have an irresistible charm. They are meeting places, bringing people together from all walks of life. They're stuff of memories - whether it was that long talk after everyone's gone, or the setting of that perfect photograph now sitting in your home. Pjazza Regina in Valletta is such a place and has been for generations. Delicata's new refreshing, fruity wines Pjazza Regina, much like the place they are named after, are guaranteed to make those treasured moments even more memorable.

RED WHITE ROSÉ 3 SENSATIONAL L.G.I. QUALITY WINES

delicata.com

BOV PERSONAL LOANS

All personal loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Benefit of free life cover applies to a maximum of €25,000 per loan, until age 69 or until loan account is closed whichever is the earlier. Terms and conditions apply.

2131 2020 | bov.com

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

BOV
Bank of Valletta

Werrej

Ta ħajtu għan-nies tal-Birgu: Dun Ġużepp Caruana	3
Kumitat Festi Esterni San Lawrenz	5
Il-messaġġ tal-Arċipriet	7
Il-messaġġ tas-Sindku	9
Kumitat Soċjetà Mużikali San Lawrenz	11
Messaġġ President Soċjetà Mużikali San Lawrenz	13
Diversi messaġġi	15-39
Xogħol u proġetti: Soċjetà li dejjem għaddejja	39
Sena sħiħa ta' ħidma u attivitajiet	45
Apprezzament: Twanny Gauci – Viċi President	53
Servizzi tal-Banda 2016	54
Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda	55
Kumitat Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi	56
Messaġġ President Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi	57
B'tant entużjażmu erġajna wasalna	61
Lil San Lawrenz Missierna	67
Il-parroċċa: sena ta' transizzjoni	69
L-Arċipriet Dun Ludovik Balzan DD	75
Tfuliti fil-Belt Vittoriosa	85
Talba tal-Levita Lorenzo fuq il-Gradilja	93
Dun Ġużepp: min kien? L-omelija tal-Arċipriet	95
Programm tal-Festa 2016	101-108
2006: Il-miraklu ta' 10 snin ilu	108
Armar ġdid u restawr għall-festa 2016	109
Rendikont Festa 2015	123
Kif stajt nara lil sħabi jibku ... u ma nġħinhomx!	125
Kumitat Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu	129
Messaġġ President Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu	131
Messaġġ Segretarju Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu	133
Programm tan-Nar 2016	143
Tliet toroq, tliet personaġġi b'rabta mal-Birgu	147
Is-sena 2015: *Annus horribilis?*	153
Birgu owns its patrimony to the *Castrum Maris*	163
Das-sajf se nagħmel servizz fil-Bażilika ta' San Pietru	169
Tlett tifkiriet tal-Arċisqof Mercieca	173
Din is-sena Renzo mhux se jkun magħna fil-festa	179
Frances u Leli m'għadhomx magħna	185
Vittoriosa in Festa	187
Marċi li se jindaqqu fil-Birgu Awwissu 2016	189
Baned mistiedna Festa 2016	191

Ritratt tal-faċċata: Marco Avellino

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA SAN LAWRENZ FLIMKIEN MAL-KUMITAT FESTI ESTERNI SAN LAWRENZ U S-SOĊJETÀ MUŻIKALI BANDA SAN LAWRENZ TAL-BELT VITTORIOSA

BORD EDITORJALI
Fr John Avellino
Lawrence V Farrugia
Noel Gauci
Pawlu Micallef

PRODUZZJONI
Fr John Avellino
Noel Gauci

RIKLAMI
Fr John Avellino, Glenn Agius,
Pawlu Bonġailas, Noel Gauci
Pawlu Micallef, Frans Saliba

QARI TAL-PROVI
Ronald Pisani, Charles Tabone,
Marian Zaffarese

SEGRETARJA TAL-PRODUZZJONI
Mary Rose Gauci

RITRATTI
Marco Avellino,
Melvin Degiorgio, Noel Gauci,
Lawrence Parascandolo,
Elton Randich, Matthew Raggio

DISINN
Branded Juice Ltd

STAMPAR
Gutenberg Press - Tarxien

Kumitat Festi Esterni San Lawrenz
91 Triq San Lawrenz
Birgu BRG 1384
Tel: 2182 7057

Ta ħajtu għan-nies tal-Birgu: Dun Ġużepp Caruana 1933 - 2016

PATRI HERMANN DUNCAN O CARM

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Jannar, solennità trasferita tal-Appostlu missierna San Pawl, patrun ta' Malta, tħabbret il-mewt tal-Kanonku Dun Ġużepp Caruana, li ħalla din id-dinja fid-Dar tal-Kleru, Birkirkara, fl-età ta' 83 sena. Dun Ġużepp twieled il-Birgu fil-21 ta' Jannar 1933 minn Mikiel Caruana u Marija Karmela, xebba Galea. Sa minn ċkunitu kien imur jitgħallem fis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija - *MUSEUM*, li kienet minn dejjem tgħin biex joktru l-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Nistgħu ngħidu li Dun Ġużepp xorob mit-tagħlim ta' San Ġorġ Preca. Hu baqa' f'din is-Soċjetà sakemm kiber u sar soċju.

Dun Ġużepp studja fis-Seminarju u fl-Università ta' Malta, minn fejn kiseb il-Liċenzjat fit-Teoloġija. L-Arċisqof Mons Mikiel Gonzi kien ordnah saċerdot fl-14 ta' Marzu 1959. Nistgħu ngħidu li sa minn mindu qaddes beda jgħin lill-Arċipriet tal-Birgu fil-ħidma pastorali f'din il-parroċċa. Għal ħafna snin kien jieħu ħsieb iż-żewġ sezzjonijiet, xebbiet u ġuvintur, taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara. Baqa' sal-aħħar Assistent Ekklesjastiku taċ-Ċirkolu tan-Nisa tal-Azzjoni Kattolika u għamel żmien Direttur tal-Abbatini tal-parroċċa. Fit-12 ta' Diċembru 1959 inħatar Viċi-Parroku u f'dan il-qasam il-morda u l-imnikktin tal-parroċċa jistgħu jgħidu b'liema paċenzja u mogħdrija Dun Ġuzepp kien jieħu ħsiebhom. Fit- 2 ta' Awwissu 1964 sar Kanonku tal-Kolleġġjata



Saċerdot twajjeb li kien qrib il-batut u l-marid u li tant ħadem għall-ġid tal-poplu Vittoriosan

tal-Birgu u fl-20 ta' Ġunju 1965 irċieva n-nomina ta' Kanonku Teologu tal-istess Kolleġġjata. Ħadem bħala Viċi ma' għadd ta' Arċiprieti tal-Birgu.

Wara dan il-profil żgħir ta' ħajtu, ħa ngħid xi ħaġa issa dwar dan is-saċerdot li tant tant ħalla impatt fuqi matul ħajti. Nista' ngħid li kien hu li għammidni fl-1961 u għalhekk għandi ħafna tifkiriet sbieħ tiegħu. Niftakar li dejjem kont narah bis-suttana jqarben il-morda u ġieli darbtejn jew tlieta kuljum. Darba kont żgħir u talabni biex immur miegħu ħalli jqarben saċerdot anzjan li kien

ikompli f'paġna 4

Ikompli minn paġna 3

marid. Tgħidx b'liema devozzjoni għamel dan. Kont issibu dejjem jitlob fil-knisja u dejjem lest biex jilqa' lil min jitolbu biex iqerr - anki fil-ħinijiet tal-lejl kien iqarar u ma kienx jiddejjaq. Iżda li kien jispikka fih kienet il-karità li kellu lejn il-proxxmu. Ikun min ikun, jekk xi ħadd imur jitolbu li għandu bżonn xi għajnuna, arah idaħħal idejh fis-suttana u jagħtih.

Nistgħu ngħidu li bħala nies tal-Birgu, u allura bħala parroċċa, tlifna ġawhra. Kif mar jgħid wieħed saċerdot dwaru, "kien bniedem umli li dejjem ħadem bla waqfien sal-aħħar żmien biex Ġesù jkun magħruf". Kont tarah dejjem minn ta' quddiem biex ikun fil-kor flimkien ma' sħabu l-kanonċi għal-liturġija tas-sigħat.

Niftakru dejjem ilibbes lil San Lawrenz għall-festa titulari. Kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna, San Ġużepp u San Lawrenz.

Il-funeral tiegħu sar l-għada tal-mewt tiegħu, it-Tnejn 1 ta' Frar 2016. Sar korteo funebri minn Triq Pawlu Boffa sal-knisja parrokkjali, fejn imbagħad fl-4pm bdiet il-quddiesa mmexxija mill-Arċisqof Charles J Scicluna, flimkien ma' tant saċerdoti oħra. Kellna knisja mimlija nies. L-omelija saret mill-Arċipriet tal-Birgu l-Kan Joseph Mizzi. Wara saret id-difna fil-kappella taċ-ċimiterju ta' San Lawrenz, il-Birgu, fil-qabar tal-Kapitlu li jinsab fil-kappella. Nitolbu għalih biex il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem u biex jibagħtilna aktar saċerdoti qaddisa bħalu li jmexxuna fit triq tal-qdusija. Nitolbuh ukoll jitlob għalina mis-sema. ❐

Ara wkoll artiklu f'paġna 97

Kumitat Festi Esterni San Lawrenz Belt Vittoriosa

Fuq quddiem mix-xellug għal-lemin:
Noel Casha, Christian Raggio, Fr John Avellino – ***Segretarju***, Fr Joseph Mizzi – ***President***, Doreen Raggio, Glenn Agius – ***Assistent Kaxxier***

Fuq wara mix-xellug għal-lemin:
Duncan Mizzi, Kristian Brincat – ***Assistent Segretarju***, Lawrence Montesin, Loran Zarb, Elton Gellel

Neqsin mir-ritratt:
Lawrence Avellino – ***Kaxxier***, Roderick Privitelli

WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!

MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES

WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE

BIBAS

YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT BIBAS, HOMPESCH ROAD, FGURA.
Tel: 2169 1269 E-mail: bibas@go.net.mt

5% DISCOUNT ON PRESENTATION OF THIS ADVERT

Ghal xogħol preċiż f'minjatura ta' bradelli, brazzi tal-ferro battuto, interzjar u mudelli ta' knejjes
Irrikorru ghand Manwel Vassallo
Mob : 9947 5003

San Lawrenz - espressjoni tal-Ħniena ta' Alla

KAN DUN JOSEPH MIZZI
Arċipriet Belt Vittoriosa

Din is-sena li qegħdin fiha, il-Knisja qed tiċċelebra l-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena ta' Alla, li dehret fuq wiċċ Kristu Ġesù. Fost l-Insara kollha, jispikka bla dubju ta' xejn San Lawrenz, li matul ħajtu kien manifestazzjoni tal-Ħniena ta' Alla. Hu mhux biss ġarrab personalment il-ħniena infinita ta' Alla miegħu, iżda wkoll fittex li jgħixha fi ħdan il-komunità Rumana fejn eżerċita l-ministeru tiegħu.

Il-ħajja ta' San Lawrenz hija espressjoni ħajja tal-ħniena ta' Alla, fejn hu dejjem fittex li jkun viċin il-fqar, il-batuti, il-minsija u l-imwarrba. Jalla aħna wkoll, id-devoti ta' San Lawrenz, nilbsu dawn is-sentimenti ta' ħniena biex inkunu tassew komunità, Knisja ħajja, fejn flimkien ngħixu l-opri tal-ħniena. Huma dawn l-azzjonijiet ta' ħniena li jorbtuna flimkien, li jgħinuna negħlbu d-differenzi ta' bejnietna u jagħmluna tassew il-ġisem mistiku ta' Kristu, il-familja tiegħu. Id-differenzi ma jifirduniex, iżda joħolqu iżjed kuluri u lwien. Pjuttost huwa d-dnub li jifridna, li jaqsamna bejnietna għax ix-xitan jifred irid.

San Lawrenz jgħinna nifhmu li aħna t-tempju ta' Alla u bħal ġebel ħaj tat-tempju ta' Alla, irridu nħossuna responsabbli flimkien għaż-żamma tal-għaqda u tal-ħajja ta' dan il-bini ħaj. L-Ewkaristija li niċċelebraw bħala familja tiġborna f'komunità waħda u tagħmilna aħwa ta'

> *"Jalla aħna wkoll nilbsu dawn is-sentimenti ta' ħniena biex inkunu tassew komunità, Knisja ħajja, fejn flimkien ngħixu l-opri tal-ħniena."*

xulxin, hekk li naslu biex ngħixu u nuru ħniena ma' kulħadd. Kif jitlob Alla minna, wara kollox.

Għalhekk ejjew inħobbu lill-parroċċa, li hi l-omm tagħna li għamditna u tatna l-fidi; ejjew inkunu ferħanin bil-parroċċa għax hi tagħmilna aħwa hekk li naslu biex ngħixu l-opri tal-ħniena ma' xulxin.

Jalla kulħadd ikun jista' jgħid: "Jien hawn iltqajt ma' Kristu; Kristu hawnhekk kellimni; hawn jien sibt min jilqagħni u min iħobbni; hawn jien nagħmel parti mill-merħla tiegħu u miniex minsi u waħdi; hawn jien ninsab magħqud miegħu; hawn jien nagħmel parti mill-familja ta' Alla, hawn jien flimkien mal-oħrajn qiegħed miexi wara Ġesù u fuq l-eżempju ta' San Lawrenz qed ngħin lill-oħrajn biex flimkien naslu fid-dar tal-Missier".

San Lawrenz itlob għalina u ieqaf mal-familji tal-parroċċa tagħna. Jalla bħala komunità f'dawn il-ġranet ta' festa niċċelebraw flimkien l-qdusija tal-patrun tagħna San Lawrenz. ❐

DON BERTO
PIZZA · PASTA · GRILL · WINE BAR
A - Birgu Waterfront, Birgu BRG 1721 - Malta
T - 00356 2180 8008, M - 00356 7980 8008,
E - info@donberto.com
www.donberto.com

Biex lil Beltna nagħmluha mhux aħjar, imma l-aħjar

JOHN BOXALL
Sindku Belt Vittoriosa

Ħuti Vittoriosani, erġajt ġejt mistieden biex nagħmel il-messaġġ tiegħi bħala Sindku tal-Birgu fl-okkażjoni tal-festa ta' San Lawrenz, Levita u martri, patrun ta' din il-Belt Vittoriosa.

Illum kull wild ta' din il-Belt Rebbieħa u glorjuża bl-istorja tagħha jħossu kburi kull meta jissemma' isimha u wisq aktar kull meta hu jsemmiha, l-aktar meta jiġi mistoqsi dwarha. Illum spiċċa dak iż-żmien li meta kont issemmi l-isem ta' din il-Belt Kapitali Marittima tal-gżejjer Maltin, kont titqies bħal persuna inferjuri. Kont kważi tispiċċa irredikolat u meqjus bħala persuna mingħajr identità. Iż-żminijiet inbiddlu, il-paġna nqalbet, dak kollu li kien jitqies bħala ikraħ, sar sabiħ, dak kollu li kien jissejjaħ fqir, sar sinjur, dak li kien jitqies ta' valur baxx, illum sar tal-għola valur u l-isem ta' din il-Belt Vittoriosa, li matul iż-żminijiet tat sehemha u ddefendit il-gżejjer Maltin, qed jissemma' mal-erbat irjieħ ta' dan il-globu.

Dan kollu ma sarx b'kumbinazzjoni jew għamilulna xi ħadd bi pjaċir, jew għax kien hemm xi ħadd li tħassarna, jew b'xi obbligazzjoni, imma dan kollu sar matul dawn l-aħħar tnejn u għoxrin sena, jiġifieri kemm ilhom kostitwiti l-Kunsilli Lokali fil-gżejjer Maltin. Dan kollu sar bis-saħħa ta' kull Vittoriosan li f'qalbu għandu minqux l-isem ta' Belt twelidu u li dan l-isem għamlu kburi aktar minn qatt qabel.

Dan seta' jsir frott ix-xogħol kollettiv u kontinwu li sar matul dawn l-aħħar snin mill-Kunsill Lokali, fejn minkejja d-diffikultajiet u minkejja għadd ta' limitazzjonijiet, għamel dak kollu possibbli biex isem din il-Belt b'titlu ta' *Città Vittoriosa* jitpoġġa fil-post li jixraqlu.

Ma kienx faċli, imma wkoll bl-għajnuna tal-Gvernijiet, kemm dawk preċedenti u dak attwali, li fehmu l-bżonnijiet u l-potenzjal turistiku kbir li għandha x'toffri din il-Belt, illum nistgħu niftaħru bil-progress li sar u għal mod ta' kif saru bosta xogħlijiet li komplew saħħru l-ġmiel ta' din il-Belt storika.

Jalla nibqgħu mexjin bil-pass li qbadna u fl-imkien inkomplu naħdmu bl-aktar mod onest u sinċier u mingħajr ebda aġenda moħbija biex lil Beltna nagħmluha mhux aħjar, imma l-aħjar fost l-ibliet u l-irħula ta' dawn il-gżejjer.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi jien, flimkien mal-Viċi Sindku, il-Kunsilliera, is-Segretarju Eżekuttiv, l-istaff klerikali, il-ħaddiema u l-familji tagħna, nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd, speċjalment lil dawk il-Vittoriosani kollha li jinsabu 'l barra minn xtutna u lil dawk li f'dawn il-ġranet tant sbieħ jinsabu rikoverati fl-isptarijiet. Nawgura wkoll li l-festa tkompli tagħmel ġieħ u tgħolli l-isem tal-Birgu tagħna. ❐

Bakery
Butcher
Delicatessen
Fresh Fruit & Vegetables
Household Goods
Perfumery
Wine Section

FREE Fontana 2L x 6 Pack

with every € 33 spent at Carters Supermarket or any Chain Outlet *

CHAIN supermarket

ZABBAR

Chain Supermarket
Triq L-Inhasa,
Zabbar ZBR 2853, Malta.

OPENING HOURS
Monday to Saturday
8:00am - 7:00pm

CHAIN supermarket

FGURA

Chain Supermarket
Triq Is-Sur,
Fgura FGR 1242, Malta.

OPENING HOURS
Monday to Thursday & Saturday
7:30am - 7:00pm
Friday 7:30am - 8:00pm

CHAIN foodstore

TIGNÉ POINT

Chain Food Store
The Point Shopping Mall,
Tigné Point TP 01, Malta.

OPENING HOURS
Monday to Saturday
9:30am - 7:30pm

CARTERS supermarket

TARXIEN

Carters Supermarket
Triq Hal Luqa,
Tarxien TXN 9044, Malta.

OPENING HOURS
Monday to Thursday & Saturday
7:30am - 7:00pm
Friday 7:30am - 8:00pm

T (+356) 2256 2256 F (+356) 2180 3590
E info@chainmarket.com www.chainmarket.com

Find us on: facebook.

Soċjetà Mużikali San Lawrenz Belt Vittoriosa Kumitat 2016 – 2017

Bil-qegħda mix-xellug għal-lemin:
Simon Farrugia – ***Segretarju***, Mro Jonathan Abela - ***Surmast Direttur***,
Lawrence V Farrugia – ***President***, Kan Joseph Mizzi – ***Kappillan***, Carmelo Abela – ***Kaxxier***,
Noel Gauci – ***Viċi-President***

Bil-wieqfa mix-xellug għal-lemin:
Paul Bongailas – ***Delegat tal-Banda***, Chris Pisani – ***Arkivista***, John Pisani - ***Rappreżentant tal-Banda***, Eugenio Pellicano – ***Assistent Segretarju***, Brady Bonnici, Carmelo Scicluna, John Attard, Lawrence Farrugia – ***Rappreżentanti tal-Membri***

Presidenti Onorarji: Dr Ugo Mifsud Bonnici LLD, Frà John Edward Critien, Lorenzo Zahra, Joseph Scicluna, Tony Cassar, Konrad Baldacchino
Membri Onorarji: Ed Schoebben, Ivan Scicluna, Geert Sciot
Surmast Direttur: Mro Jonathan Abela, ***Assistant Surmast***: Mro Francois Borg
Għalliem: Andrew Zarb
Kappillani Onorarji: Mons Lawrenz Mifsud, Mons Pawlu Raggio
Reviżuri: Mark Bugeja, Joseph Zammit

With balanced carbs and lean protein, you'll feel satisfied, for longer.

THE ORIGINAL LOW CARB EXPERT

It's why the new Atkins diet, works.



Now that's TRULY SATISFYING

Lowering and balancing carbs while increasing protein in your diet means you won't have niggling hunger pains. Rather a satisfied, fuller feeling. It's why Atkins is a delicious diet that works.

NOW available in leading pharmacies in Malta

NEW ATKINS™ TRULY SATISFYING

Register for your free starter kit today at www.atkins.com

For trade enquiries contact Charles de Giorgio Ltd.

L-10 ta' Awwissu: L-akbar avveniment tas-sena

LAWRENCE V FARRUGIA
President Soċjetà Mużikali Banda San Lawrenz

L-akbar avveniment tas-sena għalina l-Vittoriosani hu l-jum tal-10 ta' Awwissu li fih nfakkru t-twelid għas-sema tal-patrun u missier tagħna San Lawrenz. Okkażjoni biex nirriflettu kemm aħna xxurtjati li għandna qaddis hekk kbir bħala l-patrun tagħna u nirriflettu dwar l-imħabba kbira li kellu lejn Ġesù u l-Knisja. Hi okkażjoni biex il-familji u l-ħbieb jiltaqgħu u jifirħu flimkien. Niltaqgħu ma' Vittoriosani li joqogħdu barra minn Beltna u li ta' kull sena jkunu minn tal-ewwel biex jattendu għaċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru f'dawn il-ġranet. Il-festi esterni kibru minn kull angolu, kemm fl-armar, fin-nar, fil-marċi u l-Programm tas-7 ta' Awwissu, kif ukoll fl-entużjażmu.

L-isbaħ esperjanza li kellna f'dawn l-aħħar snin kienet fl-imġiba waqt il-ġranet tal-festa, fejn qed jirrenja ftehim reċiproku bejn l-entitajiet involuti fl-organizzazzjoni taż-żewġ festi li jsiru f'Beltna f'Awwissu. Id-dokument dwar iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi esterni tal-2011 kien strumentali biex iż-żewġ każini tal-banda ta' Beltna ħadu inizjattiva u waslu għall-ftehim dwar iċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-Belt Vittoriosa. Għalkemm fiż-żewġ naħat kien hemm min ma tantx ħa pjaċir f'dak li sar, imma llum nista' ngħid li qed naqtgħu l-frott ta' dan il-ftehim. Problemi jibqgħu, imma meta jkun hemm rieda tajba miż-żewġ naħat, għal kull problema tinstab soluzzjoni. Kemm hi ħaġa sabiħa li waqt il-marċi tal-briju, waqt li l-baned jgħaddu minn quddiem il-każin tal-oħrajn, il-Kumitat tal-każin jistieden lill-membri tal-Kumitat l-ieħor biex jidħlu għandhom u jixorbu flimkien. Dan jinħass ukoll f'attivitajiet tas-Soċjetajiet, kemm ta' ferħ u ta' niket, fejn qed jirrenja spirtu ta' koperazzjoni u ħbiberija. Ta' min isemmi l-kunċert konġunt li ż-żewġ baned għamlu flimkien nhar il-5 ta' Settembru fl-okkażjoni tal-450 sena tal-Assedju l-Kbir, taħt id-direzzjoni taż-żewġ Surmastrjiet u l-bandisti bl-unifomi rispettivi tagħhom.

Għas-Soċjetà tagħna l-festa tfisser organizzazzjoni kbira tas-servizzi tal-banda u l-kunċert popolari *Vittoriosa in Festa*. L-akbar xogħol għall-Kumitat hu li jsib il-flus biex jagħmel tajjeb għal dawn l-attivitajiet. Nitlob lil dawk li għandhom għal qalbhom il-festa u l-marċi biex f'dawn il-ġranet ikunu ġeneruż mal-Każin.

Il-Każin għandu ħafna impenji oħra, fosthom it-tagħlim tal-banda li fl-aħħar sena ħa spinta 'l quddiem, wara l-ħatra ta' Surmast u Assistent Surmast, is-servizzi l-oħra li tagħmel il-Banda fil-parroċċa u l-manutenzjoni biex inkomplu nsebbħu l-binja maestuża li writna mingħand missirijietna u li s-sena l-oħra tgħammdet bl-isem ta' *Palazzo Huesca*.

Nawgura li jkollna festa mill-isbaħ u l-ferħ ta' dawn il-ġranet jgħaqqaddna flimkien. ❐

GRAND HARBOUR MARINA

VITTORIOSA ◀ MALTA

SERVICE STANDARDS TO MATCH THE FINEST YACHTS AND THEIR MOST DISCERNING OWNERS

With berthing for yachts and superyachts up to 140m alongside (100m stern-to), Grand Harbour Marina offers internationally renowned Camper & Nicholsons' excellence, as well as comprehensive vessel support and top quality service and reassurance to yacht owners year round.

The highest level of facilities and services ensure that visitor and berth owner' needs are met in full, providing the best possible experience. Our knowledgeable local staff are always on hand to advise on anything, from reserving a dry dock to finding the best local bar for a relaxing drink.

The marina is sheltered and secure, with 24-hour CCTV and security patrols to ensure privacy and discretion. Essential operational services such as electricity, water, fuel, wi-fi, cable TV and grey and black water pump-out are all provided at the marina and berthing assistance is available 24 hours a day.

"Thanks again for all your assistance during our stay not only in GHM, but in the whole of Malta. Your expertise and tireless efforts are an asset the marina should be proud of. It would be nearly boring without you." – Captain Otto Linzel, M/Y Axioma

Email info@ghm.com.mt or call +356 21 800 700 for more information.

WWW.CNMARINAS.COM/GHM

IMAGES

Camper & Nicholsons

MARINAS

L-imħabba tal-Missier

FR JOHN AVELLINO
Segretarju Kumitat Festi Esterni San Lawrenz

Il-festa hi mument ta' ċelebrazzjoni, hi espressjoni ġenwina ta' dak il-ferħ qaddis li wieħed iħoss meta jipprova jgħix il-Vanġelu, bħalma għamel San Lawrenz wara kollox. U ngħixu l-Vanġelu fi ħdan il-komunità li nagħmlu parti minnha, li f'dawn il-ġranet tagħmel festa.

Bdejt b'dan il-ħsieb għax San Lawrenz hu eżempju ħaj ta' qaddis li għall-Vanġelu bata u ta ħajtu għal Kristu. Miet mewta kiefra fuq gradilja tikwi. San Lawrenz kellu wkoll imħabba kbira lejn il-Knisja u l-mexxejja tagħha, tant li ħalla Huesca, fi Spanja, fejn twieled, u mar biex ikun qaddej fidil tal-Papa f'Ruma u l-foqra ta' din il-Belt imperjali.

Il-Knisja sa mill-bidu għarfet il-kobor ta' dan il-qaddis, tant li fil-jum tiegħu tal-10 ta' Awwissu tagħmel festa mad-dinja kollha. Hu tassew qaddis tal-Knisja universali, fost l-ikbar qaddisin, tant li ismu jagħmel parti mil-Litanija tal-Qaddisin. San Lawrenz għex tant snin ilu, imma l-ispirtu u l-kariżma tiegħu jagħmluh żagħżugħ ta' dejjem. San Lawrenz għaldaqstant jiġbor fil-persuna tiegħu dik il-ħeġġa li għallimna Ġesù biex inħobbu u nagħtu bil-qalb, biex inkunu ta' servizz għall-oħrajn. U kemm hu sabiħ meta tagħti bil-qalb, kemm tirċievi bil-ħafna iżjed.

Jalla meta nkunu qed niċċelebraw fiimkien f'dawn il-ġranet ta' festa, inġibu f'moħħna din l-imħabba qaddisa li kellu San Lawrenz u l-imħabba li kellu lejn ommna l-Knisja.

Sbieħ bla dubju ċ-ċelebrazzjonijiet li nagħmlu f'dawn il-ġranet, sbieħ il-festi esterni li nagħmlu – jien stess nagħmel parti mill-Kumitat li jieħu ħsieb jorganizza dawn il-festi ta' barra, imma l-ikbar festa hi li niskopru l-imħabba tal-Missier għalina, li nduqu l-ħniena tiegħu, li niftħu qalbna għall-oħrajn. Fi kliem ieħor, irridu qabel xejn niċċelebraw il-kobor tal-imħabba li Alla għandu għall-bniedem, għal kull bniedem. Dan jgħodd b'mod partikolari f'din is-Sena tal-Ħniena li nieda l-Papa Franġisku.

Kemm nixtieq bħala saċerdot li din il-verità tasal aktar fi qlub in-nies tagħna, fil-membri kollha tal-komunità tagħna. Kemm nixtieq li nissaħħu fil-fidi tagħna, li wara kollox hi r-rabta tagħna ma' Ġesù, biex imbagħad nissaħħu fl-għaqda ta' bejnietna.

Nawgura mill-qalb festa qaddisa lil ħuti Vittoriosani kollha. Nawgura li lkoll kemm aħna nimitaw lil dan il-qaddis kbir tagħna li ħabb tassew u li qassam u ta lill-foqra. Lil sħabi membri tal-Kumitat tal-Festa, ngħidilhom grazzi mill-qalb tal-ħidma tant utli tagħhom tul is-sena kollha. Tajjeb napprezzaw l-isforz li jsir mill-Kumitat biex jinġabru l-fondi meħtieġa biex inkunu nistgħu nagħmlu festa. San Lawrenz iżomm idejh fuqna lkoll u fuq il-familji tagħna. ❐

Milia's pharmacy

HEALTH ~ BEAUTY ~ PERFUMERY ~ BABY

PHARMACY OPEN ALL DAY

MONDAY TO FRIDAY
7:30am to 9:30pm

SATURDAY
7:30am to 7:00pm

73, Triq il-Kottonera, Birgu - **t:** 2760 0126 • **e:** info@milias.com.mt

milias.com.mt

find us on facebook
miliaspharmacy

Inkomplu nsaħħu l-istrutturi tagħna

SIMON FARRUGIA
Segretarju Soċjetà Mużikali Banda San Lawrenz

Wara s-suċċess tal-festa tas-sena li għaddiet erġajna ninsabu hawn biex flimkien niċċelebraw festa oħra *ad unur* il-patrun tal-Belt Rebbieħa San Lawrenz.

Il-festa 2015 kienet xi ftit kiefra magħna, fejn il-maltemp li għamel fit-8 ta' Awwissu għamel ħsara kbira fi-armar, filwaqt li fi-10 ta' Awwissu, minħabba maltempata oħra, tħassret il-purċissjoni. Aħna bħala l-Banda tal-Birgu ħdimna u stinkajna biex il-poplu Vittoriosan ma timtemmlux ħesrem il-festa mingħajr ma ssir il-purċissjoni.

Fil-fatt Fr John Avellino, li dak iż-żmien kien qed imexxi l-parroċċa, ħareġ bl-idea li ssir il-purċissjoni nhar l-Ottava ta' San Lawrenz bis-sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz. L-idea ta' Fr John kienet approvata mill-Arċisqof u għaldaqstant nhar l-Ottava fraħna flimkien bħala poplu Vittoriosan. U hawn kellna konferma - jekk qatt kien hemm bżonnha tal-popolarità tal-festa tagħna, għax mhux biss in-nies tal-Birgu ħarġu jiċċelebraw, imma ngħaqdu magħna għadd ġmielu ta' nies li xtaqu jkunu magħna f'din il-ġrajja storika. Almenu, wara d-dieqa tal-ġranet tal-festa, stajna nifirħu flimkien.

Kien hemm ukoll l-aspetti pożittivi, bħalma kienet l-inawgurazzjoni tal-faċċata maestuża ta' *Palazzo Huesca*, il-Kunċert Mużikali tas-7 ta' Awwissu li kulħadd japprezza, kif ukoll il-marċi grandjuži tal-briju.

Din hija l-ewwel sena tiegħi fil-kariga ta' segretarju, minkejja li ili għal dawn l-aħħar 29 sena nokkupa karigi differenti. Hawn nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lejn il-predeċessuri tiegħi li kollha ħadmu bil-mod u bl-istil tagħhom għall-ġid tal-banda tal-Birgu. Meta nħares lura lejn dawn it-tnax-il xahar, jiġifieri minn Awwissu li għadda, malajr ninduna kemm iż-żmien ma jistenna lil ħadd. Iżda kienet sena fejn komplejna nissaħħu kemm mil-lat amministrattiv, kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-Banda.

Wara t-telfa tal-mibki eks-President Twanny Gauci u r-riżenja tal-kaxxier Oscar Adami, kien hemm xi wċuħ ġodda li daħlu fil-Kumitat, kif ukoll xi bdil f'xi karigi. Fost oħrajn mill-ġdid ilqajna fostna lil Noel Gauci - iben Twanny, li issa huwa l-Viċi President il-ġdid. Minbarra dan, wiċċ ġdid, iżda b'esperjenza amministrattiva vasta, huwa l-kaxxier il-ġdid Karmenu Abela. Dawn, flimkien ma' nies oħra, għandhom ikunu l-ġejjieni li fuqu għandha tinbena s-Soċjetà tagħna. Biex inkunu nistgħu naħdmu aktar b'mod professjonali saret segreterija ġdida li hija biswit il-kamra tal-kumitat.

Il-banda tal-Birgu kompliet tissaħħah kif ilha tagħmel għal dawn il-133 sena, fejn din is-sena se jingħaqdu erba' bandisti ġodda

ikompli f'paġna 18

Ikompli minn paġna 17

magħha. Is-servizzi komplew jiżdiedu, fejn anke b'kollaborazzjoni mal-Għaqda Mużikali San Ġużepp tal-Kalkara qegħdin intellgħu kunċerti mużikali bil-bandisti tal-post fil-Milied u fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Dan huwa punt pożittiv ħafna fejn l-allievi u bandisti tagħna jkunu dejjem impenjati bir-*rehearsals* u b'hekk il-prattika fuq l-istrument tibqa' hemm.

Biex inkomplu nsaħħu t-tagħlim mużikali matul din is-sena kellna l-ħatra ta' Francois Borg bħala Assistent Surmast ġdid, kif ukoll ta' Andrew Zarb bħala għalliem fl-iskola mużikali tagħna. Il-pass li għaddejjin bih bħalissa huwa dak tal-klassijiet tal-perkussjoni għat-tfal iż-żgħar.

Bħalma nagħmel kull sena, inħeġġeġ lill-ġenituri biex iħajru lit-tfal tagħhom jiġi l-Każin jitgħallmu l-arti mużikali. Dan jista' jkun ta' ġid mhux biss għall-Każin tagħna, imma wkoll għalihom personali. Li titgħallem strument hu pożittiv minn kull att.

Iżda l-mument li kulħadd ikun ilu jistenna huwa dak tal-festa *ad unur* il-patrun tal-Belt Rebbieħa San Lawrenz, li l-ewwel banda tal-Birgu ġġib ismu b'unur kbir. Din is-sena, għal jum tant mistenni tas-7 ta' Awwissu, għażilna tema oriġinali - *El Ritmo Latino*, li nemmen li bħas-snin l-imgħoddija se tpaxxi lil kulħadd.

Minbarra dan nitlob il-koperazzjoni ta' kulħadd fil-marċi tal-briju biex flimkien niċċelebraw kif jixraq din l-akbar festa fil-Kottonera u waħda mill-ewlenin f'pajjiżna. Nieħu din l-okkażjoni biex nixtieq festa t-tajba u qaddisa lill-Vittoriosani kollha. ❐

Kibret il-festa, kibru l-ispejjeż

LAWRENCE AVELLINO
Kaxxier Kumitat Festi Esterni San Lawrenz

Hi f'qalbna, f'qalb kull Vittoriosan il-festa tagħna. Malli jibda jersaq ix-xahar ta' Awwissu, jibda jbaqbaq demmna. Ma jistax ikun mod ieħor. Minn ċkunitna l-ġenituri tagħna ħaduna l-knisja, nisslu f'qalbna l-imħabba li aħna l-Vittoriosani għandna lejn San Lawrenz. Ta' tfal li konna l-festa konna nistennewha, niċċelebrawha bis-sħiħ. Meta bdejna nikbru, kiber l-interess tagħna fil-festa, tant li ħafna minna, ħekk kif ħadna l-istat tal-ħajja tagħna, bdejna wkoll nimpenjaw ruħna għall-festa.

Ngħid għalija dan kien kważi pass naturali fil-mixja tal-ħajja tiegħi. In-nannu Wenz kien impenjat bis-sħiħ fil-ħidma għall-festa u għall-knisja tagħna, l-aktar f'dik li hi ħjata. Il-knisja kienet biex ngħid ħekk, it-tieni dar tiegħu. Warajh l-papà tiegħi, li bħalu għal ħafna snin kien membru attiv fil-Kumitat tal-Festa. U allura ma setax jonqos li jien inkompli fuq il-passi tagħhom.

Matul is-snin rajt il-festa tikber u tissaħħaħ. Niftakar żminijiet meta l-armar tagħna ma kienx fost l-aqwa f'Malta. Imma f'dawn l-aħħar erbgħin sena l-armar tagħna ħa spinta kbira 'l quddiem, biex illum għandna fost l-isbaħ armar fil-gżejjer Maltin. Dan hu l-frott ta' dawk kollha li tul dawn is-snin taw is-sehem tagħhom fil-Kumitat tal-Festa. Minn dawn il-paġni ngħidilhom grazzi.

Issa ilni aktar minn 20 sena membru ta' dan il-Kumitat, li minnhom għamilt 15-il sena bħala Kaxxier. Din is-sena se nieqaf minn din il-kariga u ngħaddi din ir-responsabbiltà lil membru ieħor tal-Kumitat.

Għedt li l-festa tul is-snin ħadet spinta kbira 'l quddiem; kibret tassew u sintendi magħha kibru l-ispejjeż. F'dan il-programm qed nippubblikaw ir-rendikont tal-festa 2015. Wieħed jista' jara li l-festa s-sena li għaddiet ġiet tiswa madwar €40,000. Mhux ċifra żgħira. Bi pjaċir ngħid li ħafna minn dawn il-fondi nġabru mill-ħidma tal-membri tal-Kumitat matul is-sena kollha, bl-attivitajiet ta' ġbir ta' fondi li jkunu organizzati. Kif tistgħu taraw, it-tombla ta' kull ġimgħa hi wkoll sors importanti ta' dħul għall-festa u ma nistax ma ngħidx grazzi lil oħti Doreen u t-tim tagħha li ġimgħa wara ġimgħa jorganizzaw it-tombla.

Imma ma nistax ma ngħidx grazzi wkoll lilkom il-Vittoriosani li wkoll għandkom sehem importanti fl-organizzazzjoni tal-festa permezz tal-għotjiet ġeneruż tagħkom. Ċertament ikun ġust li l-piż tal-festa jinqasam bejn kulħadd, għax tweġġa' meta tiswa' li xi wħud għadhom jirrufjutaw li jagħtu l-kontribut tagħhom għall-festa tagħna.

Nieħu din l-okkażjoni biex nawgura festa tajba lill-Vittoriosani kollha. Ejjew nifirħu flimkien għax tassew għandna biex. ❐

BeBirgu

Welcome to BeBirgu!

BeBirgu is Birgu's newest place to be! Situated in the completely renovated SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year for drinks and great food served in a European Brasserie setting with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu

jawgura l-festa t-tajba lil kulħadd!

BeBirgu,
San Lawrenz Band Club, Victory Square, Birgu

Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com

Biex ikollna festa ta' prestiġju

KARMENU ABELA
Kaxxier Soċjetà Mużikali Banda San Lawrenz

Nibda biex insellem lill-Vittoriosani kollha. Għalija huwa ta' unur kbir li f'Mejju li għadda l-kumitat għoġbu jaħtarni bħala kaxxier ta' din is-Soċjetà li tant hi magħrufa fil-gżejjer tagħna. Socjetà li hi tant għall-qalb il-Vittoriosani kollha.

Ngħidha kif inħossha, kont kaxxier ta' diversi għaqdiet oħra, iżda nistqarr li meta rajt kif jiffunzjona dan il-kumitat f'hekk imt mill-ewwel is-serjetà li biha jitmexxew il-laqgħat.

Kull xogħol, attivitajiet u servizz li jitwettaq fil-każin huma marbutin ma' finanzjament li jkun irid jipprovdi l-każin. Għaldaqstant l-immaniġġjar finanzjarju huwa essenzjali biex is-Soċjetà tippromwovi dawn l-attivitajiet għall-benefiċċju tal-Vittoriosani u għal dawk kollha li lkoll f'hekk jgħożżu lil din il-Belt Rebbieħa.

Għadni fil-bidu ta' din il-ħatra, iżda mill-ewwel ġurnata ridt inkun metikoluż fejn jidħlu l-finanzi. Għal din ir-raġuni ħa nkun qiegħed naħdem bis-sħiħ:

- B'attenzjoni – sabiex il-ħruġ u d-dħul ikunu reġistrati fil-pront;
- Bi trasparenza – sabiex kull tranżazzjoni li ssir tkun tista' tiġi awditjata;
- B'maniġment finanzjarju serju – sabiex il-finanzi akkumulati jiġu investiti u hekk ikun hemm redditu xieraq, kif għandu jkollu kull każin;
- B'dedikazzjoni – ħalli nkomplu noħolqu u ninkoraġġixxu skemi ta' ġbir ta' fondi, jew fund raising meħtieġa biex ikomplu jgħinu l-ispiża għolja rikorrenti li l-każin għandu bżonn kull sena.

Ovvjament il-każin jiddependi ħafna mill-membri u l-parruċċani ta' din il-Belt. Faċli ħafna tgħid kemm ikun hawn festa li tagħmel gieħ, imma kif wieħed jista' jifhem, kollox huwa marbut mas-saħħa tal-finanzi li jingabru. Dan aktar jimmotiva lili u lill-kumitat sabiex naħdmu biex jingabru l-fondi meħtieġa ħalli nżommu s-Soċjetà tagħna 'l quddiem.

Jiena għandi fiduċja sħiħa fil-Vittoriosani u persważ li s-sehem tagħhom sejjer ikun kruċjali biex ikollna festa ta' prestiġju, kif dejjem kellna fil-Belt Vittoriosa. Wara kollox din hi l-festa tagħna lkoll. Ċertament il-Każin jagħti s-sehem tiegħu, imma ntenni, kulħadd irid jagħmel il-parti tiegħu.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nawgura lil kulħadd li jkollna festa tajba, kif jixraq lil din il-Belt Rebbieħa. San Lawrenz iżomm idejh fuqna lkoll u fuq il-familji tagħna. Ejjew naħdmu f'imkien ħallu tassew nkunu familja waħda u hekk inkattru l-ħbiberija ta' bejnietna. ❐


MOTOR INSURANCE
FREE VRT
or EQUIVALENT DISCOUNT
with a new Motor
Insurance Policy
Terms and Conditions apply
Highly competitive and affordable motor insurance
ADDITIONAL EXTENSIONS AT NO EXTRA PREMIUM, DEPENDING ON TYPE OF COVER TAKEN
Roadside Assistance following an accident
Full Breakdown Cover for Comprehensive Private Policies
Personal Accident for all passengers
Legal Assistance for uninsured losses
Courtesy Vehicle for Comprehensive Private Policies
Personal Belongings
Loss of Keys
Glass Breakage
EXTENSIVE BENEFITS DESIGNED TO KEEP YOU MOVING AT NO ADDITIONAL EXPENSE
Reduced minimum premiums
Improved no claims discounts
When claiming for third party damage only, no excess applies for drivers over 21 years of age
BONNICI INSURANCE AGENCY LIMITED
agents for Middlesea Insurance p.l.c.
protection all around
Bonnici Insurance Agency Limited are agents for Middlesea Insurance p.l.c. Both companies are authorised by the Malta Financial Services Authority.
Sabrina Vella (T.I.I.) 19A, Nestu Laiviera Str, Vittoriosa. T: (+356) 21678542 M: (+356) 99092700
E: vellasabrina@yahoo.com
Sabrina Vella is an enrolled Tied Insurance Intermediary for Middlesea Insurance p.l.c. (MSI). MSI is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) to carry on Long Term and General Business under the Insurance Business Act 1998. Both are regulated by the MFSA.
COM 110609 194

Biex bħal San Lawrenz inkunu dixxipli ta' Kristu

PATRI FRANK BORG OP
Pirjol Komunità Dumnikana

Fit-30 ta' Awwissu tas-sena 257, il-Papa Sistu, malli tela' fuq it-tron ta' Pietru, immedjatament, mingħajr dewmien, ried qribu d-dixxiplu fidil u ħabib tiegħu Lawrenz. F'idejħ ħalla x-xogħol delikat ta' proto-djaknu. Fost ix-xogħolijiet ewlenin tiegħu, kellu jieħu ħsieb dawk l-aktar batuti tas-soċjetà. San Lawrenz jibqa' mfakkar għal mod kif kien jiddefendi lil dawn in-nies u l-imħabba tiegħu lejhom, tant li kien isejħilhom "it-teżori tal-Knisja".

Skont tradizzjoni antika, meta l-Prefett ta' Ruma talab lil San Lawrenz biex jagħtih id-deheb u l-fidda tal-Knisja, huwa beda jbiegħ kulma sab fil-Knisja u l-flus li ġabar, flok li tahom lill-Prefett, qassamhom lin-nies foqra u minsija tal-Belt. Lill-Prefett imbagħad ħadlu quddiemu kemm sab foqra, xjuħ u morda. Dan juri biċ-ċar li dan il-qaddis kellu mħabba u ħniena kbira lejn il-batut, il-morda u l-foqra bħalma kellu Sidna Ġesù Kristu.

Alla wera l-ħniena magħna l-bnedmin permezz ta' Ibnu Sidna Ġesù Kristu, li miet għalina fuq is-salib. Huwa jridna napprezzaw il-ħolqien, madankollu ġie fostna biex ħajjitna ma tkunx sempliċi passiġġata, imma tkun mixja. Mixja bi skop: li nilħqu lil Missier, permezz tiegħu, imbuttati mill-Ispirtu s-Santu.

Bosta Nsara jagħmlu minn ħajjithom passiġġata reliġjuza mimlija avventura: festi tar-raħal, xemgħat u fjuri, sagramenti maqtugħin mill-ħajja, talb li ma jidħolx fil-fond tal-konverzjoni eċċ. Kollox sabiħ. Dan huwa xenarju mill-aqwa. Imma hija mixja ta' nies mitluqin, storduti, ma jafux fejn se jaslu.

Il-ħajja ta' kull Nisrani ma tistax tkun hekk, iżda għandha tkun mixja vera wara Ġesù, li għandu jkun id-dawl tagħna. Importanti li bħala Nsara aħna dejjem nimxu wara dan id-dawl. B'hekk inkunu Nsara mdawla u b'saħħitna. Inkunu wkoll nifilħu ndawlu u nfejqu lil ta' madwarna. Inkunu Nsara "appostli", xhud ta' Kristu. Inkunu aħna wkoll "dawl" għall-oħrajn.

Dan huwa biss il-bidu, huwa meħtieġ ix-xandir tal-Bxara t-Tajba, li nagħrfu l-preżenza reali ta' Ġesù fi-Ikla Ewkaristika fejn kulħadd hu milqugħ, fejn hemm il-ġuħ għall-ġustizzja, fejn tingħata l-maħfra tad-dnubiet.

San Lawrenz mexa wara Kristu u għaraf bħalu jkun ħanin u mimli mħabba b'mod partikolari ma' dawk kollha li kienu mwarrba u minsija mis-soċjetà. Hekk jitlob minna l-Vanġelu. Hemm bżonn li bejnietna l-bnedmin nuru aktar ħniena, maħfra u mħabba, ħalli bħal San Lawrenz nkunu dixxipli awtentiċi ta' Kristu.

Minn qalbi nixtieq festa t-tajba lil kulħadd.❐

MR. RILEY'S
SINCE 1976
Mr. RILEY'S
ORIGINAL
French Fries
Mr. RILEY'S
ORIGINAL
Party Time

KW 27A, Corradino Industrial Estate, Paola
T: 2166 0505/06 E: sales@neriku.com
WWW.NERIKU.COM
Neriku
catering

San Lawrenz: eżempju ħaj tal-ħniena

FR CHARLES SULTANA
Kappillan Parroċċa San Lawrenz Għawdex

F'din is-sena tal-Ġublew tal-Ħniena ma nistgħux ma nħarsux lejn il-patrun tagħna San Lawrenz, li l-Knisja żammitu bħala eżempju mill-aqwa tal-opri karitattiva tagħha. Dik ix-xena mill-ħajja tiegħu fejn narawh jiskredita l-valur tal-ġid materjali tal-Knisja, iqassmu lill-foqra u mbagħad jiddikjara lill-foqra bħala t-teżori tal-Knisja, hija x-xena li tiddeskrivi l-kobor tal-qalb ħanina ta' Lorenzo. Bħala Djaknu l-missjoni tiegħu fil-Knisja kienet proprju li jservi u "jaqdi fuq l-imwejjed". Min jaf kemm nies messew il-ħniena ta' Alla permezz tal-karità li kien jagħmel San Lawrenz. Min jaf kemm nies bil-ġuħ, bla dar, bla saħħa u bla tama sabu f'Lorenzo kenn u tama. Għalih din kienet il-missjoni tal-Knisja u għalhekk, il-missjoni tiegħu. Il-kliem ta' Ġesu "kulma għamiltu ma wieħed mill-iżgħar minn dawn ħuti, għamiltuh miegħi" kien jinkoraġġixxi lil Lorenzo biex ikompli jaħdem biex iwassal l-id ħanina ta' Alla lill-imwarrbin tas-soċjetà.

Għaddew tant sekli mill-ħajja u l-mewt glorjuża ta' Lorenzo, imma s-sitwazzjoni tal-bniedem ma nbidlitx wisq. Fid-dinja ta' llum il-faqar għadu preżenti, b'uċuħ differenti. F'dinja fejn il-lussu u l-ħela materjali huma ppreżentati bħala n-norma, in-numru ta' dawk li jmorru jorqdu bil-ġuħ għadu inkonċepibbli. Il-problemi soċjali jiżdiedu u jikkumplikaw ruħhom minħabba l-egoiżmu tal-bniedem li aktar importanti d-drittijiet milli d-dmirijiet tiegħu. Anke llum, d-dinja għadha teħtieġ dik l-id ħanina li tmur lil hinn mill-interessi personali tagħha. Għandha bżonn l-imħabba bla kundizzjoni li kull bniedem tant jixtieq. Din hi l-imħabba li wasslilna Ġesù Kristu, bil-ħajja u l-mewt tiegħu! Din hi l-imħabba li biha ħabb Lorenzo!

Fl-Ewwel ittra tiegħu San Ġwann jiddikjara "hawn qegħda l-imħabba; mhux għax aħna ħabbejna lil Alla, imma għax ħabbna Hu". L-imħabba li biha rridu nħobbu u nħennu għal oħrajn ma trid tkun xejn ħlief riflessjoni tal-imħabba u l-ħniena li aħna rċevejna mingħand Alla. Min jagħraf li hu maħbub imbagħad ikun kapaċi jħobb! Min jirrikonoxxi l-ħniena murija miegħu imbagħad ikun kapaċi jħenn għall-oħrajn. San Lawrenz kien kapaċi jħobb lil oħrajn, iħenn għal oħrajn u jagħti ħajtu b'sagrifiċċju għax kien konvint li Ġesù kien diġà għamel dan kollu miegħu!

Għalhekk f'din is-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena ejjew inħarsu lejn il-patrun tagħna li hu l-aqwa eżempju tal-ħniena. Ejjew inħalluh jgħallimna mill-ġdid inħobbu lill-oħrajn fil-karità ġenwina. Bħalu nkunu persuni li ma nkunux mgħaġġla niġġudikaw imma aktar imħeġġa biex nifhmu u nħennu għal ħutna. Ejjew bħalu nagħrfu l-kobor tal-imħabba u l-ħniena li Alla qiegħed joffri lil kull bniedem. Ejjew bħalu nkunu strumenti biex indewqu lil oħrajn dawn id-doni ta' Alla. Nawgura festa tajba lil Lawrenzjani kollha. ❐

MIB INSURANCE AGENCY

MOTOR | BUSINESS | LIFE | HOME | MARINE CARGO | PERSONAL ACCIDENT | BOAT | TRAVEL

SPECIAL OFFER 10% DISCOUNT
on presentation of this advert

LLOYD'S

Citadel insurance

MIB Insurance Agency Ltd. is enrolled under the Insurance Intermediaries Act 2006 to act as an insurance agent for Certain Underwriters at Lloyd's and Citadel Insurance plc and all are regulated by the Malta Financial Services Authority.

MIB Insurance Agency Ltd.
53, MIB House, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1122, Malta. **T.** +356 234 33 234 **F.** +356 213 41 596 **E:** info@mibagency.com.mt

www.mibagency.com.mt **Follow us on Facebook**

Il-prietka minn fuq il-gradilja

DR UGO MIFSUD BONNICI - PRESIDENT EMERITU
President Onorarju Soċjetà Mużikali Banda San Lawrenz

Il-bniedem għandu istint biex iħares lilu nnifsu. Jekk dan l-istint jitħalla bla rażan, jista' jkun li l-bniedem jispiċċa egoist: ma jaħseb f'ħadd ħlief fih innifsu. Xi whud jippruvaw isebbħuh billi jsejħulu 'individwaliżmu'.

Iżda l-bniedem jitwieled fis-soċjetà tal-familja u jgħix fis-soċjetà ta' nies oħra anki barra mill-familja li fiha twieled jew li fforma hu jew hi stess. U fil-familja u fis-soċjetajiet l-oħra l-egoiżmu jġib il-ġlied u l-firda. Bejn l-aħwa u bejn l-imsieħba. Anki l-individwaliżmu li jgħallem li kulħadd iżomm ġidu għalih, iġib id-deni fis-soċjetà għax b'hekk min jispiċċa mejjet bil-ġuħ u min ibati bl-indiġestjoni.

It-tagħlim Nisrani jgħallem mod ieħor: taħseb f'ħaddieħor u tagħmel ma' għajrek bħalma tixtieq li jagħmlu miegħek. Iktar minn hekk, Ġesù Kristu għallem bl-eżempju tiegħu stess, is-sagrifiċċju għall-oħrajn. Dawk li jimitaw lil Kristu jagħmlu bħalu, jissagrifikaw ruħhom għall-oħrajn.

San Lawrenz, bħala segwaċi fidil ta' Ġesù Kristu u bħala qaddej fidil tal-Knisja li huwa ħabb tassew matul il-ħajja qasira tiegħu, offra lilu nnifsu bħala sagrifiċċju. Hu l-kuntrarju għal kollox tal-egoiżmu u l-individwaliżmu. Il-Knisja kienet is-soċjetà li fiha ħadem u li għaliha ssagrifika ħajtu. San Lawrenz ma kitibx bil-pinna, bħalma għamlu San Ġlormu u Santu Wistin. Kiteb bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu. Ma pprietkax minn fuq il-pulptu, ipprietka minn fuq il-gradilja. Lanqas Kristu ma kiteb bil-pinna u għalkemm ipprietka kullimkien,anki fis-sinagogi u fit-tempju, l-aqwa prietka għamilha minn fuq is-salib.

> *"San Lawrenz huwa l-kuntrarju għal kollox tal-egoiżmu u l-individwaliżmu. Il-Knisja kienet is-socjetà li fiha ħadem u li għaliha ssagrifika ħajtu."*

Jeħtieġ li rrażżnu l-egoiżmu tagħna; jeħtieġ nikxfu l-maskra tal-individwaliżmu fis-soċjetà umana, kemm fin-nazzjonijiet stess u kemm bejniethom.

Huwa għaqli li nieħdu l-eżempju ta' San Lawrenz u ta' min ixerred dejjem l-eżempju tiegħu, anki fost il-barranin li jiġu jżuru l-knisja tiegħu u dak il-kwadru kapolavur li pinġa Mattia Preti għal fuq l-altar.

San Lawrenz huwa eroj tal-altruwiżmu. Dan għadu skars wisq fost il-bnedmin. Ta' min ixerred it-tagħlima superjuri ta' San Lawrenz: is-sagrifiċċju u l-imħabba tal-proxxmu.

Intant nieħu din l-okkażjoni biex nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd. ❐

MEGAMAN®

MEGAMAN® LEDs
High Performance Eco-lighting Solutions

MEGAMAN® LED lamps deliver a warm glow, beautiful light performance and huge energy savings, making them ideal for nearly every applications at homes, hotels, restaurants, displays and more.

- Perfect alternatives for traditional incandescent and halogen lamps
- Linear dimming from 100% to 10%
- Long life of up to 25,000 hours
- Powerful light output
- No UV and IR radiation
- Instant start

MEGAMAN® LuxMeter

Available on the iPhone App Store

www.megaman.co | info@megaman.co

ess

electrical supplies & services ltd.

ESS Building, San Gwakkin Road, Mriehel, BKR 3000
Tel: **+356 21 255 777 /888** Fax: **+356 21 255 999**
Email: **info@ess.com.mt** Web: **www.ess.com.mt**

Meta kellna l-fratellanzi

LORENZO ZAHRA
President Onorarju Soċjetà Mużikali Banda San Lawrenz

Tajjeb infakkru li fil-Birgu fi-imgħoddi kellna diversi għaqdiet sekulari jgħinu fil-ħidma tal-parroċċa. Kien żmien il-faqar u x-xogħol iebes, meta l-għonja kienu jmexxu l-poplu mill-kastelli, waqt li l-ħaddiema kienu jgħixu qribhom fil-borgat.

Dak iż-żmien kellna l-fratellanzi, bħal dik tal-Madonna tal-Kandlora, ta' San Ġużepp, tas-Santassimu Sagrament, tal-Karità u oħrajn li jiġbru flimkien ċerti snajja. Kienu jagħżlu wkoll il-qaddisin patruni tagħhom, ħafna drabi marbuta mas-snajja tagħhom. Dawn tas-snajja kellhom il-konsli jew maġistrati rappreżentanti tagħhom fl-Università. Kien il-Papa Klement VIII li fis-7 ta' Diċembru 1604 waqqaf uffiċjalment dawn fi ħdan il-Knisja.

Dak iż-żmien fil-Birgu kellna wkoll minn dawn tas-snajja, bħalma huma dawk tal-kurdara, tal-mastrudaxxi, tal-iskrapan, tal-baħħara, tal-muraturi u oħrajn. Tant hu hekk li fl-1599 il-ħaddiema tal-Birgu kienu talbu lill-Gran Mastru biex jagħmlilhom statut bħal ma kellhom sħabhom ta' Palermo, biex b'hekk twieldet l-għaqda tagħhom taħt il-protezzjoni ta' San Franġisk de Paola.

Kien f'dak iż-żmien li jissemmew dawn il-konsli mill-Birgu, fosthom Salvu Abela tal-marittimi, Pawlu Mea tal-bennejja, Mikiel Staferrata tal-ħaddiema, Ġużè Burlo tas-sillara u oħrajn.

Imma kellna wkoll il-fratellanzi, bħal dik ta' Santu Rokku, li kienet tieħu ħsieb id-dfin, dik tal-Karità, li kienet ukoll tgħin fiż-żwiġijiet jew il-vokazzjonijiet reliġjużi. Din il-fratellanza kienet ukoll tqassam il-ħobż f'tilari. Hawn min jiftakar il-purċissjoni bil-bačiri sbieħ li kellhom il-fratelli. Dawn l-ewwel kienu jesponuhom fil-knisja tat-Trinità u minn hemm kienu jinġiebu f'purċissjoni għall-knisja akkumpanjati mill-banda.

Fis-26 ta' Settembru 2015, l-Arċisqof tagħna Mons Charles Jude Scicluna f'diskors li għamel appella lil-lajċi biex ikunu protagonisti u stqarr li rridu nimxu minn kultura klerikali għal dik fejn il-lajċi jħaddmu l-karattru li ħadu fil-magħmudija, jiġifieri li jkunu ta' servizz għall-oħrajn.

Dan kollu għandu jħeġġiġna lilna s-sekulari li ngħinu f'kull ħidma tal-parroċċa - u mhux fil-festa biss, biex nagħtu aktar. Dan l-aktar fi żminijietna, meta għandna nuqqas serju ta' saċerdoti u reliġjużi. L-appell tal-Arċisqof għandu jagħmlilna kuraġġ biex inkomplu naħdmu għall-ġid tal-parroċċa u għall-akbar glorja ta' Alla.

San Lawrenz f'dan kollu hu eżempju klassiku għalina: huwa ħabb il-Knisja u l-foqra ta' żmienu u għaraf ikun ta' servizz għalihom. Nawgura li nimitawh fiż-żelu li kellu li jkun ta' servizz. Il-festa t-tajba lil kulħadd. ❐


C&G
Street Lights
Decorations
CLINTON DEBONO
M +356 9988 4020
E dobonoclinton@outlook.com
C&G Street Lights Decorations

A martyr calling us all to joyful holiness

BAILIFF FRA JOHN E CRITIEN
President Onorarju Soċjetà Mużikali Banda San Lawrenz

The devotion to St Lawrence in Birgu originates from the Aragonese Castellans of the *Castrum Maris* – Fort St Angelo – in Medieval times and from the Genoese merchants who resided in our maritime City. Perhaps we should stop for a moment this year and remind ourselves what we learn from the feast we celebrate in his honour on the 10th of August.

The first thing is the importance of charity which, Pope Benedict said in *Deus Caritas Est*, is as essential to the faith as the proclamation of the Gospel and the celebration of the sacraments. The second thing is that we need to die to ourselves with courage and joy and the third is that the Church's true treasure is its people.

Let us then live our lives as St Lawrence did and ever conscious of his devotion to the poor, let us honour him by almsgiving on his feast day and throughout the year. The Maltese are a generous people and their contributions to worthy causes are an example to others. I need say no more about this.

But the Maltese are also a grumpy people; grumbling is a national pastime and Maltese *gemgem* reigns supreme all year round. We complain when it's sunny, we object when it's not: we protest as if there's no tomorrow. St Lawrence teaches us to see the humour

"Let us then live our lives as St Lawrence did and ever conscious of his devotion to the poor, let us honour him by almsgiving on his feast day and throughout the year."

in tough situations, everyday situations, almost every situation we find ourselves in. Let us learn from him to trust always in God's Divine Providence in order to help keep our sense of humour even in the most dire of situations.

Above all, let us not take ourselves too seriously. St Lawrence is the patron saint of comedians ... and in the Church's own sense of humour, patron of chefs and cooks, as well!

The feast we celebrate therefore, is not only about enjoying fireworks, street decorations and colourful lights, processions and brass bands. It is above all a lesson in life.

Having said that, I wish to express my gratitude to all those who make our feast possible and an outstanding success year after year; so many volunteers who give so much of their precious time to make it happen. I take this opportunity to wish everyone *il-festa t-tajba. Viva San Lawrenz.*

bp

Use BP Motor Oils in your car for added protection and efficiency of your engine

G&C
Grech & Ellul

Sir Paul Boffa Avenue, Paola.
Tel:2182 8059, 2182 0359, Fax:2167 7571

Soċjetà Ħabbrieka u Determinata

JOSEPH SCICLUNA
President Onorarju Soċjetà Mużikali Banda San Lawrenz

Għaddiet sena oħra u għall-grazzja ta' Alla u ta' missierna San Lawrenz ninsabu fuq l-għatba ta' festa oħra. Żgur li kull Vittoriosan li għandu għal qalbu l-festa jkun qed jistenna bil-ħerqa dik il-ġurnata tant għażiża għalina tal-10 tax-xahar ta' Awwissu.

Din is-sena tant kienet mimlija impenji għalija li għaddiet bħal-leħħa ta' berqa. Filli għadna nitkellmu dwar il-maltemp li laqat lill-pajjiżna fil-ġranet tal-festa tas-sena li għaddiet, fuq il-ħsarat kbar li ġarrabna fl-armar tant għażiż għalina u filli qiegħed nikteb dawn il-kelmtejn għall- festa li ġejja.

Kienet sena impenjattiva ferm għas-Soċjetà tagħna, fejn saru diversi tibdiliet fil-karigi għolja tal-Kumitat Ċentrali. Fost dawn insibu l-ħatra tal-kappillan tas-Soċjetà, il-Kan Joe Mizzi u hawn nieħu l-okkażjoni biex nawguralu snin twal ta' ħidma fostna l-Vittoriosani. Saru wkoll tibdiliet fil-karigi ta' Segretarju, Kaxxier, Viċi-President, Delegat tal-Banda u Arkivista. Minn hawn pubblikament nawguralhom u nħeġġiġhom biex flimkien inkomplu nirsistu biex inkabbru l-isem tas-Soċjetà tagħna.

Impenn ieħor li s-Soċjetà tagħna qed tagħtih ħafna importanza hu t-tagħlim tal-mużika. Fil-fehma tieghi dan huwa l-iskop ewlieni ta' kull soċjetà mużikali. Grazzi għall-ħeġġa li għandu s-Surmast Direttur Jonathan Abela, megħjun mill-Assistent Surmast Francois Borg u Andrew Zarb bħala għalliem, din is-sena se jingħaqdu mal-Banda Vittoriosana San Lawrenz erba' bandisti ġodda. Inħeġġeġ lill-ġenituri biex jibagħtu lill-uliedhom jitgħallmu l-mużika fil-każin tagħna, għaliex apparti li hu sabiħ li t-tfal minn età żgħira jibdew jitgħallmu l-mużika, permezz ta' bandisti ġodda tal-post inkomplu nsaħħu l-pedament tas-Soċjetà tagħna.

Irrid imbagħad insellem lil dawk kollha nvoluti fl-organizzazzjoni tal-festa biex flimkien inkomplu naħdmu bħal ħoloq ta' katina, għaliex din hija r-riċetta biex ikollna festi kbar bħalma dejjem iċċelebrajna.

Ċert li dan jinvolvi impenn u sagrifiċċju kbir, ħafna drabi familjari. Il-volontarjat fil-ħajja moderna li qiegħda tevolvi mhux faċli ssibu. Biex torganizza festa trid taħdem bla waqfien is-sena kollha u torganizza attivitajiet ta' ġbir ta' fondi.

Inħeġġeġ lil kulħadd biex jattendi dawn l-attivitajiet organizzati minn kull entità tal-festa għaliex hu bil-preżenza tagħkom li dawn il-voluntiera jkomplu jagħmlu kuraġġ u flimkien jorganizzaw festi kbar *ad unur* il-patrun tagħna San Lawrenz.

Nieħu din l-opportunità biex minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lill-Vittoriosani kollha. Ċert li bħas-snin l-imgħoddija se jkollna festa mill-isbaħ. ❐

THE AVENUE
Since 1987
Try out our Free Delivery
& Take-Away Services
Check out our online Menu on:
www.theavenuemalta.com
Call Us : 21 377 773 / 21 351 753 / 21 378 731
We Deliver to:
Bahar Ic-Caghaq - Gzira
Ibragg - Madliena Msida
Pembroke - San Gwann - Sliema
St.Julians - Swieqi - Ta' Xbiex
For other destinations kindly contact us on the day.
Lunch Opening Hours
Monday - Saturday 12.00 till 14.30
Sunday till 15:00
Dinner Opening Hours
Monday - Sunday 18.00 till 23.30
Summer : Sunday Lunch closed
P
Why not take
advantage of our
Free Parking?
Two-hour FREE parking at
Portomaso Car Park

Il-voluntiera ħaqqhom il-prosit tagħna

TONY CASSAR
President Onorarju Soċjetà Mużikali Banda San Lawrenz

Din is-sena ddeċidejt li nibda l-messaġġ tiegħi billi ngħid 'Prosit'! Ngħid prosit tassew lill-Kumitat tas-Soċjetà, lis-Sotto-Kumitati, is-Sezzjonijiet u l-voluntiera kollha. Għax hu bis-saħħa ta' dawn nies li nistgħu niċċelebraw festa kif jixraq lill-patrun tagħna San Lawrenz.

Ngħiduha kif inhi, irid ikollok qalb kbira biex wara ġurnata ta' ħidma, dawn il-voluntiera jmorru jqattgħu l-ħin liberu tagħhom jaħdmu għall-festa. Ikoll nafu kemm fiha xogħol biex ta' kull sena torganizza festa xierqa lill-patrun jew patruna ta' lokalità. Minn hawnhekk nieħu l-opportunità nsellem liż-żgħażagħ ħabbrieka Vittoriosani u l-kummissjonijiet fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Banda San Lawrenz, kif ukoll lid-dilettanti tan-nar, lin-nies li jarmaw il-knisja u dawk li jarmaw il-ġmiel ta' armar fuq barra għal żmien il-festa, biex b'hekk issir festa tajba f'ġieħ il-patrun tal-Belt Rebbieħa. Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lill-Vittoriosani kollha. ❐

... Catering With Elegance

Dolceria Bonta
A GUARANTEE OF SATISFACTION

We provide a professional and innovative wedding and outside catering services aimed at meeting each client's individual needs

Dolceria Bonta'
Nghajra Rd.
Zabbar
Tel: 21677949
info@dolceriabonta.com

Bandisti ġodda mal-Banda Vittoriosana San Lawrenz

Għall-festa ta' San Lawrenz ta' din is-sena se jingħaqdu mal-Banda Vittoriosana San Lawrenz erba' bandisti ġodda.

Fir-ritratt fuq wara mix-xellug għal-lemin: Andrea Bassi (sax alto), Mariah Treeby (clarinet), Josmar Mifsud (althorn), Lawrence Farrugia (trumpet).

Fuq quddiem mix-xellug għal-lemin: Francois Borg - Assistent Surmast, Jonathan Abela - Surmast Direttur, Andrew Zarb - Għalliem.

RE/MAX Alliance

DO YOU WANT TO SELL YOUR PROPERTY?

Contact me on 7931 0238 for professional advice

RODLENE GAUNT

52/1 Tigne Seafront Sliema SLM3011
M: +356 7931 0238
E: rodlene@remaxalliance.com.mt

Sena li ġabet magħha sfidi ġodda

PAWLU BONGAILAS
Delegat tal-Banda

Għeżież Vittoriosani, din is-sena qed nikteb bħala Delegat tal-Banda, kariga li tiġbor fiha responsabbiltà kbira u differenti minn dik ta' Segretarju ta' soċjetà kbira bħal tagħna.

L-aħħar sena kienet impenjattiva għas-Soċjetà tagħna. Sa xahar wara l-festa, il-banda tagħna daqqet ħames darbiet oħra: fil-purċissjoni fl-Ottava, fil-festa ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop, fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes f'Raħal Ġdid, l-Isla f'Jum il-Vitorja, kif ukoll waqt programm mużikali konġunt bejn il-baned tal-Birgu fl-okkażjoni tal-450 sena mill-Assedju l-Kbir.

Matul ix-xitwa kompla jissaħħaħ it-tagħlim mużikali u nħatar bħala Assistent Surmast Francois Borg, klarinettista magħruf biex jgħallem l-istrumenti tal-qasba. Fl-istess żmien bdejna bil-preparamenti għall-ħlas tal-bandisti u s-servizzi għas-sena 2016. Fil-fatt dawn saru f'nofs Ottubru.

Diċembru kien impenjattiv bil-programm mużikali mtella' għall-attività tal-Aġenzija Żgħażagħ u għall-festi tal-Milied. Dawn iż-żewġ programmi saru bejn l-allievi u l-bandisti tal-post tas-Soċjetà tagħna u dawk tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp tal-Kalkara. Din l-inizjattiva se tkun estiża għal żewġ programmi fis-sena, b'alternanza annwali tal-lokalità. L-ewwel programm ta' Diċembru sar il-Birgu u wara għalaqna s-sena servizzi bil-purċissjoni tal-Bambin lejlet il-Milied.

L-ewwel servizz dis-sena kien ta' fanfarra fil-bieb prinċipali tal-Każin waqt il-funeral ta' Mons Kan Dun Ġużepp Caruana.
Fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa l-banda kienet impenjata bis-sħiħ. Irrid ngħid li kienu mżanżna tliet marċi funebri ġodda mill-pinna ta' Mro Jonathan Abela, Chris Pisani u Andrew Zarb, li ġie ngaġġat bħala għalliem ieħor fl-istrutturi tas-Soċjetà. April għas-Soċjetà beda b'luttu wara li tħabbret il-mewt tal-Viċi President Twanny Gauci. Il-Banda sellmet lil Twanny b'fanfarra fil-bieb prinċipali tal-Każin.

Bejn Mejju u Ġunju l-banda kienet impenjata bis-servizzi tal-Ewwel Tqarbina, Qalb ta' Ġesù fil-parroċċa u f'Tal-Ħawli, fanfarra ta' *Corpus* kif ukoll kellna servizz ieħor fit-Tarzna ta' Palumbo. F'Lulju l-Banda daqqet il-Balluta fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu u fil-festa ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid. S'intendi mbagħad is-servizzi tal-festa tagħna.
Se ndoqqu wkoll fil-festa ta' San Girgor tas-Sliema, biex b'hekk inkunu għamilna 23 servizz din is-sena. Din is-sena se jkun implimentat proġett kbir ieħor permezz tal-fondi tal-Aġenzija Żgħażagħ, proġett li bih se nkomplu nattrezzaw ruħna fit-tagħlim mużikali, fil-*Vittoriosa Kids* and *Music Centre*.

Ejjew nifirħu flimkien għax tassew għandna biex nifirħu u niftaħru b'dan kollu li nappartjenu fih. Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil kull Vittoriosan f'pajjiżna. ❐

VITTORIOSA PHARMACY

EST 1907

An Institution in the Heart of the Three Cities

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD!

9, Main Gate Street, Vittoriosa. T: 21 807529

E: vittoriosapharmacy@gmail.com

Find us on Facebook

Saru diversi tibdiliet u inizjattivi

MRO JONATHAN ABELA
Surmast Direttur

Hekk kif bdejt bil-ħidma tiegħi fi ħdan is-Soċjetà tagħna sibt Soċjetà organizzata li laqgħetni tajjeb ħafna. Dan il-fattur tani kuraġġ u enerġija biex naħdem ħalli ntejbu l-livell tal-banda u s-servizzi li hi toffri. Flimkien bdejna nindividwaw oqsma li stajna nirranġaw. L-ewwel sforzi tagħna kienu ffukati fuq it-tagħlim tal-mużika. Għal dan il-għan saru diversi tibdiliet u inizjattivi. Kellna Assistent Surmast ġdid - Francois Borg u iktar tard ingħaqad magħna għalliem ieħor fuq ir-ramm, Andrew Zarb. L-għan ta' dawn l-għalliema kien propju biex l-istudenti tagħna jkunu jistgħu jingħataw iktar ħin u importanza fit-tagħlim tagħhom.

Kellna wkoll attivitajiet b'għan soċjali jew mużikali għall-alljievi u bandisti tagħna li ħallew impatt pożittiv ħafna. Dawn l-attivitajiet qed jgħinu biex nibnu l-għaqda bejn l-alljievi u bandisti. Il-proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ hu ta' fejda għall-baned Maltin u mhux inqas għall-banda tagħna. Fil-fatt bis-saħħa tal-fondi mogħtija mill-Aġenzija nxtraw diversi strumenti ġodda għall-alljievi tagħna.

Stajna wkoll intejbu il-mezzi ta' tagħlim. Diġà bdejna naħdmu fuq il-proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ għas-sena d-dieħla. Dawn il-pjanijiet u proġetti nemmen li ħa jinjettaw motivazzjoni u ħajja ġdida fl-alljievi, bandisti u fil-każin tagħna. L-għan hu li l-każin tagħna jkun ċentru ta' kultura mużikali.

Ħsibna wkoll fil-bandisti tal-post. Permezz ta' ftehim bejn il-Banda San Lawrenz u l-Banda San Ġużepp tal-Kalkara, sar possibbli li jittellgħu xi programmi bil-bandisti tal-post taż-żewġ baned. Diġà saru żewġ programmi, wieħed fil-Milied u ieħor f'Ħadd il-Palm. Dan il-ftehim estendejnih ukoll għall-attivitajiet soċjali. Bandisti u alljievi miż-żewġ Soċjetajiet sikwit qed jiltaqgħu permezz t'attivitajiet soċjali bħal *hikes* u ikliet. Dawn l-attivitajiet nixtieq li jiżdiedu. Nemmen li dan jista' jkun possibbli iktar u iktar jekk ikun hemm l-għajnuna tal-ġenituri tal-istess alljievi. Hemm proġetti sbieħ u ambizzjużi għall-banda u nemmen verament li dawn jistgħu jseħħu minħabba l-fatt li għandna kumitat dedikat u lill-banda jagħtiha prijorità u l-importanza li jeħtiġilha.

Fl-aħħar nett nixtieq nifraħ lill-bandisti ġodda li din is-sena ha jkunu qed jingħaqdu mal-kumplament tal-banda għall-ewwel darba. Nixtieq nirringrazzja lill-kumitat u lill-membri tal-Kummissjoni Banda, li minkejja l-impenji kollha tagħhom xorta qed jagħtu kontribut mill-qalb u jagħmlu xogħolhom b'dedikazzjoni u mpenn. Ix-xewqa tiegħi hi li jkollna iktar alljievi ġodda u banda dejjem aħjar. Għandi fiduċja kbira li dan ser iseħħ.

Nieħu din l-okkażjoni biex nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd. ❐

CAFE DU BRAZIL

The sign of good taste..!

VICTORY SQUARE, VITTORIOSA

RESIDENTIAL

COMMERCIAL

Gozo

MOST ADVANCED UP & OVER GARAGE DOORS
RESIDENTIAL, INDUSTRIAL & COMMERCIAL

UPWARD DOOR SYSTEMS LTD. (UDS)

GARAGE DOORS / SERVICE / INSTALLATION / PARTS

INDUSTRIAL ESTATE, XEWKIJA, VCT 115 GOZO, MALTA, EUROPE

TEL: 356 - 2156 4456 , FAX: 356 - 2156 4457, MOB: 356 - 9942 7391

E-MAIL: uds@maltanet.net WEBSITE: www.udsmalta.com

UDS Malta's Leading Garage Door Fabricator

Upward Door Systems Ltd Distributor of Upwardor Corporation products of Canada, leading garage door manufacturers in North America.

UPWARDOOR

Find us on Facebook

Xogħol u Proġetti: soċjetà Ħajja li dejjem għaddejja

SIMON FARRUGIA

Wara l-festa li għaddiet bħalma jsir kull sena l-Kumitat nieda programm ta' ħidma għat-tnax-il xahar li jwasslu għall- festa ta' San Lawrenz 2016. U kif sejrin taraw minbarra dak li ppjanajna kien hemm ċirkostanzi li nqalgħu fejn kellna nagħmlu proġetti li ma kinux ippjanati u li dawn jinvolvu somom kbar ta' flus. Imma l-għaqal fit-tmexxija ma toħloq ebda problemi meta niġu ffaċċjati b'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta.

Ħidma f'Palazzo Huesca

Ix-xogħol f'dan il-Palazz meraviljuż ma jaqta' xejn fejn b'ħidma kontinwa ssir manutenzjoni biex dan jinżamm fl-aqwa kundizzjoni. Matul din is-sena tkompliet iż-żebgħa fuq l-aperturi tal-faċċata minn ġewwa. Sar festum għall-arblu tat-turretta minn Giovann Raggio, filwaqt li l-President ħa ħsieb li ssir il-manutenzjoni neċessarja fuq id-diversi bjut tal-każin. Tkompliet u b'ħekk ġiet finalizzata l-iskultura fuq il-bankun li hemm fis-Sala tal-Arkivju. Saret vetrina ġdida għall-mużika fis-Sala tal-Arkivju ż-żgħir fejn fuqha matul is-sena ser tkun hemm esposta l-faċċata tal-planċier artistiku. Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li jsir uffiċċju ġdid u modern. Fil-fatt id-deċiżjoni tal-Kumitat kienet li dan isir fuq in-naħa ta' wara tal-kappella biex ikun imiss mal-kamra tal-Kumitat u l-kappella u l-uffiċċju jkunu

Dettal mill-iskultura fuq il-bankun fis-Sala tal-Arkivju

separati. Grazzi, fost l-oħrajn, għad-Ditta *Joe Sammut Ltd* għax-xogħol volontarju li għamlet fuq dan il-proġett. Spiża kbira li qabżet it-€3,000 kienet dik li saret fuq is-sistema tad-drenaġġ. Matul din is-sena beda x-xogħol fuq il-proġett tar-restawr tal-Arkivju Mużikali. Inġiebet stima mingħand kumpanija professjonali fejn huwa stmat li dan il-proġett ser ikun qed ilaħħaq is-somma ta' madwar € 35,000. Il-Kumitat għad irid isib il-fondi neċessarji biex jidħol għal dan il-proġett kbir.

Sala tal-Biljard

Bis-sala tal-biljard attiva s-sena kollha minn kmieni filgħodu sa tard filgħaxija l-Kumitat, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Biljard, iddeċieda li matul din is-sena jirranġa ż-żewġ imwejjed li hemm f'din is-sala. Fil-fatt inbidlu l-mattunelli tal-mejda numru 1, fejn dawn saru ġodda, filwaqt li dawk li kien hemm twaħħlu fuq il-mejda l-oħra. Inbidel il-pannu taż-żewġ imwejjed u sar xogħol ieħor fis-sala tal-biljard, bħal *scoreboard* ġdid, sett boċċi ġodda u aktar. Dan ix-xogħol kien jammonta għal spiża ta' madwar €3,000. Hawn nixtieq nirringrazzja lill-membri li għamlu ħafna xogħol volontarju, kif ukoll li bl-organizzazzjoni tal-maratona ġabru parti mill-fondi. Grazzi wkoll lil Mark Zammit li għen b'donazzjoni biex ittaffa ftit mill-piż tal-ispiża.

Il-Kummissjoni Banda, barra l-għadd ta' mużika ġdida li dejjem qed tkompli tkabbar l-arkivju mużikali, ħadmet biex għamlet

armi ġodda għal faxex tal-banda li jintużaw fis-servizzi barra l-lokal u f'xi servizzi oħra sekondarji. Inxtraw ukoll kalamiti biex dawn jintużaw biex tinżamm aktar soda l-arma tar-rakkmu meta din teħel mal-ġlekkijiet. Dawn kollha kienu sponsorjati minn Bjorn Callus. Rajna l-ħtieġa li minħabba l-problema tad-dawl fil-Ġimgħa l-Kbira nixtru lampi *LED* li jeħlu ma' kull librett. Dawn tħallsu minn Pawlu Bongailas, Bjorn Callus, Simon Farrugia u Chris Pisani.

Fondi Aġenzija Żgħażagħ

Aġenzija Żgħażagħ

Din is-sena erġajna bbenefikajna minn fondi ta' waħda mill-iskemi tal-Aġenzija Żgħażagħ għat-tagħlim mużikali. Dan ippermetta biex fost oħrajn xtrajna għadd konsiderevoli ta' strumenti tal-perkussjoni, biex issa nkunu nistgħu nibdew il-klassijiet tal-perkussjoni għat-tfal iż-żgħar. Inxtraw ukoll *syntheziser* u *photo copier* fost l-oħrajn.

Fondi SIS

Din is-sena kkwalifikajna wkoll għal fondi tas-*SIS* (*Small Initiatives Scheme*) biex stajna nwettqu l-proġett ta' *upgrading* tas-sit elettroniku tas-Soċjetà tagħna. Din issa se ssir b'żewġ lingwi, jiġifieri bil-lingwa Maltija kif inhi bħalissa u issa bl-lingwa Ingliża wkoll. Din se tkunu tistgħu tarawha mill-1 ta' Awwissu.

Planċier

Wara l-maltemp tas-sena li għaddiet saret xi ftit ħsara fuq il-planċier artistiku. Dan fil-fatt issewwa u minbarra dan saru wkoll *covers* ġodda għal pilandri u dawn qed jintrefgħu f'waħda mis-swali tal-każin biex ikollna aċċessibiltà aktar u niffaċilitaw ix-xogħol.

Minbarra dawn l-affarijiet kollha, kien hemm is-soltu xogħol li kompla jsir bħalma hi l-pubblikazzjoni ta' *'Leħen is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz'* li tinsab fis-sittax-il sena tagħha u li jekk Alla jrid bħal dan iż-żmien sena nkunu qed niċċelebraw il-100 ħarġa. Sar is-solitu *desk diary* li jitqassam lill-membri kollha mal-ħlas tal-menswalità, kif ukoll xogħol ta' żebgħa f'diversi postijiet u manutenzjoni oħra meħtieġa.

B'din il-kitba tiegħu stajtu taraw li l-ħidma f'din is-Soċjetà ma' taqta xejn. Soċjetà ħajja li dejjem għaddejja. Il-proġetti li għandna f'moħħna huma konferma tal-enerġija li għandna. Imma jekk jitwettqux jew le huwa suġġett għal kemm nies lesti li jagħtu l-għajnuna tagħhom kemm finanzjarja, kif ukoll manwali. ❐

CARGO
ONLY GENUINE FOOD
BAR & DINE · BIRGU WATERFRONT
- ARE NOW INTRODUCING THE NEW -
PLATTERS
- TO SHARE -
- MALTESE PLATTER -
Peppered goat cheese, Maltese sausage, arjoli dip,
black olive tapenade, marinated butter beans, black olives & capers.
Served with Maltese bread & galletti.
- SALUMI E FORMAGGI -
Spianata, salami, parma ham, pepperoni, grana shavings,
blue cheese & a selection of flavoured cheese.
Served with Maltese bread & galletti.
- AMERICAN PLATTER -
Chicken goujons, mozzarella sticks, chicken wings,
onion rings, BBQ Pork Ribs & deep fried potato chips.
Served with sweet chili & BBQ sauce.
- ASIAN PLATTER -
Spring rolls, samosas, shao mai, chicken skewers,
filo pastry prawns, prawn crackers.
Served with soya & sweet chili sauce.
OPEN MON TO SUN FOR LUNCH & DINNER
CALL NOW TO BOOK ON
21 804 804
more info?... like us on facebook

Sena sħiħa ta' ħidma u attivitajiet

SIMON FARRUGIA

Dawn it-tnax-il xahar li għaddew kienu mimlijin daqs bajda għall-Każin tagħna, b'għadd ta' attivitajiet organizzati matul is-sena kollha. Dan jikkonferma kemm il-Każin tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz huwa ċ-ċentru tal-ħajja soċjali tal-Birgu.

Lulju 2015

L-Erbgħa 22 ta' Lulju - Il-Banda San Lawrenz għamlet marċ fit-toroq tal-Balluta, tas-Sliema, fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Is-Sibt 25 ta' Lulju – Ikla ta' qabel il-festa fil-bitħa tal-Każin.

Il-Ħadd 26 ta' Lulju – Il-Banda San Lawrenz għamlet marċ u programm mużikali f'Raħal Ġdid fl-okkażjoni tal-Festa ta' Kristu Re.

Il-Ġimgħa 31 ta' Lulju – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz fetħet il-festi 2015 bil-marċ tradizzjonali tal-mota tan-Novena, wara li fil-Knisja Kolleġġjata u Konventwali ta' San Lawrenz sar il-ħruġ tal-istatwa titulari min-niċċa.

Awwissu 2015

It-Tnejn 3 t'Awwissu – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet marċ madwar it-toroq tal-Belt Vittoriosa. Wara saret iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tar-restawr tal-faċċata maestuża ta' *Palazzo Huesca* mill-Ministru Joe Mizzi.

L-Erbgħa 5 t'Awwissu – Sar ir-riċeviment tal-festa fil-każin għall-personalitajiet distinti, każini tal-baned, soċjetajiet tal-Birgu u sostenituri tas-Soċjetà.

Il-Ġimgħa 7 t'Awwissu – Ġie mtella' '*Vittoriosa in Festa*', programm vokali u strumentali, bis-sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz. It-tema tal-programm kienet '*Hakuna Matuta – a journey through Disney*'. Flimkien mal-Banda, ħadu sehem diversi kantanti, żeffiena, kif ukoll il-Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu.

Is-Sibt 8 t'Awwissu – L-Anteviġilja Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz akkumpanjat lill-istatwa devota ta' San Lawrenz Jagħti d-Dawl lill-Għomja mat-toroq ta' Beltna sat-tlugħ fuq il-Kolonna.

Il-Ħadd 9 t'Awwissu – Lejlet il-Festa Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet il-marċ tradizzjonali tat-*Te Deum* mat-toroq tal-Birgu.

It-Tnejn 10 t'Awwissu – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-quddiesa solenni ta' jum il-festa. Wara fis-1pm saret l-ikla tal-festa fid-*Don Berto Restaurant*. Minħabba l-maltemp kbir li ħakem lill-ġżejjer Maltin il-purċissjoni thassret.

It-Tnejn 17 t'Awwissu – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem

STEP IN
HOME APPLIANCES

30 Misraħ ir-Rebħa, Birgu
(Aġenti lokali għal Ventura General Gas Ltd)

Fejn issibu Airconditioners, Fridges, Cookers,
Washing Machines u kull xorta ta' home appliances.

BDL

BDL Books
PUBLISHING DISTRIBUTION RETAIL

Melitensia · Guide Books · Cookery · Dictionaries
Textbooks · War Titles · Tourist Books · History Novels
Coffee Table Books · Folklore · Children's Readers
Biographies and much more...

Book Distributors Limited
13, Giorgio Preca Street, San Ġwann (behind Junkers Toy Shop)
+356 2138 0351 info@bdlbooks.com
www.bdlbooks.com
Monday - Friday 9:00am - 5:00pm
Saturday 9:00am - 1:00pm
Like us on Facebook

fil-purċissjoni li saret madwar it-toroq tal-Birgu fl-okkażjoni tal-Ottava ta' San Lawrenz wara li f'jum l-10 t'Awwissu l-maltemp ħassar il-festi esterni. Il-Banda akkumpanjat l-istatwa b'daqq ta' innijiet Lawrenzjani.

Il-Ġimgħa 21 t'Awwissu – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet is-servizz ta' marċ brijuż fl-okkażjoni tal-festa ta' San Leonardu f'Ħal-Kirkop.

Il-Ħadd 23 t'Awwissu – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet is-servizz tal-marċ ta' filgħodu fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes f'Raħal Ġdid. Filgħaxija delegazzjoni tal-Kumitat attendiet għar-riċeviment tal-festa ta' San Duminku fil-Każin *Prince of Wales Own Band*.

Il-Ġimgħa 28 t'Awwissu – Ġie organizzat *BBQ* fil-*Mellieħa Holiday Complex*.

Settembru 2015

Is-Sibt 5 ta' Settembru - Fl-okkażjoni tal-450 anniversarju tal-Assedju l-Kbir sar kunċert mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz flimkien mal-Għaqda Filarmonika *Prince of Wales Own*. Il-Banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmastrijiet rispettivi Jonathan Abela u Emanuel Spagnol. Taħt id-direzzoni tas-Surmast Abela l-Banda konġunta esegwiet l-*marcia sinfonica Alba D'Amore* ta' Giovanni Giumarra, l-*overture Die Fliedermaus* ta' Johan Struass, *The Provenance*, kompożizzjoni tas-Surmast Abela stess u *Oregon*, kompożizzjoni ta' Jacob de Haan.

It-Tnejn 7 ta' Settembru – Membri tal-Kumitat attendew għal riċeviment fl-okkażjoni ta' Jum il-Birgu.

It-Tlieta 8 ta' Settembru - Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem

Kunċert moghti miż-żewġ baned tal-Birgu fl-okkazjoni tal-450 anniversarju tal-Assedju l-Kbir

fil-festa ta' Marija Bambina fil-Belt tal-Isla, fejn akkumpanjat l-istatwa ta' Marija Bambina madwar it-toroq tal-Belt Sengleana.

Il-Ħadd 13 ta' Settembru - Il-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz laqgħu fis-sala prinċipali ta' *Palazzo Huesca* lill-eks Surmast Paul Schembri. Din kienet okkażjoni biex is-Surmast Schembri jintwera rikonoxximent tal-35 servizz li huwa ta lill-Banda Vittoriosana San Lawrenz.

Kienet okkażjoni wkoll li matulha l-Kumitat laqa' għall-ewwel darba b'mod uffiċjali lill-Arċipriet Dun Joe Mizzi.

Il-Ħadd 27 ta' Settembru – Jum il-pussess ta' kanonku u Arċipriet tal-parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu Fr. Joe Mizzi fejn il-President u l-Kumitat attendew għall-quddiesa u riċeviment. Biex tiġi rispettata x-xewqa tal-Arċipriet il-Banda ma' ħaditx sehem

Ottubru 2015

It-Tnejn 5 t'Ottubru – Saret laqgħa tal-Kumitat Ċentrali. Il-Kumitat ħatar lil Francois Borg bħala Assistent Surmast tal-Banda, kif ukoll għalliem tal-istrumenti tal-injam fi ħdan l-istess Soċjetà.

Mill-Ġimgħa 9 sal-Ħadd 11 t'Ottubru – Kien organizzat għal darb'oħra l-*BirguFest*, fejn il-Kumitat tagħna organizza bottegini tal-ikel u x-xorb quddiem il-każin, kif ukoll fis-swali ta' fuq kien hemm wirjiet varji u bejgħ ta' kotba fil-kamra tal-Kumitat.

Mill-Ħamis 15 sal-Ġimgħa 16 t'Ottubru – Sar il-ħlas tal-bandisti.

Il-Kumitat isellem lill-eks Surmast Paul Schembri u jilqa' lill-Arċipriet il-ġdid fil-Każin

L-Assistent Surmast ġdid Francois Borg

Il-Ġimgħa 23 t'Ottubru – Il-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali fi ħdan is-Soċjetà organizzat ikla familjari f'*El Catalan Restaurant*, ix-Xgħajra, Żabbar. Ħadna tassew gost flimkien.

Novembru 2015

Is-Sibt 7 ta' Novembru – Saret l-ewwel laqgħa tal-Kummissjoni Biljard kif iffurmata għall-istaġun 2015/16.

It-Tnejn 9 ta' Novembru – Saret laqgħa bejn il-Każin tal-Banda u l-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz.

Il-Ġimgħa 13 ta' Novembru – Kienet organizzata ikla familjari fil-każin.

Is-Sibt 14 ta' Novembru – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-quddiesa fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann u marċ li sar fil-Belt Valletta, organizzati mill-Għaqda Każini tal-Banda, fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Ċeċilja.

Diċembru 2015

Bejn il-Ħamis 3 u s-Sibt 5 ta' Diċembru Is-Soċjetà tagħna ħadet sehem fil-Konferenza Nazzjonali '*Leading in the Volontary Sector*' li saret fil-Lukanda Marina San Ġorġ, San Ġiljan.

Is-Sibt 5 ta' Diċembru – Membri tal-Aġenzija Żgħażagħ għamlu zjara fil-Każin tagħna biex jaraw kif inhu għaddej il-proġett finanzjat mill-istess Aġenzija.

L-Erbgħa 9 ta' Diċembru – Saret il-finali tal-*Christmas Snooker Competition* fejn Mark Zammit għeleb lil Joseph Mizzi biex rebaħ din il-kompetizzjoni.

Is-Sibt 12 ta' Diċembru – *Dinner Dance* tal-Milied fil-Lukanda Preluna għall-membri, bandisti u ħbieb.

Il-Ħadd 13 ta' Diċembru – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem b'għanjiet u mużika tal-Milied fl-attività organizzata mill-Aġenzija Żgħażagħ bħala parti mill-proġett li s-Soċjetà bbenefikat minnu. Filgħaxija delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-programm mużikali organizzat mill-Għaqda Każini tal-Banda fit-Teatru Manoel, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ċeċilja.

Bejn il-Ġimgħa 18 u l-Ħadd 20 ta' Diċembru – Ġiet organizzata maratona ta' 50 siegħa *snooker*.

Il-Ħadd 20 ta' Diċembru – Il-bandisti u l-allievi tal-post tal-Banda tagħna, flimkien ma' dawk tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp, Kalkara, tellgħu programm mużikali tal-Milied fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa.

Il-Ħamis 24 ta' Diċembru – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem fil-purċissjoni bil-Bambin tal-Milied, li kienet organizzata miċ-Ċentru tal-Katekiżi, b'daqq ta' diversi innijiet tal-Milied.

It-Tnejn 28 ta' Diċembru – Sar il-festin tal-Milied fil-Każin. Kien mument biex nagħtu lil xulxin l-awguri tal-Milied.

Jannar 2016

Il-Ġimgħa 8 ta' Jannar – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għar-riċeviment tal-Milied tal-Għaqda Każini tal-Banda.

Is-Sibt 16 ta' Jannar – Delegazzjoni mill-Kumitat ħadet sehem fit-tifkira annwali ta' dawk li mietu fil-Birgu matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

L-Erbgħa 27 ta' Jannar – Saret Laqgħa Ġenerali Mista fejn inqraw ir-rapport amministrattiv u dak finanzjarju.

Frar 2016

It-Tnejn 1 ta' Frar – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz sellmet lill-mibki Kanonku Dun Ġużepp Caruana b'fanfarra meta l-korteo funebri wasal quddiem il-każin.

L-Erbgħa 3 ta' Frar – Saret iċ-ċerimonja tal-għoti tal-fondi mill-iskema *SIS (Small Initiative Scheme)* f'Dar l-Ewropa għall-proġett '*Reaching out further*' li s-Soċjetà tagħna kkwalifikat għaliha.

Il-Ġimgħa 5 ta' Frar – Saret ikla tal-Karnival fir-ristorant *Swan Lake* f'Wied il-Għajn.

Il-Ġimgħa 12 ta' Frar – Saret *pasta night* għall-allievi u bandisti tal-banda tagħna fil-Każin. Walter Attard rebaħ il-kompetizzjoni tal-*Pot Black* meta fil-finali għeleb lil Brian Ellul.

Marzu 2016

Is-Sibt 5 ta' Marzu – Id-Delegat tal-Banda u l-arkivista attendew għal Seminar organizzat mill-Għaqda Każini Banda.

It-Tnejn 7 ta' Marzu – Waqt laqgħa tal-Kumitat Ċentrali kienu *co-opted* fil-Kumitat Karmenu Abela u Lawrence Farrugia. Il-Kumitat ħatar lil Andrew Zarb bħala għalliem fl-iskola tal-mużika tas-Soċjetà.

Is-Sibt 19 ta' Marzu – Is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz ħawlet sigra fil-Foss tal-Birgu f'attività organizzata mill-Kunsill Lokali.

Il-Ħadd 20 ta' Marzu – Fl-okkażjoni ta' Ħadd il-Palm, l-allievi u bandisti tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz flimkien ma' dawk tal-Banda San Ġużepp, Kalkara, tellgħu programm mużikali funebri fil-Kalkara.

Il-Ġimgħa 25 ta' Marzu – Jum Il-Ġimgħa l-Kbira. Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz esegwiet programm ta' marċi funebri fil-Pjazza u wara akkumpanjat il-purċissjoni sad-dħul tagħha b'daqq ta' marċi funebri.

Is-Sibt 26 ta' Marzu – Kien organizzat l-*Easter Cold Buffet* fil-każin wara l-quddiesa ta' Sibt il-Għid.

Il-Ħadd 27 ta' Marzu – Jum l-Għid il-Kbir. Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz b'daqq ta' marċi u valzi akkumpanjat l-istatwa ta' Kristu Rxoxt madwar it-toroq tal-Birgu.

April 2016

Is-Sibt 2 t'April – Is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz sellmet lill-Viċi President tagħha Anthony Gauci wara li huwa ħalla din id-dinja nhar il-Ġimgħa l-1 t'April. Hekk kif il-korteo wasal quddiem *Palazzo Huesca* il-bandisti sellmu lil Twanny b'daqq ta' fanfarra. Minkejja li l-Kumitat iddeċieda li ddoqq il-Banda fil-funeral, is-Soċjetà rrispettat l-għażla tal-familja.

Il-Ħadd 3 t'April – Sar it-Tberik tal-Każin mill-Arċipriet Kan Joe Mizzi.

L-Erbgħa 6 t'April – Saret laqgħa tal-Kumitat Ċentrali. Attendejna wkoll għal-laqgħa

Il-bandisti jsellmu lill-Viċi President Twanny Gauci bid-daqq ta' fanfarra

ta' informazzjoni organizzata miċ-Ċentru tal-Volontarjat.

Il-Ġimgħa 8 t'April – Laqgħa bejn il-Każin tal-Banda u l-Kumitat tal-Festa.

Il-Ġimgħa 15 t'April – Kien inawgurat il-proġett tas-sala tal-biljard wara li sar xogħol estensiv kemm fis-sala, kif ukoll fuq iż-żewġ imwejjed.

Il-Ġimgħa 22 t'April – Laqgħa bejn il-Każin tal-Banda u l-Kumitat tal-Festa.

Il-Ġimgħa 29 t'April – Saret laqgħa tal-Kumitat Ċentrali. Saret ukoll il-finali tal-*BeBirgu Snooker Competition* li fiha Brian Cauchi għeleb lil Mark Spacey 2-0.

Mejju 2016

L-Erbgħa 4 ta' Mejju – Saret quddiesa b'suffraġju għar-ruħ l-ex Viċi-President Anthony Gauci, li mar jiltaqa' mal-Ħallieq tagħna fil-bidu ta' April.

Saret Laqgħa Ġenerali tal-bandisti u membri propjetarji fejn Noel Gauci nħatar bħala Viċi President, filwaqt li Karmenu Abela sar il-Kaxxier tas-Soċjetà.

Il-Ħamis 12 ta' Mejju – Il-leġġendarju plejer tal-futbol, il-Franċiż David Trezeguet żar *Palazzo Huesca* bħala parti mill-mawra tiegħu f'pajjiżna fuq stedina tal-*Juventus Club Vero Amore*.

Il-Ġimgħa 13 ta' Mejju – Saret laqgħa mal-Arċipriet dwar il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid.

Is-Sibt 14 ta' Mejju – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa organizzata mill-Għaqda Każini Banda dwar l-attivitajiet konnessi mal-*V18* u l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea.

Il-Ħamis 19 ta' Mejju – Attendejna għal-laqgħa mill-Għaqda Każini Banda dwar servizz li kellu jsir fit-Tarzna Palumbo.

Il-Ħadd 22 ta' Mejju – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz akkumpanjat lit-tfal li kienu se jirċievu l-Ewwel Tqarbina miċ-Ċentru tal-Katekiżmu sal-knisja parrokkjali bid-daqq ta' innijiet Ewkaristiċi.

It-Tlieta 24 ta' Mejju – Mota tal-Ewwel Erbgħa ta' San Lawrenz.

L-Erbgħa 25 ta' Mejju – L-Ewwel Erbgħa ta' San Lawrenz.

Il-Ġimgħa 27 ta' Mejju – Ikla fl-okkażjoni tal-Ewwel Erbgħa fis-*Sottovento Restaurant, Vittoriosa Waterfront.*

Is-Sibt 28 ta' Mejju – Attendejna għal-laqgħa organizzata miċ-Ċentru tal-Volontarjat dwar l-iskema *SIS.* Filgħaxija fanfarra waqt il-purċissjoni ta' *Corpus.*

Il-Ħadd 29 ta' Mejju – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz flimkien mal-Għaqda Mużikali San Ġużepp, Kalkara, ngħaqdu flimkien biex ħadu sehem permezz ta' daqq ta' marċi brijużi fl-*Open Day* li saret fit-Tarzna Palumbo.

Ġunju 2016

L-Erbgħa 1 ta' Ġunju – Ġie fi tmiemu l-istaġun tal-isnooker 2015/16 bil-finali tad-*doubles* li ntrebħet minn Chris Pisani u Emanuel Gravina li għelbu lil Lawrence Mizzi u Brian Ellul 2-1. Saret Laqgħa mal-Arċipriet dwar il-festa 2016.

Il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju – Il-Banda ħadet sehem fil-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù li saret fil-Birgu, b'daqq ta' Innijiet.

Il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju – Il-Banda ħadet sehem fil-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù f'Tal-Ħawli. Delegazzjoni tal-Kumitat attendiet għaċ-ċerimonja tal-għotjiet ta' fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ.

Il-Ħamis 23 ta' Ġunju – Saret laqgħa bejn il-Każin tal-Banda u l-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz.

Il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju – Sar *BBQ* fil-lukanda Victoria, Sliema.

Barra dawn l-attivitajiet matul is-sena saru għadd ta' laqgħat tal-Kumitat, tal-kummissjonijiet Attivitajiet Soċjali, Banda, Biljard, *BirguFest*, Finanzi u Manutenzjoni. Insomma Soċjetà dejjem attiva u ħajja. ❐

Apprezzament: Twanny Gauci Viċi-President

LAWRENCE V FARRUGIA

Fl-1 t' April li għadda mar jingħaqad mal-Mulej fis-sema l-ħabib tagħna Twanny Gauci fl-età ta' 76 sena wara marda ta' ftit ġimgħat li għaddihom bl-akbar rassenjazzjoni fl-isptar, imdawwar miż-żewġ uliedu għall-biċċa l-kbira taż-żmien. Għalija dawn uliedu kienu xhieda tal-imħabba li kellhom lejn missierhom, bħalma kellu huwa tul ħajtu lejhom. Twanny kien iħobb dak kollu li hu tal-Birgu. Ma kienx jaf jgħid il-kelma 'le' u kien dejjem lest li jgħin lill-għaqdiet kollha ta' Beltna: Każin tal-Banda, festa ta' San Lawrenz, Ġimgħa Kbira, futbol, boċċi, dgħajjes.

Fil-Każin Twanny għamel 20 sena fil-Kumitat u serva bħala Segretarju, kif ukoll għal żmien twil bħala Viċi President. Għal bosta snin kien jirrappreżenta lill-Każin bħala delegat fl-Għaqda Każini tal-Banda u serva bħala Segretarju fil-Kumitat tal-Kottonera Magħquda bħala rappreżentant tal-Każin. Fit-tmeninijiet għal bosta snin kien ukoll Segretarju fil-Kumitat tal-Festa.

Twanny kien raġel ferrieħi, soċjali, mingħajr pretenzjonijiet u qalbu tajba. Kellu għal qalbu ħafna l-wirja 'Getsemani' li kien jagħmel parti mill-Kummissjoni ta' din il-wirja sa mill-ewwel snin tat-twaqqif tagħha u ħadem ħafna fuq it-tkabbir tal-wirja, fejn għamel ħafna mix-xogħol tal-injam u dak tad-dawl u *sound*. Twanny kien sinonimu mal-purċissjoni tal-Ġimgħa

Kbira. Dan għaliex f'limkien ma' ħuħ Ġuži kien jieħu ħsieb l-irtukkar tal-persunaġġi.

F'żogħżitu Twanny kien attiv ħafna fiċ-Ċirkolu San Filippu Neri tal-Azzjoni Kattolika. Jien u hu flimkien konna mmexxu s-sezzjoni tal-benjamini u aspiranti, li kienu jlaħħqu 'lil fuq minn mija. Wara li jiena żżewwiġt, assuma l-kariga ta' President tal-Azzjoni Kattolika. Wara li fl-Azzjoni Kottolika ma baqax isir it-teatrin, fejn kien wieħed mill-atturi, Twanny ħa l-impenn li jibda jħaddem il-magna tat-*talkies* 16mm li kienet inxtrat. Kien żmien veru sabiħ.

Twanny għamel il-karriera tax-xogħol tiegħu fit-Tarzna. Daħal bħala *engine fitter apprentice* fl-1953, fi żmien meta din kienet għada tarzna navali. Wara li qatta' żmien bħala *fitter* fil-*Main Machine Shop*, imbagħad sar mgħallem u aktar tard *foreman*. Hawn kellu responsabbiltà kbira, għaliex barra mill-problemi tekniċi li jġib miegħu kull xogħol, kellu l-pressjoni kbira ġurnata wara ġurnata biex ix-xogħol jitlesta fil-ħin.

Twanny kellu karattru ferrieħi u kien maħbub għaliex it-tbissima tiegħu kienet tisraq il-qlub ta' dawk li kienu jafuh. Din kienet espressa fil-funeral li sar nhar is-Sibt 2 ta' April, fejn il-Kolleġġjata ta' San Lawrenz, li tant kien iħobb, kienet maħnuqa bin-nies.

Ċert li fil-ġranet tal-festa ta' San Lawrenz Twanny se jkun qiegħed igawdi l-glorja tas-sema mal-Mulej, il-Madonna u l-qaddisin, fosthom San Lawrenz, li hu tant ħabb. Hu veru li Twanny ħalliena, imma t-tifkira tiegħu tibqa' magħna dejjem, l-aktar jien li għixna flimkien fl-Azzjoni Kattolika, fit-Tarzna u fil-Każin. Mulej agħtih il-mistrieħ ta' dejjem li tant ħadem għalih fuq din l-art. ❐

Servizzi Banda San Lawrenz 2016

1 TA' FRAR	**Fanfarra Funeral Dun Ġużepp**	BIRGU
21 TA' MARZU	**Programm Ħadd il-Palm**	KALKARA
25 TA' MARZU	**Ġimgħa l-Kbira**	BIRGU
27 TA' MARZU	**Ħadd il-Għid**	BIRGU
2 TA' APRIL	**Fanfarra Funeral Twanny Gauci**	BIRGU
22 TA' MEJJU	**L-Ewwel Tqarbina**	BIRGU
28 TA' MEJJU	**Open Day Palumbo**	BORMLA
28 TA' MEJJU	**Fanfarra Corpus**	BIRGU
3 TA' ĠUNJU	**Qalb ta' Ġesù**	BIRGU
10 TA' ĠUNJU	**Qalb ta' Ġesù**	ĦAWLI
27 TA' LULJU	**Madonna tal-Karmnu**	BALLUTA
31 TA' LULJU	**Kristu Re**	RAĦAL ĠDID
31 TA' LULJU	**Mota tan-Novena**	BIRGU
7 TA' AWWISSU	**Programm Mużikali**	BIRGU
8 TA' AWWISSU	**Anteviġilja**	BIRGU
9 TA' AWWISSU	**Marċ Te Deum**	BIRGU
11 TA' AWWISSU	**L-Għada tal-Festa**	BIRGU
19 TA' AWWISSU	**San Leonardo**	KIRKOP
4 TA' SETTEMBRU	**San Girgor**	SLIEMA
8 TA' SETTEMBRU	**Marija Bambina**	ISLA
11 TA' DIĊEMBRU	**Programm Aġenzija Żgħażagħ**	SANTA VENERA
24 TA' DIĊEMBRU	**Lejlet il-Milied**	BIRGU

Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda

DR NOEL CAMILLERI LLD
President

Meta jkun qed joqrob iż-żmien li matulu belt jew raħal ikunu se jiċċelebraw il-festa dedikata lill-patrun qaddis tagħhom, dik il-komunità tibda bil-preparamenti meħtieġa biex tiċċelebra b'mod xieraq il-festa tagħha. Il-festa Maltija fiha żewġ aspetti importanti u konnessi.

Hemm l-aspett reliġjuż, marbut b'mod intrinsiku ma' għadd ta' tradizzjonijiet popolari. Hemm imbagħad il-festi esterni, li ħafna drabi jkunu organizzati mis-soċjetajiet mużikali, anke jekk hemm xi wħud li huma involuti wkoll f'dawk interni, kif għandu jkun. Irridu ngħidu li l-festa mingħajr xi wieħed minn dawn l-aspetti tkun qed titlef parti minn dak li verament tagħmel festa Maltija. Spiss l-istennija tal-komunità biex ikollna festa tajba tkun għolja ħafna, imma bħala soċjetajiet mużikali għandna responsabbiltà kbira biex dawn l-aspettativi ma jkunux għoljin iżżejjed u allura minflok ġid, jagħmlu ħsara, mhux biss għas-soċjetà mużikali, imma anke lill-komunità bħala tali.

Din l-istennija tal-komunità turi li s-soċjetajiet mużikali huma punt ta' riferenza u għalhekk hu fl-obbligu tagħna li dawn il-festi niċċelebrawhom kif jixraq, bil-mezzi tagħna, mingħajr eċċessi u bi spirtu verament Nisrani. Għandna d-dmir li naraw li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi jżommu t-tradizzjonijiet tagħhom u elementi li ma humiex direttament relatati ma għandhomx ikollhom post fil-festi tagħna għaliex il-ġid li s-soċjetajiet mużikali jagħmlu b'mod volontarju jista' jisfaxxa fix-xejn. Tajjeb li bħala għaqdiet mużikali niftakru u nfakkru fl-ammont ta' volontarjat, bħal ngħidu aħna, it-tagħlim tal-mużika li jsir kollu kemm hu b'xejn, iżda li xorta waħda hu ta' livell għoli, kif jixhduh ir-riżultati li jġibu l-istudenti ma' istituzzjonijiet barranin. Dan kollu jsir fil-bini tal-għaqdiet mużikali Maltin u Għawdxin, iżda li mhux dejjem huwa apprezzat u rikonoxxut kif jistħoqqlu.

Jidhirli li s-soċjetà tagħna trid tagħraf kemm is-soċjetajiet mużikali jagħmlu xogħol għall-festi Maltin u Għawdxin. Dan hu stat ta' fatt, għaliex kieku ma jkunx hemm din l-aspettativa kollha mill-poplu kollu. Imma bħala soċjetajiet mużikali għandna d-dover u l-obbligu li nindukraw dawn il-festi b'mod li nibqgħu norganizzawhom b'mod dixxiplinat, b'serjetà u mingħajr ma nħallu elementi estranji għall-ħidma tal-baned tagħna jieħdu dak li l-każini tradizzjonali ħadmu għalih f'dawn l-aħħar mija u tmenin sena u għadhom jaħdmu għalih qatigħ.

F'isem l-Għaqda Każini tal-Banda, filwaqt li nawgura l-festa t-tajba, inħeġġeġ li nkomplu naħdmu u niċċelebraw il-festa tagħna b'għaqda bejnietna, bl-element reliġjuż fiċ-ċentru tagħha. Nemmen bis-sħiħ li l-festa għandha tkun tassew okkażjoni ta' ferħ, mingħajr eċċessi, għall-ġid ta' kulħadd. ❐

Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi

Fuq wara mix-xellug għal-lemin:
Chris Zahra, Luca Vassallo, Larkin Massa, Kurt Ellul – ***Delegat Brijju***, Luke Ciantar

Quddiem mix-xellug għal-lemin:
Liam Darmanin, Cherise Grixti – ***Kaxxiera***, Eman Zerafa – ***Segretarju***,
Alessandro Montesin – ***President***, Annalise Debono,
Lawrence Sciberras – ***Assistent Segretarju***

Neqsin mir-ritratt:
Neil Zerafa - ***Koordinatur Palmiżi Teens***, Owen Cioffi, Matthew Attard,
Jurgen Agius - ***Assistent Kaxxier***

Iż-Żgħażagħ Palmiżi 'tal-festa'

ALESSANDRO MONTESIN
President Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi

Ħbieb Palmiżi wasalna biex niċċelebraw festa oħra u tista' tgħid li bħalissa, fiż-żmien li qiegħed nikteb dan l-artiklu, ninsabu fi-eqqel tal-armar tal-festa.

Bandiera ġdida li saret għall-marċi

Bħal kull sena, bħala Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi, l-għajnuna tagħna waqt l-armar qatt ma naqset u dejjem konna preżenti biex nagħtu l-appoġġ tagħna waqt l-armar; fuq kollox, l-armar tal-festa tagħna huwa l-identità tal-festa ta' San Lawrenz tal-Birgu. Tajjeb li wieħed japprezza aktar ix-xogħol li jsir matul is-sena li l-qofol tiegħu jintlaħaq fil-ġranet tal-festa. Minn hawn nixtieq nagħmel appell biex aktar żgħażagħ imiddu jdejhom u jagħtu l-għajnuna tagħhom ukoll biex b'hekk il-piż tal-festa ma jaqax dejjem fuq l-istess nies.

Fuq din in-nota nixtieq nieħu spunt ta' kif żvolġew din is-sena l-affarijiet fi ħdan is-Sezzjoni. Bdejna Jannar b'kumitat ta' 15-il membru, imma minħabba diversi ċirkustanzi nqasna. Forsi dak li jkun joħroġ b'ħeġġa tal-mument, li mbagħad tbatti maż-żmien. Imma kif jgħid il-Malti, 'Alla jagħlaq bieb u jiftaħ mija', għax fil-fatt, wara li naqsu diversi membri mis-Sezzjoni, rajna wċuħ ġodda li ħassew l-interess li jidħlu magħna. Nistqarr li ċerti membri ersaqna lejhom aħna, imma kien inkoraġġanti li t-tweġiba tagħhom kienet pożittiva. Flimkien mal-membri l-ġodda li daħlu f'Jannar u mal-membri l-ġodda li daħlu fix-xhur ta' wara, nista' ngħid li din is-sena s-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi għandha ħafna wċuħ ġodda flimkien ma' membri bħali, hekk imsejħa tal-imgħoddi, jew inkella mal-membri 'tas-soltu' li niffurmaw s-Sezzjoni.

Nistqarr magħkom li ninsabu tim tajjeb u magħqud u dan jistgħu jgħiduh dawk kollha li matul is-sena attendew għal xi attività li organizzajna matul is-sena. Inħeġġukom biex meta norganizzaw l-attivitajiet b'risq il-festa, tattendu għaliex jidher aktar l-apprezzament tal-ħidma, kemm tal-membri tas-Sezzjoni, kif ukoll oħrajn li jaħdmu b'mod volontarju. Minn hawn nixtieq nirringrazzja

HEALTH - BEAUTY - PERFUMERY - MAKE-UP - BABY

VERDALA

PHARMACY

DAILY DOCTOR IN ATTENDANCE

E.N.T - PHYSIOTERAPIST - PODIATRIST (Foot Specialist)
OPTOMETRIST (Eye Specialist) - OCCUPATIONAL PHYSICIAN

TRIQ IL-GENDUS, BORMLA – TEL: 2182 4720 – 2182 1086

MON - FRI: OPEN ALL DAY FROM 8.00am to 7.00pm
SAT: 8.30am TO 12.00pm & 4.00pm TO 7.00pm

Miguel De Bono
U L-ISTAFF TIEGHU
JAWGURAW IL-FESTA T-TAJBA
LILL-VITTORIOSANI KOLLHA

VIVA SAN LAWRENZ

lil dawk kollha li matul is-sena dejjem sibna l-appoġġ u l-għajnuna tagħhom fl-attivitajiet li norganizzaw.

Bla dubju li l-attivitajiet li norganizzaw aħna jolqtu aktar liż-żgħażagħ u għalhekk nixtiequ aktar konkorrenza miż-żgħażagħ Palmiżi, sintendi, il-ftit li fadal fil-Birgu. Ma nixtieqx inkun negattiv biss għaliex ninsab sodisfatt ħafna li fl-attivitajiet li kellna, l-attendenza dejjem kienet tajba. Ċertament dejjem nistgħu mmorru aħjar. Fl-aħħar mill-aħħar, l-flus li jingabru, jissarfu f'għajnuna lill-festa u fil-jum tas-6 ta' Awwissu. Issa huwa magħruf ma' Malta kollha li ż-żgħażagħ tal-Birgu jagħtu spettaklu fenomenali permezz tal-*laser show* li jsir fil-Pjazza tal-Birgu wara l-marċ li huwa mħallas ukoll mis-Sezzjoni stess.

Mill-ftit kliem li qed nikteb, nixtieq ukoll infakkar ftit fix-xogħol li sar din is-sena fis-Sala Parrokkjali. Qabel xejn irid jingħad li l-mohh wara dan kollu kien dejjem Fr John Avellino li bis-saħħa tiegħu u bl-għajnuna ta' ħafna, is-Sala Parrokkjali qed tieħu dehra differenti u qed issir aktar diċenti biex tilqa' fiha attivitajiet varji matul is-sena.

Sar ħafna xogħol neċessarju fis-saqaf u l-ħitan ta' fuq il-palk u kif forsi wieħed innota, sar ukoll palk ġdid. Ma nixtieqx insemmi ismijiet, għax nibża' li ninsa lil xi ħadd barra, imma nixtieq nirringrazzja lil kulħadd tal-għajnuna tiegħu biex ix-xogħol li kien għaddej tlesta qabel l-ispettaklu '*We Will Rock You*', xow professjonali li għoġob lil kulħadd u li bis-saħħa tiegħu, niġbru aktar fondi għall-festa u għas-Sezzjoni.

Biex nagħlaq, hu d-dmir tiegħi nirringrazzja lill-benefatturi kollha li bis-saħħa tas-sostenn tagħhom, il-qagħda finanzjarja tas-Sezzjoni hija tajba. Tajjeb li nsemmi li s-Sezzjoni qatt ma spiċċat bid-dejn fl-aħħar tas-sena u l-kumitat il-ġdid tas-sena ta' wara qatt ma beda bix-xejn. Grazzi lil dawk kollha li jagħtuna l-appoġġ f'kull ma nagħmlu.

Nittama li dak li għandna pjanat għall-futur, speċjalment għall-anniversarju tal-25 sena mill-bidu tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi, inwettquh, dejjem bl-għajnuna tagħkom kollha. Ejjew flimkien bi prudenza u kif jixraq fil-festa tagħna, nieħdu gost, nagħtu gost u niċċelebraw festa kbira oħra *ad unur* il-patrun tagħna San Lawrenz. ❐

Grazzi Twanny

Il-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz jingħaqad mal-entitajiet kollha tal-festa biex jgħid grazzi mill-qalb lil Twanny Gauci, li l-Mulej għoġbu jsejjaħlu fi ħdanu fl-1 ta' April ta' din is-sena. Il-parroċċa, il-Birgu u l-festa tilfu pilastru ta' veru, bniedem li kellu għal qalbu kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-festa u mal-Birgu tagħna. Twanny kien wieħed minna; minkejja li kellu ċerta età, kien żagħżugħ fl-ispirtu u sostenitur qalbieni ta' kull attività li ġġib 'il quddiem il-festa u l-isem tal-Birgu. Ningħaqdu ma' wliedu Noel u Stefan biex inroddu ħajr lil Alla ta' dak kull li kien Twanny f'ħajtu.

Noffru wkoll il-kondoljanzi tagħna lil Pawlu Micallef, lill-ommu u ħuh Horace għat-telfa tal-għażiż tagħhom Manuel. Mulej, aghtihom il-mistrieħ ta' dejjem. ❐

B'tant entużjażmu erġajna wasalna!

EMAN ZERAFA
Segretarju Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi

B'tant entużjażmu erġajna wasalna biex nilħqu l-qofol ta' sena ħidma mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi. Din is-sena kellna tibdil kbir fil-Kumitat tagħna bid-dħul ta' ħafna membri ġodda, minħabba li xi whud mill-membri li għamlu snin twal jaħdmu fis-Sezzjoni Żgħażagħ, issa bdew jaħdmu fil-Kumitat tal-Festa Festi Esterni San Lawrenz.

Għalhekk irrid qabel xejn nirringrazzja lil dawn l-alumni tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi li offrew is-servizzi tagħhom lis-Sezzjoni tul dawn l-aħħar snin u m'għandhiex dubju li ħa jkomplu jagħmlu dan minkejja li m'għadhomx fil-Kumitat magħna. Min-naħa l-oħra nilqa' b'ferħ il-membri ġodda li daħlu u nistieden iktar żgħażagħ biex ikomplu jersqu viċin il-festa tagħna u jissieħbu magħna!

Ippjanajna sena mimlija attivitajiet biex b'hekk inkunu nistgħu nilħqu mal-proġetti li kellna f'moħħna għas-sena 2016. Bi pjaċir ngħid li wasalna u b'hekk ħa ndur mal-kalendarju biex nagħtu ħarsa lejn il-ħidma li saret mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi fis-sena 2015-2016.

Ħasil ta' karozzi u pedina

Rajna l-bżonn li jkollna dħul fiss kull xahar, u kien għalhekk li ħsibna li norganizzaw *car wash* fix-xahar u pedina. Nixtieq nirringrazzja lill-Arċipriet, lis-sagristan u lill-Kunsill Lokali li dejjem ikkoperaw magħna biex stajna norganizzaw dawn il-*car washes*. Inkun qed nonqos jekk ma nirringrazzjax ukoll lill-membri tal-Palmiżi *Teens* li dejjem kienu ta' sosten għal din l-attività.

Lulju 2015

F'Lulju ħadna ħsieb norganizzaw żewġ *Red Gatherings*, wieħed fuq iz-zuntier tal-maħżen tal-Karmnu u l-ieħor fil-Każin tal-Banda.

Awwissu 2015

Fl-iktar ħadd viċin il-31 ta' Lulju sar sinonima mal-organizazzjoni ta' *Red Gathering* kbir fejn nifirħu flimkien bħala partitarji Palmiżi. Dan sar fit-2 ta' Awwissu fi Triq Desain.

Minkejja l-maltempata li qamet fl-Antevigilja, għall-ewwel sena organizzajna wkoll ikla fil-*Youth Centre*. Din is-sena ħa nerġgħu norganizzaw din l-ikla għall-partitarji Palmiżi kollha.

Il-qofol tal-ħidma tagħna ntlaħaq fis-6 ta' Awwissu fil-Marċ taż-Żgħażagħ. Wara l-marċ reġa' ttella' l-famuż *laser show* fil-Pjazza ta' Beltna, li kien suċċess kbir! Illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li l-*laser show* sar appuntament annwali, mhux biss għall-partitarji Palmiżi, imma wkoll għal dawk iż-żgħażagħ dilettanti tal-festi madwar Malta. Irnexxielna nagħtu togħma żagħżugħa u moderna f'din il-festa tradizzjonali li niċċelebraw!

Coca-Cola
TASTE THE FEELING
zero
PARTY WITH Coca-Cola
THIS SUMMER
GO TO MYCOKEMALTA TO FIND OUT HOW
Coca-Cola

Settembru 2015
Fil-bidu ta' Settembru rġajna laqqajna lill-partitarji Palmiżi ta' eta bejn it-12 u l-15-il sena biex niffurmaw aħjar dan is-Sotto Kumitat.

Għal darb'oħra kien organizzat il-*BBQ* annwali tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi. Waqt il-*BBQ* rajna id-*DVD* ta' *Symphony of Lights - the Laser Show 2015*.

Ottubru 2015
Għal darb'oħra s-Sezzjoni Żgħażagħ ħadet ħsieb li fil-ġranet tal-*BirguFest* torganizza bottegin fil-Pjazza bil-bejgħ ta' ikel Ċiniż.

Diċembru 2015
Għal darb'oħra rġajna organizzajna l-attività tant popolari *'Father Christmas Jiġi Għandek'*. Tant kibret fil-popolarità din l-attività li din is-sena kellna nestenduha fuq erbat ijiem. Insomma attività ta' suċċess kbir, li tagħti gost lit-tfal u l-kbar!

Jannar 2016
Fil-bidu ta' Jannar saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali, li għaliha attendew għadd sabiħ ta' membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ u ssieħbu fil-kumitat membri ġodda.

L-ewwel attività għall-kumitat il-ġdid kienet l-organizazzjoni tas-serata tal-*Malta Song Festival* fuq il-*big screen* fis-Sala Parrokkjali. Għal din l-attività kellna attendenza sabiħa.

Marzu 2016
Fil-bidu ta' Marzu kienet organizzata *2-a-Side Football Tournament* fis-Sala Parrokkjali. Għal din l-attività kellna attendenza tajba ħafna, barra li verament ħadna gost flimkien. Il-fehma ġenerali ta' dawk preżenti kienet li s-sena d-dieħla nkomplu nkabbru din l-attività.

Għall-ewwel darba, flimkien mal-Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu ħadna ħsieb norganizzaw *Easter Breakfast* wara

Iż-żgħażagħ jagħtuha għall-ħasil tal-karozzi ... attività ta' ġbir ta' fondi kull xahar

l-quddiesa ta' Sibt il-Għid. Din saret fil-*Youth Centre* u wara li kulħadd kiel kemm felaħ, imbagħad irħejnielha għall-Begigga 2016!

April 2016

F'April gie organizzat *5-a-Side Football Tournament* fil-*grounds* tal-Kulleġġ De La Salle.

Mejju 2016

Fil-bidu ta' Mejju għal darb'oħra rġajna tellajna *musical* ieħor, li bħas-snin ta' qabel kien suċċess kbir. Din is-sena kien imiss li ntellgħu l-*musical* famuż ta' Ben Elton u Queen '*We Will Rock You*'. Kellna tliet serati mballati u *over booked*, fejn kulħadd ħareġ ifaħħar it-talent ta' dawn iż-żgħażagħ.

Inkun qed nonqos jekk ma nirringrazzjax lil Matthew Raggio, Direttur, lid-*Dancing Angels*, li ħadmu mill-bidu magħna biex dan ix-xow ikun ta' suċċess, kif ukoll lill-*Kinetic Dance Studio* li kienu ta' spalla importanti ħafna f'mumenti delikati. Wara l-*musical* organizzajna għal darb'oħra l-*Eurovision Week*, din id-darba fuq *LED screen* kbir, grazzi għall-*RVC Event Lighting*. Għal din l-attività kellna wkoll attendenza sabiħa ferm.

Fil-Ħadd ta' qabel l-Ewwel Erbgħa organizzajna l-ewwel *Red Gathering* li matulu kienet imnedija ċ-*CD* il-ġdida li ħriġna bħala Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi bl-isem ta' 'Patrun tal-Ġirbin'. Għal din l-attività kien mistieden il-kantant taċ-*CD* Ludwig Galea.

Irid jingħad li barra l-impenn ta' Ludwig, is-Sezzjoni talbet ukoll is-servizz ta' Mro Joe Brown, li kiteb il-mużika, waqt li l-lirika hi ta' Anselm Sciberras. Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-Kumitat tal-Każin tal-Banda għall-koperazzjoni u għajnuna li sibna mingħandu fil-produzzjoni ta' din iċ-*CD*.

F'Mejju ħadna ħsieb ukoll li nuru l-finali taċ-*Champions League* fuq il-*big screen*.

Din is-sena ħadna ħsieb ukoll li jkollna għall-bejgħ *hoodies* tal-festa li jistgħu jintlibsu mill-voluntiera tal-festa matul il-ġranet tax-xitwa. Għall-festa tal-2016, apparti r-responsabbiltà tal-marċ tas-6 ta' Awwissu u l-famuż *laser show*, se nieħdu ħsieb ukoll il-briju, fejn ħa nkunu qed inżanżnu bandiera kbira tal-marċi - ara ritratt f'paġna 57, kif ukoll xtrajna affarijiet oħra li jiena ċert li se jgħinu biex inkabbru l-briju li magħrufin għalih aħna l-Palmiżi.

Is-Sezzjoni ħadet ħsieb tikkummissjona wkoll l-pittura tal-aħħar pavaljun tal-pittura tal-Pjazza, li se jiżżanżan din is-sena. Għal din is-sena wkoll, wara ħafna ħidma ħa nkunu qed norganizzaw għall-ewwel darba l-Festa tat-Tfal, biex b'hekk intlaħaq l-għan prinċipali tas-Sotto Kumitat Palmiżi *Teens*. Id-dettalji ta' din il-festa tistgħu tarawhom f'dan il-programm. Din hi esperjenza ġdida għalina u nixtiequ ħafna li jkollna l-parteċipazzjoni ta' għadd kbir ta' tfal.

Diġà qed naħsbu wkoll għall-25 anniversarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi. Nassigurakom li din se tkun sena speċjali, bi proġett kbir u ambizzjuż li jeħtieġ l-għajnuna tal-partitarji Palmiżi kollha. U allura nistennew li jkollna l-appoġġ tagħkom lkoll.

Nagħlaq dan l-artiklu b'appell biex kulħadd jattendi għall-attivitajiet tagħna. Nitlobkom li tkunu ta' sostenn għalina u biex tgħinuna kif tistgħu bil-kontribuzzjonijiet tagħkom biex inkunu kapaċi nilħqu l-miri tagħna. Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil Vittoriosani kollha, b'mod speċjali ż-żgħażagħ tagħna li huma l-ġejjieni tal-festa tagħna. Viva l-patrun tal-Belt Rebbieħa! ❐

BALLUT BLOCKS

Ballut Blocks Ltd. Wied Fiegu, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21579896,21578419, 21497738
Fax: (356) 21575662 E-Mail: ballut@ballutblocks.com

FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY

Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.

GPC Concrete Solutions

General Precast Concrete Ltd Hal Far Industrial Estate
Tel: (356) 21663602, (356) 21663035 Fax: (356) 21669536 E-Mail: info@generalprecastconcrete.com

www.ballutblocks.com

Lil San Lawrenz missierna

PATRI ĠUŻI MIFSUD OSA

San Lawrenz, int missier tagħna,
aħna wliedek, inħobbuk;
int taf li f'qalbna qiegħed,
w għal tjubitek infaħħruk.

Kemm jekk żgħar u kemm jekk kbirna,
b'għemil ħajtek wisq mgħaġġbin;
għal tjubitek w għal qdusitek,
wisq ninsabu ferħanin.

Inti l-veru missier tagħna,
għax fil-Birgu mgħammdin;
bħal rigal ġejt mogħti lilna,
bik tassew aħna kburin.

Inti dejjem kont qrib tagħna
kemm fl-Assedju, w kemm f'kull inkwiet;
u kull meta sejjaħnielek,
ħassejnik titqabad magħna.

Jgħaddu s-snin, ġrajjiet jissawru,
f'ta l-istorja wkoll fil-mixja;
u f'kull paġna ta' ħajjitna
ta' wliedek ħadna l-bixra.

Ejjew mela, għalenija,
lil Lorenzo infaħħruh;
inxandruh mad-dinja kollha
u bħal missierna inżommuh.

Għaliex lilna dejjem ħabbna,
u sal-lum għadu jħarisna;
lill-kbir Alla għalina jitlob,
w għax uliedu, iberikna. ❐

Patri Ġużi, ħu Mons Lawrenz Mifsud, twieled il-Birgu fl-4 ta' Lulju 1932 u miet fid-9 ta' Frar 2014. Patri Ġużi dejjem ħabb il-Birgu u lil San Lawrenz, kif kienet tixhed il-presenza tiegħu fostna fil-festa ta' San Lawrenz u f'festi oħra matul is-sena. Din il-poeżija kitibha fl-4 ta' Lulju 2010.

Viri's Take Away

OPENING HOURS

Tuesday to Thursday
6.30pm - 10.30pm
Friday to Sunday
6.30pm - 11pm

Delivery fis-South kollu ta' Malta!

28 The Strand Kalkara
Tel: 2180 2993 Mob: 9961 8728

Andrew Bugeja

Għal kull tip ta' xogħol ta' festi bħal bnadar, bandalori, pavaljuni, skultura u statwi (life size) tal-fiber glass. Nagħmel ukoll kull tip ta' restawr ta' statwi tal-kartapesta

Mob: 9950 1755

Il-Parroċċa: sena ta' transizzjoni

KARMENU SCICLUNA
Sagristan knisja parrokkjali San Lawrenz

Hu fatt magħruf minn kulħadd li s-sena li għaddiet ma kinitx waħda faċli għall-parroċċa tagħna. L-Arċipret Joe Cilia ngħata impenn pastorali ieħor u l-parroċċa tagħna damet tlett xhur mingħajr mexxej. Fiċ-ċirkustanzi Fr John Avellino ngħata l-inkarigu mill-Arċisqof biex jagħmilha ta' Amministrattur Parrokkjali sakemm ikun nominat Arċipriet ġdid.

Fiż-żmien li kien qed imexxi Fr John, saru xi xogħlijiet żgħar, imma meħtieġa. Kien irranġat il-bieb falz tal-bieb prinċipali tal-knisja, inxtraw il-kotba kollha tal-Qari tal-Liturġija u kienu msewwija u llegati mill-ġdid żewġ missalli. Dawn kienu fi stat ħażin ħafna u tista' tgħid ġew ġodda. Fr John ħa ħsieb jirranġa wkoll għadd ta' siġġijiet, li kellhom bżonn jinbidlulhom is-sedja u d-daħar, barra li jinżebgħu mill-ġdid. Dawn is-siġġijiet saru bl-għotjiet ta' diversi persuni.

Waslet il-festa u nhar it-8 ta' Awwissu għall-ħabta ta' nofsinhar, mingħajr ħadd ma basar, infetħu bibien is-sema u għaddejna minn esperjenza tal-biża'. Fil-knisja beda dieħel ilma minn kullimkien, bl-akbar urġenza tkun dik li nżarmaw l-artal mejda, li kien diġà armat għall-festa. Nixtieq minn hawn irrodd ħajr lil kull min ġie jagħti daqqa t'id fil-knisja u aktar tard fl-uffiċċju parrokkjali, li għereq bl-ilma wkoll. Sintendi kellna ħerba shiħa wkoll fl-armar ta' barra ... insomma esperjenza li ma nawgura lil ħadd! Ma spiċċax hawn: nhar l-10 ta' Awwissu, fi tmiem il-Pontifikal tal-festa Fr John għamel appell ħerqan biex min jista' jgħin fiz-żarmar għax kienet prevista aktar xita. Fil-fatt il-purċissjoni s-sena li għaddiet ma ħarġitx.

Imma Fr John xtaq jagħti xi ħaġa lura lin-nies tal-Birgu. Tkellem mal-membri tal-Kapitlu u kien deċiż li jintalab permess il-Kurja biex issir purċissjoni żgħira nhar l-Ottava. Hekk ġara għas-sodisfazzjon ta' kulħadd. Il-ferħ dakinhar kont tarah fl-arja. Kien nhar l-Ottava li l-Arċipriet il-ġdid, Fr Joe Mizzi, ġie għall-ewwel darba l-Birgu. Fid-dħul tal-purċissjoni Fr John ippreżentah lin-nies preżenti fil-knisja u stiednu jmexxi l-Barka Sagramentali.

Għalija personali ma kienx żmien faċli lanqas. Dħalt biex nagħmel operazzjoni f'riġlejja u meta kont l-isptar qaluli li se jagħmluli żewġt operazzjonijiet u mhux waħda. Imma għall-grazzja t'Alla, kollox mar sew. Wasal il-pussess tal-Arċipriet. Ma kienx possibbli għalija li mmidd idi għax-xogħol li jitlob pussess ta' Arċipriet ġdid, imma bl-għajnuna ta' tant voluntiera rnexxielna. Irrid minn hawn ngħid grazzi lil dawk kollha li kienu ta' għajnuna b'xi mod jew ieħor biex stajna narmaw il-knisja u rrid ngħid grazzi wkoll lil dawk kollha li xtaquli fejqan ta' malajr.

KopTaCo
Coaches Cooperative

Tel: (+356) 21 338667
Mobile: (+356) 79338667

Info: info@koptaco.com
Web: www.koptaco.com

Wasal żmien l-Avvent u f'moħħi dejjem kelli jberren il-ħsieb li xi darba nagħmlu sett sabiħ ta' trieħi vjola għall-artal maġġur. Inxtara drapp għażel ta' Malta u l-bizzilla u beda x-xogħol tal-ħjata, li sar minn Jane Fardell, bl-ispejjeż jinħallsu mill-familja Duncan u Patri Herman Duncan O Carm.

Kellna wkoll żewġ għotjiet oħra lill-knisja tagħna: il-Kanonku Dekan Dun Lawrenz Bonnici rregala lill-knisja kalċi għall-użu ta' kuljum biex nevitaw l-użu kuljum ta' kalċi ta' preġju, waqt li l-Kan Onorarju Dun Mark Andrè Camilleri rregala pjaneta tal-bellus bir-rakkmu tad-deheb.

Il-kalċi li rregala Dun Lawrenz Bonnici

Sar xi xogħol ukoll fuq terħa tal-bizzilla antika, li kienet irranġata għall-artal mejda. Dan ix-xogħol delikat kien afdat f'idejn Suor Carmen u Jane Fardell. Beda x-xogħol fuq il-venumeral l-antik tal-festa. Dan ix-xogħol qed tagħmlu Aurora Azzopardi. Fih ħafna xogħol ta' rakkmu u xogħol bl-idejn. Kien restawrat ukoll bust ta' San Lawrenz antik, li kien ingħata lill-parroċċa fi żmien l-Arċipriet Cilia u li issa tqiegħed fl-Awla Kapitulari. Ix-xogħol sar mid-ditta Prevarti tal-Mosta.

Semmejt l-Arċipriet il-ġdid u l-Kan Mark Andrè Camilleri. Billi kien se jkollna l-ħatra ta' xi kanonċi ġodda, kellna bżonn il-faldrappa u s-sedja tal-Arcipriet, kif ukoll oħra għal ġol-kor. Waħda nħietet minn Manuel Chircop, bl-ispejjeż tagħha jitħallsu minn Brady Bonnici u l-oħra nħietet minn Jane Fardell u l-ispejjeż dħalt għalihom jien.

Hekk kif l-Arċipriet beda jsib saqajh, bdejna naraw x'hemm bżonn li jsir. Kien ilu jinħass il-bżonn li nduru dawra sew il-kanċell taċ-ċimiterju ta' San Lawrenz. Ħadu ħsieb dan il-proġett Victor Borg u Raymond Degiovanni. Il-kanċell inqala' minn postu, issewwa fejn kien hemm bżonn, intbgħatt l-Italja biex ikun galvanizzat u twaħħal mill-ġdid f'postu. Għen f'dan kollu John Montesin ukoll. L-ispejjeż daħlet għalihom il-parroċċa.

Sar xogħol utli ħafna fuq il-bieb il-kbir tal-ġemb tal-knisja. Dan inħaraq miż-żebgħa l-antika u reġa' nżebagħ mill-ġdid. Sar xogħol ta' żebgħa wkoll fuq il-faċċata li tmiss miegħu. Dan ix-xogħol kollu sar minn Victor Borg, Raymond Degiovanni, Karmenu Callus u Maurice Busuttil.

Ma nistax ma nsemmix li fil-bidu ta' din is-sena tlifna lill-għaġiz Dun Ġużepp Caruana. Il-funeral tiegħu sar it-Tnejn, 1 ta' Frar. Mexxi l-quddiesa funebri l-Arċisqof ta' Malta, Mons Charles Jude Scicluna, bis-sehem ta' għadd kbir ta' saċerdoti. Dun Ġużepp ħalla marka fil-parroċċa tagħna. Fis-semplicità tiegħu kien ispirazzjoni għalina lkoll.

SIMONS

FASHION STORES
REGENCY HOUSE

COSPICUA: 2182 0021 – 2789 8307
VALLETTA: 2122 2931
ĦAMRUN: 2723 1821 – 2724 0849
B'KARA: 2744 8992

Fejn issibu varjetà ta' qomos, żraben, ilbies u ħafna affarijiet oħra għas-sajf

CHETWYN CONFECTIONERY

14, MAIN GATE STREET, VITTORIOSA
MARIO MIZZI

ĦOBŻ – PASTIZZI – ĦELU
XORB – ĠELATI – MINERALI

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD

MOTOR WINDING



Alfred Camenzuli

16, "Romantica"
Triq il-Venerabbli Nazju Falzon,
Birkirkara

Tel: 21491077 Mob: 79264909

Irrid ngħid li dis-sena tlifna wkoll is-servizz utli li kien jagħti Fr Stephen Magro, li l-Arċisqof afdah b'missjoni importanti oħra fost it-tfal tas-Seminarju f'Tal-Virtù. Ngħid Grazzi lil Fr Stephen għall-ħidma li wettaq fil-parroċċa tagħna, kemm bħala djaknu u wara bħala saċerdot. Irrid ngħid grazzi mill-qalb lis-sorijiet ta' Santa Skolastika, li jieħdu ħsieb it-tindif tal-abiti sagri. Irrid insemmi wkoll il-membri tal-komunità Dumnikana, li tul din is-sena għenu mhux ftit kulmeta nħolqot problema fil-quddies. Grazzi mill-qalb.

Bħalissa qed jitwettaq proġett ta' dawl ġdid bl-użu ta' lampi *LEDs*. Diġà sar dawl ġdid fin-niċċa ta' San Lawrenz u għandu wkoll isir dawl ġdid għall-kwadru titulari ta' Mattia Preti. Dan ix-xogħol qed isir taħt id-direzzjoni ta' Giovann Raggio, li minn hawn nirringrazzjah tax-xogħol kollu li jagħmel fil-parroċċa tagħna. Sar xogħol ta' tindif u ngħataw banju fidda ż-żewġ akkolti li jintużaw kuljum.

Ngħid grazzi wkoll lil Tony Raggio u t-tim tiegħu li jieħdu ħsieb il-lotterija ta' kull ġimgħa. Irrodd ħajr ukoll lil Joe Galea u Anton Gellel, li tista' tgħid li nsibhom għal kull ma jkolli bżonn. Tajjeb ngħid grazzi wkoll lil dawk li jieħdu ħsieb il-fjuri u li matul is-sena jagħtu daqqa t'id fit-tindif tal-knisja. Grazzi wkoll lil dawk li jiġbru fondi għall-knisja tagħna u lil Helen u Anthony Degiorgio li jorganizzaw għadd ta' attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Irrid ngħid grazzi wkoll lis-Sindku u l-ħaddiema tal-Kunsill Lokali li regolarment jieħdu ħsieb it-tindif taċ-ċimiterju tal-parroċċa u jagħtu daqqa t'id kull meta jkollna xi bżonn.

Nagħlaq b'appell: wieħed japprezza li l-knisja antika tagħna teħtieġ

Dehra ġdida: ix-xogħol li sar fuq il-bieb tal-ġemb tal-knisja parrokjali

manutenzjoni kontinwa. Dan jista' jsir biss bl-għajnuna tagħna lkoll, kemm finanzjarja, kif ukoll bis-sehem ta' voluntiera li jistgħu joffru l-ħin u l-ħila tagħhom. Kif wieħed jista' jara, hemm bżonn urġenti li nieħdu ħsieb is- saqaf tal-kor u t-titular, li wasal għar-restawr. Irridu wkoll inkomplu l-proġett tal-irħam, induru l-kuppletti, li bħalissa qed jidħol l-ilma minnhom. Insomma, it-tempju ta' Lorenzo rridu nieħdu ħsiebu. Grazzi mill-qalb lill-Vittoriosani kollha u l-festa t-tajba. ❐

OLD TOMMY'S BAR

Blk. 4, Shop 1, Victory Sqr., Vittoriosa
Mobile: 9939 2224
Prop: Edwin Camilleri

Aġent għal kull xorta ta' pastizzi, pasti, ġelati, ħobż, eċċ.

Jaċċetta ordnijiet għal parties, tiġijiet u magħmudijiet, engagements eċċ.

THE TEMPLE
Café & Restaurant
Level +3, Main Street Complex, Antoine de Paule Square, Paola

FREE Wi Fi ZONE
- NEWLY REFURBISHED
- OPEN DAILY 8am-11pm
- LIVE FOOTBALL
- LARGE TERRACE

HIGHLIGHT STATIONERY

51, MAIN GATE STREET, VITTORIOSA

Fejn issibu toys, kotba, cassettes, magazines, toiletries and haberdashery

L-Arċipriet Dun Ludovik Balzan DD: saċerdot ħawtiel mikdud bl-inkwiet

ANTON ATTARD

Fost l-Arċiprieti mill-aktar ħabrieka u maħbuba li kellha l-Kolleġġjata u l-parroċċa tal-Birgu hu bla dubju Dun Ludovik Balzan DD. F'bijografija li nkitbet wara mewtu ġie deskritt bħala saċerdot ta' spiritwalità, tar-rispett, manswet u dočli. L-istoriku Giuseppe Porsella Flores, f'wieħed mill-artikli tiegħu fil-ġurnal *Leħen is-Sewwa*, kien iddeskrivieh bħala wieħed mill-Arċiprieti rġiel li qatt kellu l-Birgu.

Dan is-saċerdot eżemplari twieled l-Imdina fl-1819, iżda ta' sentejn il-ġenituri tiegħu Nazju Balzan u Ursula neè Abela niżlu joqogħdu l-Birgu, fejn kompliet it-trobbija tiegħu u spiċċa biex baqa' ħawn għomru kollu. Beda triqtu lejn is-saċerdozju fis-Seminarju tal-Imdina u l-Università ta' Malta fejn iggradwa fit-Teoloġija meta kien għadu djaknu. Kien għadu djaknu wkoll meta fuq xewqa tal-Isqof Caruana ħa f'idejh it-tagħlim tad-duttrina tat-tfal tal-Birgu. Kien għadu djaknu wkoll meta waqqaf devozzjoni fil-knisja ta' San Lawrenz li kienet issejħet tax-Xahar Marjan.

B'żieda ma' dan, wara li sar Arċipriet, bi ftehim mal-Fratellanza tal-Kurċifiss, kien strumentali biex, fiimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata, daħħal id-drawwa li l-ewwel fqir li jkun miet f'dak ix-xahar, il-katavru tiegħu jitniżżel fil-knisja ta' San Lawrenz u ssir quddiesa b'suffraġju għal ruħu. Ta' min iżid, li fi żmienu kienu ħafna dawk li ma kienx ikollhom imnejn biex jagħmlu funeral xieraq u wisq anqas xi quddiesa b'sufraġju għal ruħ xi wieħed minn qrabathom.

Balzan ġie ordnat saċerdot fiimkien ma' sebgħa oħra fil-11 ta' Marzu 1843. Ftit jiem wara ngħaqad mal-Grupp Missjunarju ta' Malta u Għawdex, li kien jiġbor fih għadd ta' predikaturi. Xogħolhom kien li jagħmlu ġimgħa ta' konferenzi fil-parroċċi taż-żewġ Gżejjer. Huwa kien assenjat l-inkarigu għal din il-missjoni fil-gżira Għawdxija. Kien saċerdot ħabrieki kemm fil-Birgu, meta kien responsabbli mill-knisja tal-Karmnu, kemm meta sar Prepostu tal-knisja ta' San Filippu, ħatra li bdiet fl-1862, kif ukoll meta ntgħażel kappillan u konfessur tal-Monasteru ta' Santa Skolastika u diversi monasteri oħra, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. B'din id-dedikazzjoni u ħerqa li wera f'din il-ħidma ta' appostolat bla heda, ma kinitx sorpriża meta, fil-bidu tal 1879, l-Isqof Carmelo Scicluna ħatru Arċipriet tal-Kolleġġjata u tal-parroċċa tal-Birgu. Ħa l-pussess fl-24 ta' April tal-istess sena bħala suċċessur tal-Arċipriet Publio Farrugia.

Inkwiet serju

Wara tliet snin li kien ilu Arċipriet għadda minn inkwiet, li forsi ħadd ma kien jistenna. Dan kien beda f'Ġunju tal-1882, sitt snin wara li twaqqfet il-Fratellanza tal-*Via Sagra* fil-parroċċa. Din kienet il-waħdanija (u baqgħet) Fratellanza tal-*Via Sagra* f'dawn

BIRGI CONFECTIONERY

97, TRIQ SAN LAWRENZ, BIRGU

SELEZZJONI TA' NBID
BIRRA
SOFT DRINKS

HOT SNACKS
PASTI
HELU TA' KULL TIP

KANNOLI
SIĊILJANI

il-Gzejjer. Imsieħba fiha kien hemm aktar minn 300 fratell, ħafna minnhom baħħara u barklori, li dik il-ħabta l-Birgu ma kienx nieqes minnhom. Għalhekk billi kienet l-ewwel tax-xorta tagħha f'dawn il-gzejjer, l-ilbies tal-fratelli ma setax jitqabbel ma' ta' oħrajn bħalha. Il-fratelli ta' din il-fratellanza ma kinux jilbsu konfratija bajda, bħal ma kienu jagħmlu l-biċċa l-kbira tal-imseħbin ta' fratellanzi oħra. L-ilbies ta' din il-fratellanza Vittoriosana kien suttana ħamra, u minnflok barnuż, kif kellhom fratellanzi oħra, kienu għamlu kappell imdendel ftit 'l isfel minn spallejhom. Din il-libsa, li ġiet tixbah lil dik tal-Kardinali, xejn ma' għoġbot lill-Isqof ta' dak iż-żmien, Mons Carmelo Scicluna u dan ordna li jagħmlu oħra b'xebħ ma' ta' fratellanzi oħra. Dawn ma tawhx widen u l-Isqof wieġeb billi ordna li l-fratellanza ma titħalla tippartečipa f'ebda purċissjoni. Minkejja din il-projbizzjoni tal-Isqof, il-fratelli żammew il-kunfratija li kellhom u nhar it-3 ta' Mejju ħadu sehem biha fil-purċissjoni tal-festa tas-Salib, li kienet tiġi ċċelebrata kull sena fil-parroċċa. Riżultat ta' dan, l-Isqof issospenda l-ħruġ tal-purċissjoni ta' *Corpus Domini*, waħda mill-aktar solenni tal-parroċċa, li kellha ssir xahar wara.

Fratell tal-Via Sagra fil-Mużew tal-parroċċa

Hawn beda l-inkwiet għall-Arċipriet Balzan billi din is-sospensjoni ma niżlet xejn tajjeb, la mal-fratelli u anqas ma' ħafna mill-membri tal-kleru. Nhar il-festa ta' *Corpus* ħafna mill-fratelli ngħabru fuq iz-zuntier tal-knisja u saret dimostrazzjoni ostili kontra l-Isqof. Il-qiegħa tant saħnet li bdew ikissru l-istemmi tiegħu li kien hemm fuq il-bieb maġġur tal-knisja, dik fuq is-sedja li kellu fil-kor u l-oħra fuq il-bieb tad-dar tal-Arċipriet. Din il-protesta tant kienet goffa li ndaħlet il-pulizija u ġew arrestati xi nies. Fost dawn kien hemm Salvu Azzopardi, imlaqqam 'Il-Pipa' u Franġisku Sultana, magħruf bħala 'Il-Ħanżira'. Dawn ittellgħu l-Qorti u weħlu xahar ħabs u ħames liri ammenda. B'ordni tal-Kurja, il-knisja kienet inżammet magħluqa għal xi jiem. Barra minn dan, xi membri tal-kleru, skont ma nkiteb fil-ġurnal *Amico del Popolo*, ġew dixxiplinati.

L-inkwiet jagħmel tiegħu

Skont l-istess ġurnal *Amico del Popolo*, l-Arċipriet Balzan tant inkwieta li tagħtu puplesija. Taħt it-tobba kuranti tiegħu, Dr Tommaso Francica u Dr Salvatore Pisani, wara xi ġimgħat qaleb għall-aħjar u beda jitlob il-brevjar u jqaddes fil-kappella li kellu d-dar. Iżda sfortunatament ma setax ikompli jagħmel dan, għax reġgħet

Olde City Pub is the Best

RESTAURANT – TAKE AWAY
U PIZZERIA

Olde City Pub

Prop. Michael Darmanin
99, St Lawrence Street,
Vittoriosa
Tel: 21 663614

tagħtu puplesija oħra li naqqsitlu d-dawl u żammitlu lsienu. Sadanittant, l-Isqof kien ħatar bħala kuġitur tiegħu fil-Birgu lill-Dun Paolo Xuereb Cordina, kappillan tal-Qrendi. Kien dan il-Kuġitur, flimkien mal-Kan Lorenzo Camilleri li assistewh meta kien agonizzant, wara t-tielet puplesija li tagħtu matul il-lejl. Miet fis-sagħtejn, sbieħ il-Ħadd 10 ta' Ġunju 1883, li nzertat il-festa tal-Madonna tal-Karità, festa fejn fil-Birgu kienet tiġi ċċelebrata solennement fil-knisja u b'purċissjoni fit-triqat prinċipali ta' din il-belt. Ta' min josserva li l-istatwa li kienet tinħareġ għadha fil-Kappellun tal-Karità sa llum. Iżda f'dak il-jum minflok il-purċissjoni bil-Madonna, sar il-funeral tal-Arċipriet Balzan.

Qabel il-funeral, fis-sitta ta' filgħodu, fil-knisja ta' San Lawrenz, tkanta l-Uffizzju tal-Mejtin mill-patrijiet Kapuċċini. Fl-għaxra għamluh il-Franġiskani Osservanti u fit-tlieta ta' wara nofsinhar tkanta mill-kleru tal-parroċċa. Il-funeral beda fis-sitta ta' filgħaxija mid-dar tiegħu fil-Pjazza tar-Rebħa lejn il-knisja ta' San Lawrenz. Fuq quddiem imxew it-tfal li kien jgħallimhom id-duttrina. Warajhom imxew il-fratellanzi b'din l-ordni: l-ewwel imxiet il-Fratellanza tas-Salib u warajha mxew dik ta' Ġesù Bambin, ta' Santa Katerina, tal-Karità, tal-Kunċizzjoni u ta' San Ġuzepp. L-aħħar waħda imxiet il-Fratellanza tas-Sagrament. Warajhom kien hemm il-familjari tiegħu, il-Kuġitur Dun Pawl Xuereb u warajh rappreżentanti tal-Kapitli tal-Isla u ta' Bormla, flimkien ma' diversi saċerdoti u persunaġġi distinti, bħal tobba u avukati midħla tiegħu. L-għada fid-disgħa ta' filgħodu saret quddiesa solenni tal-mejtin u wara saret id-difna fil-knisja ta' San Lawrenz f'qabar quddiem il-kappella tas-Sagrament. Ftit jiem wara, in-neputija tiegħu Teresa, mart Benjamin Bonnici, bint oħt ommu, fuq qabru għamlet lapida ta' rħam bil-Latin,

Ħanut tal-Laħam

Prop. Mario Mifsud

21, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1252
Tel: 2780 0581
Mob: 9946 3589

F'dan il-ħanut modern issibu:
Laħam frisk, bajd, tiġieġ, prodotti ffriżati

Ħinijiet tal-ftuħ:
Tlieta sas-Sibt: 7.30am sa nofsinhar
Friday: 4.30pm to 6.30pm

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd

KALKARA Garage

Prop. Lino Gellel
44 Archbishop Gonzi Square, Kalkara
Tel: 2180 7710 - 2180 7719
Mobile: 9947 0272 - 9989 8993

- ❒ Taxi Service
- ❒ Smart uniformed drivers
- ❒ Mini Bus Service
- ❒ Weddings (Photography & Video Recording)
- ❒ Cars for Hire
- ❒ Baptisms
- ❒ Cars with two-way radio
- ❒ Funeral & Other Occasions
- ❒ Open day & night
- ❒ At very moderate charges

deskritta mill-Kanonku Zammit Gabaretta bħala waħda mill-isbaħ. Għadha tidher bla mittiefsa fuq qabru sa llum. Permezz tagħha, minbarra jum twelidu u ż-żmien li kellu meta miet, ħalliet tagħrif fil-qosor dwar ħidmietu u tjubitu flimkien mad-dedikazzjoni u ż-żelu li bihom serva fid-diversi karigi li kellu tul is-saċerdozju tiegħu.

Tmiem is-sospensjoni

Il-fratellanza baqgħet sospiża tliet snin, sakemm fi-aħħar intlaħaq kompromess fi żmien l-Amministratur Appostoliku l-Isqof Kapuċċin Fr Anton M Buhagiar. Dan kien inħatar f'din il-kariga f'April tal-1885 mill-Papa Ljun XIII, wara li saħħet Mons Scicluna kienet marret lura ħafna. Wara l-ħatra ta' Buhagiar saru diskussjonijiet li f'inqas minn erba' xhur, wasslu biex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat.

Il-fratelli aċċettaw it-tibdil fil-kunfratija oriġinali li kellhom, li minħabba fiha kien inqala' l-inkwiet kollu. Inqatgħet li setgħu jżommu s-suttana ħamra, iżda fuqha jilbsu mozzetta sewda bil-barnuż. Neħħew il-kappell u bdew jilbsu salib kulur id-deheb imdendel fuq sidirhom. B'ħekk setgħu jieħdu sehem fil-purċissjoni fil-festa ta' San Lawrenz li kellha tiġi ċċelebrata dik is-sena. B'rikonoxxenza, l-Isqof Buhagiar ġie mistieden jassisti waqt l-Għasar. L-istedina laqagħha u kellu laqgħa mill-isbaħ.

Telaq mill-Belt lejn il-Birgu fuq il-gondla tal-Ammirall tat-Tarzna, imsieħeb mill-Vigarju Mons Salvatore Gaffiero u mid-Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral, Mons Dr Vincenzo Dingli. Niżel ix-Xatt ta' San Lawrenz fejn intlaqa' mill-membri tal Kapitlu tal-Kolleġġjata u ġie ppreżentat bukkett fjuri tal-ħarir mill-ifjen imżejjen bl-istemma tiegħu, flimkien ma' dik tal-Kolleġġjata Vittoriosana. Wara, assista minn fuq it-tron għall-Għasar u

Il-lapida fuq il-qabar tal-Arċipriet Balzan

l-Paniġierku, li dik il-ħabta kien isir flimkien mal-Għasar tard wara nofsinhar.
Qabel ħarġet il-purċissjoni, l-Isqof wera x-xewqa li jiltaqa' personalment mal-fratelli tal-*Via Sagra* u kif kien fuq is-sedja, dawn għaddew minn quddiemu tnejn tnejn u hu kellem u bierek lil kull wieħed minnhom.
Dan ma kienx biżżejjed, għax wara li daħlet il-purċissjoni, sejħilhom mill-ġdid madwaru u qabel ma tahom il-barka tiegħu, ħeġġiġhom biex jibqgħu jżommu sħiħa d-devozzjoni tagħhom lejn il-*Via Sagra*.

Min kellu jgħidlu lil Buhagiar, li nhar San

Patrick furniture

For BEDROOMS, KITCHENS, DOORS, UNITS/SINK UNITS etc.

Handaq Road, Ind. Estate Handaq, L/o Qormi
PATRICK, Plot 39, Industrial Estate, Luqa
Mob: 9988 3805

C&M BORG
COMPANY LIMITED

importers and specialists in international coffee blending

a superior tasting coffee blend

Email: cmborg@maltanet.net

SHOP:
105, ST. JOSEPH HIGH ROAD, HAMRUN
2123 1029

FACTORY:
MRIEHEL IND. ESTATE MRIEHEL
2148 7954

Lawrenz ta' għaxar snin wara, minflok fuq it-tron episkopali fil-Birgu, kellu jkun f'tebut, fil-katidral tar-Repubblika ta' Santo Domingo, fejn fl-1888, flimkien ma' Haiti u l-Venezuela, il-Papa kien ħatru Delegat Appostoliku. Jingħad li kien vittma tal-epidemja li nfirxet dak iż-żmien magħrufa bħala l-*yellow fever*. Qisu San Lawrenz kien destinat li jkollu post importanti fil-bijografiji ta' wħud mill-membri tal-familja Buhaġiar. Ftit jiem wara li miet Mons Buhaġiar, miet ħuh ukoll, il-Kan Michele u ndifen fil-knisja mill-isbaħ iddedikata lil San Lawrenz f'Santo Domingo stess.

Hi ħasra li l-kompromess li ntlaħaq fi żmien Buhagiar ma seħħx tliet snin qabel fi żmien Scicluna, għax l-inkwiet li kien inqala' kien jiġi evitat u ħajjet l-Arċipriet Balzan setgħet twalet aktar ... għall-ġid tal-parroċċa tagħna li tant kien iħobb. ❐

Bibliografija

1. Kan Ant Zammit Gabaretta, *L-Insinji Kolleġġjata u Kapitolu tal-Belt Vittoriosa*, Veritas Press Zabbar, 1979.
2. Zahra Lorenzo, 'Il-Fratellanza tal-Via Sagra fil-Birgu', *L-Imnara*, Nru 5, 1997.
3. *Amico del Popolo*, 13 u 31 ta' Ottubru 1882.
Spadaro, Rev GB, *Biografia del Sig Dr Dun Ludovico Balzan DD*, Tipografia Immacolata 1883.
5. Ferres Achille, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*.
6. Fr Calleja Joe, *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800 – 2000*, Veritas Press, 2001.
7. Gius Porsella Flores, *Knejjes li ma għadhomx jidhru ġewwa l-Birgu. Rivedut u Aġġornat minn JF Porsella Flores*, Veritas Press, 2002.
8. *Malta e sue dipendenze*, 13 Agosto 1885

Schesir®
NATURE FOR CAT & DOG

ARTHUR NAPIER

M.O.T. QUALIFIED COMPASS ADJUSTER
COMPASS REPAIRS & ADJUSTMENTS

Sayonara, Triq is-Sienja, Kalkara Malta
Mob: 7949 8260 Tel: 2169 0326

Swan Lake
Restaurant

TRIQ IL-GARDIEL
MARSASCALA

Tel & Fax: 2163 2776

Director: JOSEPH GELLEL

Mobile: 9944 6560

Residence: 2163 7995

Tfuliti fil-Belt Vittoriosa: x'nostalġija!

FR VICTOR AGIUS

Ma tantx nista' nimmaġina x'se jirrakkuntaw it-tfal tal-lum dwar ċkunithom meta jikbru. Illum, li għandi 66 sena, meta nħares lejn ċkuniti l-ewwel ħaġa li tiġi f'rasi hi: kemm konna foqra u kuntenti. Konna foqra u ma konniex nafu, għaliex kulħadd kien hekk u allura ma konniex nisthu jew ngħiru għal ħaddiehor għax kien aħjar minna. Konna ferħana għaliex mix-xejn konna nagħmlu l-gugarelli tagħna u nivvintaw il-logħob, u l-logħob kien ħafna għax la kellna televixin u wisq inqas kompjuters. Il-ġenituri tagħna għarfu jgħaddulna ħafna ferħ fi tfulitna forsi għax ftit snin qabel kienu sofrew tant waqt il-gwerra u issa għalkemm foqra, imma kien hemm il-paċi u l-imħabba.

Aħna ġejna noqogħdu l-Birgu meta jiena kelli tlett snin. Kont l-iżgħar minn erbat itfal u ħuti kienu kollha bniet. Forsi għax kont tifel waħdi, kelli mħabba speċjali lejn missieri. Lil ommi kont inħobbha wkoll sintendi u kont naħseb li kienet l-isbaħ mara li kien hemm il-Birgu, imma lil missieri kont inħobbu b'mod speċjali għax kull nhar ta' Ġimgħa konna nistennewh jiġi mix-xogħol - kien jaħdem bħala *shipwright*, u peress li kien se jġib il-paga qabel jasal id-dar kien jixtrilna *six pence toffee* biex ilkoll konna nieħdu żewġ ħelwiet kull wieħed. Wara kien jagħtina l-*pocket money* biex ingemmgħu ħalli fil-Milied kulħadd ikun jista' jixtri rigal lil xulxin. Jiena kont l-aktar żventurat għax oħti l-kbira, Rose, kienet taqla *sixpence*, Carmen tliet soldi, Laura żewġ soldi u jiena sold, li kont nerfgħu fil-bott vojt tas-sapun tal-leħja li kien juża missieri.

Dak kien ikun il-Ġimgħa għall-ħabta ta' l-4:30pm. Imbagħad is-Sibt kien ikun xi ħaġa speċjali għaliex missieri, li kien jinqala' għal kollox, kien ikollu dejjem xi ħaġa x'jagħmel, daqqa jbajjad u allura konna mmoru għand taż-żebgħa u nixtru landa jew tnejn ġir u wara li konna ngħadduh minn għarbiel magħmul minn biċċa *net* tan-nemus biex inġibuh fin, konna nimpastaw u qabel ma nħaltuh mal-ilma konna, jekk konna se nużawh għas-saqaf, konna nżidulu biċċa bluna li ommi kienet tuża meta tlaħlaħ il-ħwejjeġ bojod fil-banju tal-ħasil. Il-pniezel kienu jkunu tqal ħafna, speċjalment għalija li kelli biss madwar seba' snin, imma missieri kien jgħallimni kif nużah u jħallini niżbogħ xi biċċa ta' wara l-għamara fejn ħadd ma kien se jaraha. Kien jgħallimni kif inżomm il-martell u ngħattan il-ponta tal-musmar biex ma jaqsamx, kif inżomm is-serrieq biex ma nbatix u naqta dritt. Kemm kont inħobbu 'l missieri!

Is-Sibt wara nofsinhar, jekk i-temp fix-xitwa kien ikun sabiħ, kien joħroġna passiġġata u wieħed mill-postijiet favoriti kien ikun lejn in-naħħa ta' Wied Għammieq u kien hemm post li dak iż-żmien konna nsejħulu l-Glażiż, fejn konna nfittxu l-krempuċ u nikluh. Konna naqtgħu l-fjuri selvaġġi li konna nsibu



www.falzons.com

A: Psaila Street, Santa Venera | T: 21 482 860 / 21 485 536

fit-triq u fi triqtna lura konna l-ewwel nieqfu għand il-Kappuċċini fejn l-ajk kien dejjem jagħtina xi biċċa torta li kien fadlilhom u li kienet tinżlilna għasel u wara konna nieqfu fiċ-ċimiterju ta' San Lawrenz fejn Ġorġ ir-Rombiu kien idaħħaqqna b'xi taqbila tiegħu.

Il-Ħadd għalina kienet tkun ġurnata speċjali. Filgħodu kmieni kont immur ma' missieri l-knisja għall-quddiesa tas-6am. Jiena kont inkun abbati ma' wieħed mill-kanonċi u missieri kien janima l-quddiesa. Kien għadu ż-żmien meta kollox kien bil-Latin u missieri kien jaqra l-qari bil-Malti waqt il-quddiesa u mbagħad kien jibda r-rużarju.

Kif diġà aċċenajt jiena, għalkemm tifel żgħir, kont abbati għaliex missieri, li kien jieħu ħsieb l-abbatini tal-parroċċa, u Pawlu Raggio li kien il-prefett tagħna, kienu għallmuni kif nirrispondi lill-qassis bil-Latin. Ommi kienet tlibbisni l-kalzetti twal suwed bit-takkalji biex ma jaqgħulix u ż-żarbun iswed, li kont nilbsu biss għall-knisja. Il-libsa tal-abbati kienet speċjali wkoll. Konna nixtruha mill-Belt mingħand il-Kanonku Delia u kienet tikkonsisti f'dublett bil-lasktu, żewġ manki għal idejna u speċi ta' vavalor iswed ma' għonqna u dawn il-biċċiet kienu jitgħattew bl-ispellizza llamtata b'ħafna piegi.

Wara l-quddiesa konna niġru d-dar, nieħdu kolazzjon sempliċi, li kien ikun tazza ħalib tal-mogħża, li kien jiġi fi fliexken tal-ħġieġ ta' pinta u bit-tapp abjad u biċċa ħobż bil-butir mielaħ tar-*ration*. Wara missieri kien jeħodni x-xatt ħdejn il-pont tal-laneċ biex kont noqgħod nistad għal xi bużullieqa jew mazzun. Is-sajf kien ikun isbaħ għax kont immur il-knisja aktar tard għall-quddiesa kantata u wara b'ġirja għad-dar u dritt għat-Toqba biex ngħumu. Għadni niftakar it-Toqba bl-irwejjaħ kollha tagħha, aħna u nežlin it-taraġ li kien jagħti l-impressjoni ta' latrina pubblika u mbagħad ir-riħa tal-baħar ileqq fix-xemx u dak il-ħaxix qisu xgħar aħdar ta' tfajjel ċkejken u l-għajat ta' tfal. Iż-żgħażagħ li kienu jgħozzu għat-tamal tal-baħar u r-rizzi, li ħafna drabi kienu jaqsmu magħna.

Il-Ħadd wara nofsinhar, wara raqda li missieri kien jieħu biss nhar ta' Ħadd, konna nohorġu l-familja kollha bil-karrozza tal-linja u jiena dejjem kont niġġieled ma' oħti Laura għaliex kont irrid noqgħod ħdejn it-tieqa. Konna mmorru l-Belt jew tas-Sliema u wara konna nispiċċaw ġo ħanut biex nieħdu tazza tè u xi biċċa kejk.

Il-knisja ta San Lawrenz

Renzo s-sagristan kien jagħtini skorfina, jiġifieri xi tliet soldi, jekk naċċetta li ngħin il-quddiesa ta' xi kanonċi li kienu xi ftit jew wisq nervuži u li ħafna minna, ta' tfal li konna, konna nibżgħu minnhom. Għalija, li missieri kien jagħtini biss sold bħala *pocket money*, dan kien ħafna. Kif ħafna wkoll kien ikun meta kien jasal il-Milied u l-Ewwel tas-Sena u l-Arċipriet Pawlu Galea kien jgħidli ngħaddi fl-uffiċċju tiegħu u kien jagħtini tmintax irbieghi.

L-Arċipriet kien iħobbni wkoll għax darba meta kien wasal it-tberik kien tani triq tajba biswit il-kunvent ta' Santa Skolastika u kont daħħalt mis-sassla Lira u ħames xelini. Missieri kien issuġġerieli li nixtri l-ewwel arloġġ ta' ħajti b'dawk il-flus. Dak l-arloġġ servini sa kemm dħalt fl-iskola sekondarja, meta missieri bħala rigal kien xtrali arloġġ aħjar ta' erba' Liri u nofs. Dan it-tieni arloġġ servini sakemm sifirt lejn il-Filippini tliet snin wara li qaddist.

Missieri kien bniedem twajjeb ħafna u

Calleja

The power of we

A leader in Power Technologies
Low Voltage Products and Systems

31, Bishop Labini Street, Birkirkara, BKR 1270 Malta.

Tel: (+356) 2144 0341 | **Fax:** (+356) 2149 6507

Email: info@calleja.com.mt | **Web:** www.calleja.com.mt

Fr Victor meta kien abbati waqt it-tieġ ta' Lino u Agnes Bezzina

dejjem ferħan, imma l-aktar li kien ikun ferħan kien fil-festa ta' San Lawrenz. F'dik is-sħana ta' Awwissu, missieri kien jilbes il-libsa tal-festa bil-glekk u l-ingravata għall-quddiesa kantata u l-paneġierku, fejn kont naqbdu bil-kuruna f'idu jgħodd kemm-il darba il-predikatur kien isemmi lil 'Lorenzu tagħna'.

U filgħaxija, waqt li tkun ħierga l-istatwa kont nara għajnejh imżelliġa bid-dmugħ. Kemm kien kburi missieri b'San Lawrenz. Niftakar darba qalli: 'Ibni jekk il-Bambin jagħtik il-grazzja li xi darba ssir saċerdot, wegħdni li tqaddes quddiesa għal ruħi fuq il-qabar ta' San Lawrenz ġo Ruma'. Din il-wegħda żammejtha u rrid ngħid li kienet waħda mill-isbaħ quddiesiet li ċċelebrajt f'ħajti u li nibqa' niftakar.

Mument interessanti ieħor kien meta għall-ħabta ta' l-1957 Malta qalbet minn voltaġġ ta' 120 *watts* għal 240 *watts*. Konna għamilna żmien bla dawl u konna nużaw il-lampi tal-pitrolju biex nagħmlu l-*homework*. Jidhirli li kien żmien kemmxejn twil, imma meta fl-aħħar wasal il-mument li jasal id-dawl il-ġdid, niftakar l-Arċipriet kien stieden lil kulħadd imur il-knisja u hekk kif wasal id-dawl rajna s-sbuħija tiegħu fil-knisja ta' San Lawrenz mixgħula kollha. Dawn huma esperjenzi li diffiċli tinsa u li jibqgħu miegħek ħajtek kollha.

Sitt snin huma ftit wisq fil-ħajja ta' bniedem, imma kienu snin importanti fil-ħajja tiegħi. Irrid ngħid li sal-lum għadni nieħu gost ninżel il-Birgu ma' xi ħabib biex nagħmel passiġġata x-xatt minn quddiem il-knisja sal-Kalkara u lura.

U dejjem, b'nostalġija kbira, niftakar u nerġa' ngħix dawk il-mumenti sbieħ ta' ħajti fil-Belt Vittoriosa. ❐

Il-Kumitat u l-membri
taċ-Ċentru Laburista
tal-Birgu
jixtiequ jawguraw
il-festa t-tajba
lil kulħadd

Partit Laburista

Ċentru Laburista
Misraħ ir-Rebħa
Vittoriosa

P. N.

Il-Kumitat flimkien mal-membri
tal-Każin Nazzjonalista tal-Birgu
jixtiequ jawguraw
il-festa t-tajba
lill-Vittoriosani kollha

facebook.com/pnbirgu

TA' MARCO

TAKE IN / AWAY / APPETIZERS / BAR OFFERS
OPEN BARS / LIVE SPORTS / GOOD MUSIC
70's, 80's, 90's NIGHTS

Prop: Marco Zammit
Mob: 9949 4449

AUDIOPHONIC

St. Mary Street, Tarxien • Telephone: 21677628 • E-mail: audiophonic@gmail.com

Professional Quality

Follow Us On facebook

Talba tal-Levita Lorenzo fuq il-Gradilja

ĠORĠ PERESSO

Fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-1750 mill-martirju ta' San Lawrenz Levita, li kienu saru fl-2007, kelli l-unur li nissieħeb f'diversi attivitajiet. Fost oħrajn, kelli l-unur nikteb il-kliem ta' ħafna kanzunetti Lawrenzjani, fosthom l-Innu taċ-Ċentinarju, immużikat minn Philip Vella. Kanzunetta għal qalbi ħafna hija NOTTE DI SAN LORENZO, kantata minn Ludvig Galea.

Imma xogħol għal qalbi ħafna kien u għadu s-Son et Lumiere *li sar ftit jiem qabel il-festa fuq iz-zuntier tal-ġemb tal-knisja. Il-produzzjoni kienet ta' ħabibi Giovann Raggio, b'direzzjoni tal-kollega Frans Lia. Il-parti tal-Levita Lorenzu kienet interpretata b'ħila u devozjoni kommossa mill-attur Emanuel Cassar. Kont iddedikajt dan ix-xogħol lin-nies tal-familja tiegħi li kellhom imħabba kbira u rabta mal-Birgu u San Lawrenz, bħalma huma n-nannu George, verseġġjatur Lawrenzjan, li kien ukoll fl-antik membru tal-Kumitat tal-Każin, lil nannti Filomena, oħt il-Kanonċi Anton u Ġwann Agius ta' Għasfura, lil missieri Lorenzu, liz-ziju Michele u lil zijithom Ġanna Attard. Hu pjaċir tiegħi li naqsam din it-talba-poetika li qgħedt fuq fomm il-Levita tagħna huwa u jmut maħruq.*

Ġismi tari bil-ħalib ta' ommi msoqqi.
Bit-tagħlim ta' Sidi mifdi,
B'Ġismu, b'Demmu mrejjaq f'ismu,
Le jinfena,
Le jinqered,
Imma f'hena
Jsir ħuġġieġa u jiġġedded.
Din in-naħa issa saret.
Fis dawruni n-naħa l-oħra,
Ħalli ġismi fuq dal-midbaħ
Isir jiddi mid-deheb isbaħ.
In-nar tagħkom xejn ma jiswa biex jeqridni.
Biex jherrini.
Għax jien fjamma, torċa tabqad,
Għax kliem Sidi jheġġiġni,
U jixegħlni, u jimlini,
U n-nar tagħkom tfigħ bis-sħiħ.
Mhux il-ġmamar li kebbistu
Taħt il-forma tal-gradilja
Li jaħraqni. Li jmewwitni.
Ġismi rmied, u għadmi niexef.
Imma ruħi għadha vampa
W quddiem Sidi
Ser intemm is-salm tal-fidi.
Kor ta' anġli qiegħed nisma'
Mhux in-nar jikbes u jfaqqa'.
Mhux ir-riħa tal-maħruq inxomm f'dil-lejla
kollha kwiekeb għaddejin fil-firmament,
donnhom dmugħ ta' xi lament.
Imma nċens ifuħ tal-Ġenna
Fejn ma' Kristu mmur nithenna.
Din il-benna li nistenna
Kif mal-aħħar ġamra
Nifsi jdub ħanin ħanin ... mitfi fin fin ...
u n-nar ... inin. ❐

Mario James

GOLD LADY

Jewellery

Goldsmith & Silversmith.

Manufacture & repairs shop:
8.30am – 12.00 noon – 4pm – 7pm
Sir Paul Boffa Avenue, Żejtun
(Quddiem il-knisja tal-Ħniena)

Tel: 2167 3928

Unisex

hair by Sandra Lia

Golden Hands Salon

Triq il-Kapuċċini Kalkara
2180 0699
Open from Tue - Sat from 8.30am - 6pm

Dun Ġużepp: min kien? L-omelija tal-Arċipriet

FR JOSEPH MIZZI
Arċipriet

Nhar it-Tnejn, 1 ta' Frar, sar il-funeral tal-Kan Dun Ġużepp Caruana. Il-quddiesa tmexxiet mill-Arċisqof Mons Charles J Scicluna. L-Arċipriet Dun Joe Mizzi għamel l-omelija. Siltiet

Il-Ħadd 31 ta' Jannar 2016 filgħodu kmieni ġriet l-aħbar li ħalliena Dun Ġużepp. Mal-Birgu kollu kien hawn arja ta' diqa u ta' swied il-qalb għax kulħadd ħass it-telfa tiegħu, kulħadd induna xi tlifna! Mal-aħbar tal-mewt tiegħu laqtuni ħafna r-reazzjonijiet tan-nies: 'miet qaddis', 'qassis uniku', 'qassis speċjali'. Dawn ir-reazzjonijiet laqtuni għax kollha kienu ġejjin mhux tant minn dak li għamel u wettaq Dun Ġużepp, iżda iżjed minn dak li tassew kien. Għalhekk se naqsam magħkom tliet kwalitajiet li juruna min kien Dun Ġużepp.

1. *Imsawwar fuq Ġesù Kristu*

Dun Ġużepp fittex li jibni ħajtu fuq Ġesù u ma' Ġesù. Ma kienx jgħix bla Ġesù. Timpressjonani kienet is-siegħa adorazzjoni li kien jagħmel kuljum quddiem it-tabernaklu u dan sa l-aħħar jiem ta' ħajtu. Ma kienx joqgħod bilqiegħda tafux, iżda għarkupptejh. L-istess kienet ir-reverenza li kien jagħmel quddiem Ġesù, sal-art kien jinżel, hekk li kważi kont tisma' l-galletta tfaqqa'. It-talb kien in-nifs, l-ossiġinu ta' ħajtu, hekk li seta' tassew jgħid ma' San Pawl, 'mhux jien ngħix iżda Kristu jgħix fija'. Kien tassew imsaħħar wara Ġesù, hekk li nistgħu ngħidu li ż-żejt tal-konsagrazzjoni tiegħu baqa' tassew frisk u jfuħ. Nista' tabilħaqq ngħid li l-kelmiet tal-konsagrazzjoni, 'dan hu ġismi' u 'dan hu demmi' kienu kliem li huwa tassew għex f'offerta totali, safja u qaddisa lil Alla.

2. *B'servizz leali lejn il-parroċċa*

Is-saċerdozju tiegħu għexu kollu l-Birgu bħala Viċi-Arċipriet ta' tmien Arċipriet. Kien tassew kollaboratur leali u ta' spalla għal kull Arċipriet. Dejjem il-knisja minn x'ħin tiftaħ sa ma tagħlaq, iqarar il-ħin kollu, iqarben il-quddies kollu, iqarben u jżur il-morda fi djarhom il-ġimgħa kollha. Kien tassew dedikat għall-poplu, hekk li ma kellux ċans jistrieħ. Barra minn hekk kellu wkoll il-laqgħat tal-Azzjoni Kattolika u tal-abbatini u diversi laqgħat oħra. Insomma verament saċerdot li ta ħajtu għas-servizz tal-poplu. Jien nistħajlu bħal dak il-qaddej fidil u għaqli tal-Vanġelu li Sidu sabu jaqdi dmiru billi jagħtihom l-ikel f'waqtu.

3. *B'imħabba kbira lejn il-Knisja*

Kellu mħabba kbira lejn il-Knisja. Qatt ma smajtu jgerger fuq xi ħadd jew għal xi ħaġa. Bħala saċerdot hu fittex dejjem li jkompli jikber biex ikun ta' servizz aħjar għal Knisja. Arah issa sejjer għall-aġġornament; issa sejjer għall-irtir annwali; issa sejjer għal xi laqgħa tal-Fraternità ta' Charles de Foucould; issa sejjer għall-adorazzjoni ta' billejl għall-qdusija tal-kleru; issa jixtri xi kotba biex ikun jista' jistudja u jipprepara l-laqgħat eċċ.

PAMPER YOURSELF AT SATIN SKIN

Satin Skin
Beauty Salon by Lisa
85,
Triq il-Palazz L-Antik Tal-Gvernatur,
Birgu BRG 1366
T: 21 667 985 M: 99 892 069

Facials
Waxing
Manicures & Pedicures
Massages
Eyebrow Shaping / Tinting
Body Treatments
Electrolysis
Make-Up For All Occasions
Gift Vouchers also available

Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, CORRADINO INDUSTRIAL ESTATE
PAOLA

MANUFACTURERS OF ALL TYPES OF WOODEN MOULDINGS

Showrooms
At the Factory

SPECIAL PRICES FOR
FURNISHED FLATS
OWNERS

tel: 2182 7650 / 9983 5390
e-mail: fava@maltanet.net

L-imħabba tiegħu lejn il-Knisja dehret fuq kollox fl-imħabba tiegħu lejn il-foqra. Arah iżur il-familji u n-nies fil-bżonn u jagħmel il-karità b'qalb kbira u ġeneruża. Fuq l-eżempju ta' San Lawrenz il-foqra kienu tassew għal qalbu u meta ġieli ġibdulu l-attenzjoni hu kien jaqbeż għalihom u jiskużahom. Kien tassew ta' qalb ħanina bħal Missier. Dan kollu kien jagħmlu bla daqq ta' trombi u bla storbju. Fuq l-eżempju ta' San Ġorġ Preca, li huwa tant kien iħobb, fittex dejjem li jagħmel kollox b'ħafna umiltà.

"L-imħabba tiegħu lejn il-Knisja dehret fuq kollox fl-imħabba tiegħu lejn il-foqra."

Għeluq

Illum, għeżież ħuti, qegħdin niftakru f'dawk li għamlulna l-ġid; dawk li ħabbewna; dawk li taw ħajjithom għalina u nagħmlu tajjeb nagħmlu dan. Dun Ġużepp kien tassew ikona tal-kleru Malti; teżor tassew tal-parroċċa tal-Birgu u ġawhra tal-Belt Vittoriosa. Ta' dan irridu ngħidulu tassew grazzi. Grazzi Dun Ġużepp talli tajt ħajtek għall-parroċċa tagħna, fejn fis-skiet u fil-ħemda int kont dejjem preżenti għal kulħadd. Lejl u nhar, bard u sħana int kont kollox għal kulħadd. Int kont strument sabiħ f'idejn il-Mulej. Il-Mulej permezz tiegħek għamel ħafna ġid lill-parroċċa tagħna; permezz tiegħek il-Mulej xeħet kotra ta' grazzji fuqna; permezz tiegħek il-Mulej għallem, farraġ, dewwa u fejjaq ħafna nies. Issa itlob għalina mis-sema u minn ħdejn Ġesù, li kont tant tgħożż il-kumpanija tiegħu, kompli ispirana kif inkunu qassisin tajbin u qaddisin; qanqal aktar żgħażagħ biex bil kuraġġ kollu jistaqsu u jiddixxernu aħjar xi jrid Alla minnhom u għamilna parroċċa ħajja u magħquda skont il-qalb ta' Ġesù.

L-Arċipriet waqt l-omelija tal-funeral

Nagħlaq bit-talba għażiża tal-Beatu Charles de Foucould li kienet il-programm ta' ħajtu.

Missier, f'idejk nintelaq

Missier, f'idejk nintelaq jiena.
Agħmel minni dak li jogħġbok.
Niżżikħajr għal dak kollu li tagħmel bija: jien lest għal kollox, nilqa' kollox.
Agħmel biss li r-rieda tiegħek isseħħ fija, u fil-ħlejjaq kollha tiegħek.
Ma nixtieq xejn aktar, Mulej.
F'idejk jien nitlaq ruħi;
nagħtihielek bl-imħabba kollha ta' qalbi,
għax jien inħobbok, Mulej,
u għalhekk inħoss il-ħtieġa li nagħti lili nnifsi lilek, li nintelaq f'idejk għal kollox
u b'kunfidenza bla tarf,
għax int Missieri. ❐

Ara wkoll paġna 99

LED Architectural Lighting System for the Vittoriosa Landfront Fortifications and Intramural Spaces

RVC wishes a joyous celebration to the residents of Vittoriosa on the feast of St Lawrence

Raymond Vella & Co. Ltd.
BUILDING SERVICES CONTRACTORS

www.rvcltd.com.mt

Fuq: Il-korteo ta' Dun Ġużepp meta wasal Misraħ ir-Rebħa fi triqtu lejn il-knisja parrokkjali.
Lemin u isfel: Dun Ġużepp jiċċelebra l-50 sena tas-saċerdozju tiegħu fl-2009. Jidher jaqsam it-torta ma' Dun Mario li kien ordna saċerdot miegħu.



PROGRAMM

TAL-FESTI LI SE JSIRU FIL-KNISJA KONVENTWALI MATRIĊI
KOLLEĠĠJATA U PARROKIKJALI U TAL-FESTI ESTERNI LI SE JSIRU
FIT-TOROQ TAL-BELT VITTORIOSA AD UNUR TA'

SAN LAWRENZ LEVITA U MARTRI
PATRUN TAL-BELT REBBIEĦA
31 TA' LULJU – 11 TA' AWWISSU 2016

IL-ĦADD – 31 TA' LULJU
BIDU TAL-FESTA

Nofsinhar: Daqq tal-Mota

7pm: Quddiesa minn Fr Martin Mamo OFM Cap. Dawk kollha impenjati fl-organizzazzjoni tal-festa huma mistiedna.

Wara l-quddiesa purċissjoni bl-istatwa ta' San Lawrenz, akkumpanjata bil-kant ta' innijiet, minn quddiem l-artal tal-Kunċizzjoni għall-kursija sakemm l-istatwa titqiegħed fuq il-bradella. Wara antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u bews tar-relikwija.

9.30pm: Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tibda marċ minn ħdejn il-Każin tal-Banda fil-Pjazza u jgħaddi mit-toroq: Nestu Laiviera, Sant'Antnin, Ċentinarju, Ħabs l-Antik, Palazz l-Antik tal-Gvernatur, Misraħ ir-Rebħa, Hilda Tabone, Kwartier, Paċifiku Scicluna, Torri San Ġwann, Mina l-Kbira u jispiċċa l-Pjazza.

IT-TNEJN – 1 T'AWWISSU
BIDU TAN-NOVENA
Jum il-Miżżewġin

6pm: Quddiesa tan-Novena bis-sehem tal-kor tal-parroċċa, taħt it-tmexxija tal-Kan Dun Lawrenz Bonnici. Imexxi l-Kan Dun Mark Andrè Camilleri.

Tul in-novena jipprietka l-Kan Dun Jesmond Grech.

Mistiedna l-familji kollha tal-parroċċa, b'mod speċjali dawk il-koppji li din is-sena qed jiċċelebraw għeluq l-ewwel sena, il-25 u l-50 sena taż-żwieġ tagħhom.

Wara l-quddiesa, antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika, Innu u bews tar-relikwija.

SLOW

IT-TLIETA – 2 T'AWWISSU
IT-TIENI JUM TAN-NOVENA
Jum l-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ

6pm: Quddiesa tan-Novena minn Fr Stephen Magro.

Mistiedna speċjali l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna, l-aktar dawk li huma impenjati fil-festa.

Wara l-quddiesa, kollox bħall-jum ta' qabel.

L-ERBGĦA – 3 T'AWWISSU
IT-TIELET JUM TAN-NOVENA
Jum il-Membri tal-Għaqdiet

6pm: Quddiesa tan-Novena mmexxija minn Mons Salvino DeBrincat.

Mistiedna l-membri tal-għaqdiet tal-parroċċa.

Wara l-quddiesa, kollox bħall-jum ta' qabel.

IL-ĦAMIS – 4 T'AWWISSU
IR-RABA' JUM TAN-NOVENA
Jum l-Anzjani u t-Tfal

9.30am: Quddiesa għall-anzjani fil-knisja parrokkjali. Iqaddes l-Arċipriet Dun Joe Mizzi. Wara l-quddiesa tingħata l-Griżma tal-Morda.

Mistiedna wkoll dawk li jgħixu fid-djar tal-anzjani.

Wara l-Grupp *CARITAS* tal-parroċċa, flimkien mal-Kummissjoni Djakonija, joffri bibita.

5.30pm: Purċissjoni tat-tfal bi statwa żgħira ta' San Lawrenz mill-knisja ta' Santa Skolastika sal-knisja parrokkjali.

6pm: Quddiesa tan-Novena minn Fr John Avellino.

Mistiedna t-tfal u ż-żgħażagħ taċ-Ċentru tal-Katekiżmu u l-familjari tagħhom.

Wara l-quddiesa kollox bħall-jum ta' qabel.

IL-ĠIMGĦA – 5 T'AWWISSU
IL-ĦAMES JUM TAN-NOVENA
Jum is-Saċerdoti u l-Vokazzjonijiet

6pm: Quddiesa tan-novena minn Mons Lawrenz Mifsud, eks-Arċipriet tal-parroċċa, li matulha ssir il-vestizzjoni tal-abbatini.

Mistiedna l-abbatini u l-ġenituri tagħhom.

Wara l-quddiesa kollox bħall-jum ta' qabel.

Isir festin żgħir għall-abbatini u l-ġenituri tagħhom.

8pm: Riċeviment tal-festa fil-Każin tal-Banda.

IS-SIBT – 6 T'AWWISSU
IS-SITT JUM TAN-NOVENA
Jum ir-Romol u l-għeżież li ħallewna

6pm: Quddiesa tan-Novena mill-Kan Mario Agius.

Mistiedna r-romol tal-parroċċa u l-familjari ta' dawk li mietu matul l-aħħar sena.

Wara l-quddiesa, kollox bħall-jum ta' qabel.

8pm: Marċ mill-Banda San Anard ta' Ħal Kirkop, li jibda f'Misraħ ir-Rebħa u jkompli f'dawn it-toroq: La Valette, Miratur, Mandraġġ, Miratur, La Valette, Misraħ ir-Rebħa, Mina l-Kbira, Palazz tal-Isqof, Papa Alessandru, Torri ta' San Ġwann, Mina l-Kbira u jispiċċa f'Misraħ ir-Rebħa. Fi tmiem il-marċ is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi tippreżenta *laser show* fil-Pjazza ewlenija tal-Birgu.

IL-ĦADD – 7 T'AWWISSU
IS-SEBA' JUM TAN-NOVENA
Jum il-Komunità

6pm: Quddiesa tan-Novena minn Mons Pawlu Raggio, eks-Arċipriet tal-parroċċa.

Wara l-quddiesa, kollox bħall-jum ta' qabel.

8pm: Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tibda marċ tul Triq il-Mina l-Kbira sa Misraħ ir-Rebħa.

9.15pm: Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tesegwixxi l-kunċert '*Vittoriosa in Festa*' fuq il-planċier f'Misraħ ir-Rebħa.

IT-TNEJN – 8 T'AWWISSU
L-ANTEVIĠILJA
Jum il-Benefatturi, il-Voluntiera u l-Vittoriosani

6pm: Quddiesa tan-Novena mill-Kan Dun Lawrenz Bonnici, bl-omelija dwar il-Birgu u l-Assedju l-Kbir.

Mistiedna l-benefatturi tal-parroċċa, il-voluntiera u dawk il-Vittoriosani kollha li m'għadhomx jgħixu l-Birgu.

Wara l-quddiesa, jindaqqu l-Innu u l-Antifona ta' Dun Alwiġ Fenech, issir Ċelebrazzjoni Ewkaristika u jsir il-bews tar-relikwija ta' San Lawrenz.

8.45pm: Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tilqa' l-istatwa ta' San Lawrenz 'Jagħti d-Dawl lill-Għomja' f'Misraħ ir-Rebħa u tibda d-dimostrazzjoni bl-istatwa f'dawn it-toroq: Desain, Kardinal, San Lawrenz, Nestu Laiviera, Misraħ ir-Rebħa, San Filippu, La Valette, Misraħ ir-Rebħa u Triq il-Mina l-Kbira, fejn l-statwa tittella' fuq il-kolonna fost id-daqq tal-Innu u l-ferħ tal-folla preżenti.

IL-TLIETA – 9 T'AWWISSU
LEJLET IL-FESTA

8.30am: Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċipriet Dun Joseph Mizzi, bil-kant tat-*Te Deum*.

10.30am: Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tibda l-marċ tat-*Te Deum* minn Triq La Valette. F'Misraħ ir-Rebħa jinfetaħ il-'Ballun' tradizzjonali. Il-marċ ikompli fi Triq il-Mina l-Kbira, Torri ta' San Ġwann u t-toroq Mikiel Gonzi, Paċifiku Scicluna, Kwartier, Hilda Tabone, Santa Skolastika, La Valette, San Filippu u jintemm il-Pjazza.

6pm: Quddiesa mill-Kan Joe Caruana, eks-Arċipriet tal-parroċċa.

7pm: Translazzjoni solenni tar-relikwija ta' San Lawrenz immexxija mill-Arċipriet Dun Joseph Mizzi, flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u saċerdoti oħra. Għasar Solenni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

8pm: Il-Banda Kristu Re ta' Raħal Ġdid tesegwixxi Programm Mużikali fuq il-plančier f'Misraħ ir-Rebħa. Wara tibda marċ minn Misraħ ir-Rebħa għal dawn it-toroq: La Valette, San Filuppu, Nestu Laiviera, San Lawrenz u jintemm ħdejn il-knisja.

8.30pm: Marċ mill-Banda Madonna tal-Karmnu tal-Balluta li jibda minn quddiem il-knisja ta' San Lawrenz u jkompli tul il-*Marina Grande* saż-żona tat-Toqba.

10pm: *La Notte di San Lorenzo*: spettaklu ta' logħob tan-nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika mtella' mill-Għaqda Piroteknika 10 t'Awwissu. Jikkummenta Dorian Cassar.

Fl-10.30pm il-marċ ikompli u jgħaddi minn dawn it-toroq: Mandraġġ, Misraħ ir-Rebħa, Desain, Kardinal u San Lawrenz.

Fl-11.30pm logħob tan-nar fix-Xatt tal-Birgu, quddiem il-knisja parrokkjali.

MIFSUD GARAGE LTD.

- Chauffeur Driven Cars
- Mini-Van Service
- Wedding Service
- Funeral Service
- Holiday Appartments
- 24 Hours Service

FOR MORE THAN
60 YEARS OF EXPERIENCE

MIFSUD GARAGE LTD
IRONMONGERY

For all types of Hardware Items

OPEN ALL DAY
INCLUDING SATURDAY & SUNDAY
AND ALSO PUBLIC HOLIDAYS

GELMF FLATS
Accomodation Appartments

- Self Catering
- Fully Furnished
- Fully Air-conditioned
- Cable TV Service
- Telephone/Internet
- Intercom Service
- Bedroom
- Restroom + Shower
- Kitchen + Dining Area
- TV + Living Area
- Balcony
- Laundry W/Machine
- Close to all amenities

Address: 56, LA VALLETTE STREET, VITTORIOSA BRG1422 MALTA
TEL: (+356) 21 807535 / 21 807537 FAX: (+356) 21 807818
MOBILE: 99440428 / 99875671
E-MAIL: info@mifsudgarageltd.com WEBSITE: www.mifsudgarageltd.com

L-ERBGĦA – 10 T'AWWISSU
L-GĦID TA' SAN LAWRENZ

4.30am: Mota tal-Għid ta' San Lawrenz.

6am: Quddiesa.

7am: Konċelebrazzjoni mmexxija minn Patri Claudio Borg OP.

8am: Quddiesa kkonċelebrata bis-sehem tal-Kapitli ta' Bormla, l-Isla u San Pawl, il-Belt. Imexxi l-Kan Robin Camilleri, Arċipriet tal-Isla.

9am: Kant ta' Tifħir ta' Sbieħ il-Jum.

9.30am: Quddiesa Solenni ta' Jum San Lawrenz immexxija mill-Arċipriet Dun Joseph Mizzi, flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-kleru. Jinseġ il-paniġierku f'ġieħ San Lawrenz il-Kan Dun Mark Andrè Camilleri, kappillan ta' Kristu Re, Raħal Ġdid.

Nofsinhar: Quddiesa.

5.45pm: Quddiesa animata mill-grupp ta' Agatha Zahra. Iqaddes Fr John Avellino.

6.30pm: Għasar Solenni.

6.30pm: Il-Banda Ċittadina *King's Own* tal-Belt Valletta tibda marċ minn Triq Sir Paul Boffa u wara tesegwixxi programm mużikali fuq il-pjanċier f'Misraħ ir-Rebħa.

6.30pm: Il-Banda Anici ta' Ħal Qormi tibda marċ minn Triq il-Kardinal li jkompli f'Misraħ ir-Rebħa, La Valette, San Filippu, Nestu Laiviera u takkumpanja l-purċissjoni sa Triq it-Torri ta' San Ġwann.

7.15pm: Toħroġ il-purċissjoni mmexxija mill-Arċipriet. Il-Banda Anici ddoqq innijiet waqt il-ħruġ tal-istatwa.

8pm: Il-Banda San Girgor ta' Tas-Sliema tibda marċ minn quddiem dak li kien il-*Casinò di Venezia* fuq il-*Marina Grande* u jkompli fi Triq Nestu Laiviera u Misraħ ir-Rebħa sa Triq il-Mina l-Kbira minn fejn takkumpanja l-purċissjoni sad-dħul lura fil-knisja.

11pm: Dħul tal-purċissjoni fl-isfond tad-daqq tal-Antifona ta' Dun Alwiġ Fenech.

Wara Ċelebrazzjoni Ewkaristika, bews tar-relikwija u Innu San Lawrenz.

IL-ĦAMIS – 11 T'AWWISSU
L-GĦADA TAL-FESTA

9pm: Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tibda l-marċ tal-għada tal-festa. Meta l-Banda tasal ħdejn il-kolonna, titniżżel l-istatwa ta' San Lawrenz. Wara l-Banda takkumpanja l-istatwa sa l-Oratorju ta' San Ġużepp.

L-ERBGĦA – 17 T'AWWISSU
OTTAVA TA' SAN LAWRENZ

6pm: Quddiesa, repożizzjoni tar-Relikwija ta' San Lawrenz u Innu San Lawrenz.

2006: IL-MIRAKLU TA' 10 SNIN ILU

Ritratt tal-biża' li jmur lura 10 snin, eżattament l-10 ta' Awwissu 2006, meta nhar il-festa, waqt li kienet għaddejja l-purċissjoni, xtar ta' murtal waqgħu fuq kontejner mimli murtali u dan sploda. Verament sħabna tan-nar ħelsuha ħafif, għax b'miraklu ħadd minnhom ma ntlaqat mill-murtali li bdew jisplodu! Dakinhar konna nisparaw minn fuq il-blat, taħt il-Forti Sant Anġlu u niftakar partijiet mill-kontejner l-għada nstabu qrib il-kappella ta' Sant'Anna, fil-parti ta' fuq tal-Forti. Noel Castillo fl-artiklu tiegħu f'paġna 133 jgħid li "jien u sħabi, li konna ftit metri 'l bogħod mill-isplużjoni, nibqgħu ngħidu li dakinhar twelidna mill-ġdid". Tassew, verament Alla u San Lawrenz kienu magħna dakinhar.

Armar ġdid u restawr għall-festa 2016

CHRISTIAN RAGGIO

'Wara l-maltemp jiġi l-bnazzi' jgħid il-Malti! Sfortunatament fil-festa tas-sena l-oħra wara l-maltempata qawwija tat-8 ta' Awwissu, mhux talli ma tfaċċax il-bnazzi, talli reġa' kellna x-xita nhar l-10 ta' Awwissu. Kienet deċiżjoni tajba u f'waqtha li bħala Kumitat tal-Festa, flimkien ma' Fr John Avellino, li kien Amministratur tal-Parroċċa u l-Kapitlu, iddeċidejna li nibdew inżarmaw immedjatament wara l-quddiesa tal-Pontifikal. Kollox kien qed jindika li tard wara nofsinhar, kellha terġa' tagħmel ix-xita. B'hekk evitajna aktar ħsara milli diġà kellna, għax fil-fatt fil-5pm infetħu bibien is-sema u ma waqfitx qabel id-9pm. Infatti l-purċissjoni ta' San Lawrenz ma saritx u kienet l-unika waħda mill-festi kollha ta' Malta għas-sena 2015 li ma ħarġitx.

L-iktar ħsara evidenti li kellna kienet fl-istatwi, fil-bnadar l-antiki li wħud minnhom kien fadal biss il-ħabel tagħhom, u fid-drapp li nħakem mir-riħ qawwi li ħalliet warajha t-tromba li għaddiet mill-periferija tal-Birgu. Tassew li s-sena 2015 żgur mhi se tintesa qatt. Kienu xeni tal-biki.

Nistqarr li anke jien dak il-ħin bkejt u ħassejtni f'attakk ta' paniku kbir. F'xeni bħal dawk, impossibbli tibqa' kalm u tieħu kollox bil-mod. U minn fejn se taqbad tibda? X'se tagħmel f'dak il-ġenn kollu? Min kellu jgħidilna li propju wara li armajna l-aħħar pavaljun, kellna nerġgħu naqbdu nżarmaw? Minkejja dak kollu li għaddejna minnu, ma qtajniex qalbna, anzi, nażżarda ngħid li din kienet waħda mis-snin b'saħħithom li tant sar xogħol fiha. Missejna kull aspett u qasam fejn jidħol l-armar. Għamilna armar ġdid, irrestawrajna l-ħsara li kellna, investejna f'diversi affarijiet u tajna saħħitna kollha biex niġbru aktar fondi biex inkopru l-ispejjeż li kellna.

Bla dubju li dan ix-xogħol kollu li se taraw, ħafna minnu sar b'mod volontarju u b'dedikazzjoni kbira. Pubblikament, bħalma nagħmel dejjem, nixtieq qabel xejn nirringrazzja lill-voluntiera kollha li matul is-sena jagħtu l-kontribut tagħhom fil-ħin liberu, kultant anke f'ħinjiet u kundizzjonijiet mhux daqshekk komdi. Bis-saħħa tagħhom se jkollna festa oħra ta' suċċess kif dejjem kellna. Sfortunatament fis-sena 2016 għadek issib nies li jmaqdru, iparlaw fil-vojt u ma jagħmlu xejn ħlief jikkritikaw. Kieku dan kollu jissarraf f'xogħol għall-festa, il-piż jinqasam fuq aktar nies, iżda sfortunatament, is-sitwazzjoni f'Beltna hi dik li hi.

Nixtieq infakkar li din hija l-festa tan-nies kollha tal-Birgu u għalhekk napprezzaw jekk tgħinuna aktar bid-donazzjonijiet tagħkom jew bil-preżenza tagħkom waqt l-attivitajiet li jiġu organizzati matul is-sena. Permezz tal-attendenza u d-donazzjonijiet, tkunu qed turu aktar apprezzament għal dak ix-xogħol kollu li jsir mill-voluntiera bla interessi.

DAIKIN GREAT NEWS

VRV IV SETS THE STANDARD ...AGAIN

LEADERS IN VRV WITH UNBEATABLE ENERGY EFFICIENCY

4 seasons climate comfort

- Heating
- Air conditioning
- Applied systems
- Refrigeration

Daikin Altherma

Daikin Chilled Water Range

Daikin Unique Design Round Flow Cassette

Daikin High Wall Unit

RESIDENTIAL



COMMERCIAL

INDUSTRIAL

M.A. & A. SERVICES LTD.

DAIKIN

M.A. & A. Services Ltd. Centre House, Level 1, Valletta Road, Qormi QRM 3519, Malta
Tel: (+356) 2365 0400 Stores: (+356) 2123 1600 Fax: (+356) 21 221351 E-mail: info@maa.com.mt

Nifhem li llum il-ġurnata kulħadd għandu l-ispejjeż personali tiegħu, imma tweġġa' meta tara *envelopes* tal-arbular vojta jew bi ftit ċenteżmi, jew issib nies li bla mistħija ta' xejn jgħidulek li 'jien għall-festa ma rridx nagħti' u jkunu minn tal-ewwel li jaqbżu fil-marċ jew jikkritikawk fuq ħaġa jew oħra. Kif tistgħu taraw mir-rendikont li qed nippubblikaw f'dan il-Programm, il-festa ta' barra biss tiġi tiswa aktar minn €40,000, apparti l-ispiża tal-ħsara li ġarrabna din is-sena. Hu għalhekk li nitolbukom tgħinuna kemm tistgħu meta nduru fuqkom biex niġbru l-flus, u fl-istess waqt nirringrazzja lil dawk kollha li qatt ma ddejqu jagħtu l-għotja tagħhom meta mitluba.

Dan li ġej huwa x-xogħol kollu li sar din is-sena u li jekk Alla jippermetti temp tajjeb, ingawduh matul il-jiem tal-festa.

Statwi

- Restawr ta' 12-il anġlu ta' Triq il-Mina l-Kbira;
- Restawr ta' 4 anġli ta' madwar l-istatwa ta' San Lawrenz tal-Pjazza;
- Restawr tal-aħħar erba' qaddisin tal-Pjazza - San Pietru, San Pawl, San Procorus, San Filippu;
- Restawr tal-istatwa ta' San Lawrenz tal-Mandraġġ;
- Statwa ġdida ta' San Lawrenz regalata minn Noel Casha għal Triq Ġilormu Cassar.

Ix-xogħol fuq l-anġli sar kollu b'xejn minn Noel Casha, taħt is-superviżjoni u bl-għajnuna ta' Andrew Bugeja. Ix-xogħol kien jikkonsisti f'saffi ta' ġibs ġdid, protezzjoni kontra l-ilma u żebgħa mill-ġdid. L-irtokki finali fuq l-anġli fejn jidħlu kuluri u karnaġġjon saru volontarjament minn Andrew Bugeja. Għenu f'dan ix-xogħol, Lawrence Sciberras, Luca Vassallo, Neil Zerafa, Chris Zahra, Alessandro Montesin, Clayton Agius, Alessia Calleja u Pawlu Mifsud.

San Lawrenz, proġett li daħal għalih Noel Casha, xogħol Andrew Bugeja


enjoy responsibly
open your world
Heineken
HEINEKEN LAGER BEER
Heineken
PREMIUM QUALITY
EST. 1873
Heineken®

Ir-restawr tal-istatwa ta' San Lawrenz tal-Mandraġġ sar minn Clive Busuttil u kien iffinanzjat minn Pawlu Cilia u l-familja tiegħu. L-istatwa l-ġdida ta' San Lawrenz għal Triq Ġilormu Cassar inħadmet minn Andrew Bugeja u tħallset minn Noel Casha. Ir-restawr tal-erba' statwi tal-Pjazza sar minn Andrew Bugeja, b'waħda minnhom mogħtija b'xejn.

Kolonni

- Irħamar u induratura mill-ġdid bid-deheb tal-aħħar tliet kolonni ta' madwar San Lawrenz tal-Pjazza;
- Tiswija, irħamar u induratura bid-deheb tat-trufej ta' ħdejn Santa Skolastika;
- Tiswija, irħamar u induratura bid-deheb tal-kolonni tal-anġli ta' Triq Nestu Laiviera;
- Restawr taż-żewġ kolonni tal-pilandri tal-ġibs;
- Tindif u żebgħa bil-vernić tat-trufej kollha tal-Pjazza;
- Erba' vażuni tal-injam ġodda bil-pilandri għall-kolonna tač-Ċorma;
- Skultura tal-injam ġdida għall-kolonni tal-pilandri l-kbar ta' Triq Nestu Laiviera;
- Induratura bid-deheb tal-iskultura tal-kolonna tač-Ċorma;
- Turġien tal-kolonni, galletti tal-arbli u lasti tat-trufej ġodda;
- Ħadid ġdid għall-kolonni tal-istatwi tal-Pjazza.

Ix-xogħol tal-irħamar u l-induratura tal-kolonni tal-Pjazza ta' madwar San Lawrenz u tat-trufej ta' ħdejn Santa Skolastika sar minn Sandro Schembri, filwaqt li Anthony Farrugia rħama u indura l-kolonni tal-anġli ta' Triq Nestu Laiviera. Ir-restawr tal-kolonni tal-ġibs tal-pilandri sar b'xejn minn Andrew Bugeja u Noel Casha, filwaqt li Manwel Vassallo ħa ħsieb ix-xogħol fuq it-trufej tal-Pjazza. Qabel ma sar dan ix-xogħol kollu fuq il-kolonni msemmija, Pawlu Mifsud ħaraqhom u żebagħhom kollha mill-ġdid bl-*undercoat*. Arthur Demarco ħadem il-ħadid tal-kolonni tal-istatwi tal-Pjazza, li minnhom se jkollna ħamsa lesti. Dan ix-xogħol kollu sar b'xejn minn dawn in-nies imsemmija rispettivament. L-induratura tal-iskultura tal-kolonna tač-Ċorma saret b'xejn minn Luca Vassallo, filwaqt li l-erba' vazuni tal-kolonna nħadmu mill-iskultur Renzo Gauci.

Fuq il-parir tal-istess Renzo Gauci, li spjegalna kif it-trufej ta' ħdejn Santa Skolastika huma maħduma fuq tip ta' arti hekk imsejħa *Art Nouveau*, bl-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Festa, dawn it-trufej ingħataw kuluri ġodda li jikkomplimentaw l-istil tagħhom. Sabiex jaqblu magħhom, għax huma tal-istess stil, fuq parir ukoll ta' Renzo Gauci u bi qbil fil-Kumitat tal-Festa, il-pilandri ż-żgħar li kienu jintramaw ħdejn il-knisja parrokkjali, li huma tal-istess stil tat-trufej, issa se jintramaw flok il-kolonni tal-istatwi ta' San Stiefnu u San Nikola, filwaqt li dawn tal-aħħar se jkunu trasferiti fi Triq San Filippu. Imbagħad iż-żewġ kolonni tal-anġli ta' Triq Nestu Laiviera se jibdew jintramaw ħdejn il-bieb tal-ġenb tal-knisja parrokkjali.
Joe Galea ħadem għadd ta' turġien ġodda, apparti xogħol ieħor fl-injam.

Pavaljuni, bandalori, pitturi u sopraporti

- Pavaljun kbir ġdid bil-pittura tal-martirju ta' San Lawrenz għall-Pjazza;
- 2 bandalori ġodda sfumati u lesti minn sett ta' 12 għal Triq La Vallette bil-pittura;
- 6 bandalori ġodda, b'waħda sfumata għall-pjazzetta tas-Suq tal-Ħut;
- Pavaljun ġdid għal Triq De Opertis biswit Triq iċ-Ċentinarju;
- Pittura ġdida li turi l-martirju ta' San Lawrenz għall-pavaljun tal-Pjazza;
- 3 pitturi oħra ġodda minn sett ta' 14 għal Triq il-Kardinal;

YOUR
PROFESSIONAL
DRY CLEANING
PARTNER
It's easier than ever to give your garments a SWAN quality clean.
All you have to do is call or email us and we will offer a
free of charge collection and delivery.
SWAN
Call 2248 2200
Email: dryclean@swanlaundry.com.mt
www.swan.com.mt
SWAN
LAUNDRY | DRY CLEANING
Dry Cleaning of suits, dresses, trousers, coats, curtains & merino blankets • Wet washing of shirts, quilts, carpets & blankets

- Restawr tal-pitturi l-antiki tal-bandalori ta' Triq il-Kardinal biex jintużaw fi Triq La Vallette;
- Sfumar tal-pavaljuni kollha ta' Triq Wenzu Dyer, Triq Ġilormu Cassar u tal-Pjazzetta ta' San Filippu;
- Sfumar tal-bandalori kollha ta' Triq it-Torri ta' San Ġwann;
- Sfumar u frenża mill-ġdid tal-bandalori kollha ta' Triq il-Mina l-Kbira;
- Sfumar tal-aħħar pavaljun ta' Triq La Vallette;
- Żebgħa u sfumar tas-sopraporti l-ġodda ta' Triq il-Kardinal.

L-aħħar pavaljun tal-pittura tal-Pjazza tfassal minn Salvu Attard u nħiet minn Tessie Scicluna.
Il-pittura ta' dan il-pavaljun saret mill-artist Għawdxi Adonai Camilleri Cauchi u l-isfumar sar minn Redrian Micallef. Ix-xogħol kollu relatat ma' dan il-pavaljun tħallas mill-Kumitat tal-Festa.
Il-bandalori u l-pavaljuni l-oħra saru taħt is-supervižjoni u tfassil ta' Joseph Schembri, bit-tixlil isir minn Cameron Cachia, Jayden Graham, Abigail Cesare, Daniela Spiteri u Tracy Cioffi. Il-ħjata kollha saret minn Ruth Zammit filwaqt li Ivan Zammit qata' ż-żejjed tad-drapp biex jinħareġ id-disinn.

Waħda mill-bandalori l-ġodda għal Triq La Vallette

Ix-xogħol kollu li jieħu ħsieb Joseph Schembri jitħallas mill-ġbir li jsir mit-toroq rispettivi bl-inizjattiva ta' Glenn Schembri. Barra minn hekk, dan il-grupp li jaħdem fl-eks-sede tal-Azzjoni Kattolika tan-Nisa, jagħmel xogħol tad-drapp għal festi oħra barranin u għalhekk il-flus li jinġabru mill-ħlasijiet li jsir, ikopru wkoll ħafna mill-ispejjeż tax-xogħol li jsir, kemm fid-drapp kif ukoll għal armar ieħor, għall-festa ta' San Lawrenz.
Il-pitturi ta' Triq il-Kardinal saru mill-artist Għawdxi Paul Falzon, filwaqt li Andrew Bugeja rrestawra l-pitturi li se jintużaw fi Triq La Vallette u Joseph Schembri ħa

ħsieb l-isfumar tal-bandalori. Id-disinn tal-bandalori ta' Triq La Vallette huwa tal-mibki Anthony Buħagiar, b'arranġamenti minn Andrew Bugeja biex flok il-kulur isfar, jidħol il-marun u b'ħekk jiġi pariġġ il-pavaljuni tal-istess triq.

L-isfumar mill-ġdid tal-bandalori ta' Triq il-Mina l-Kbira sar minn Christian Galea, filwaqt li Anthony Farrugia pitter mill-ġdid l-iskrizzjonijiet kollha tal-istess bandalori u sfuma b'xejn ukoll il-pavaljuni ta' Triq Ġilormu Cassar. Il-frenża tal-bandalori nħietet minn Ruth Zammit bl-għajnuna ta' Ivan Zammit. L-ispejjeż ta' dawn il-bandalori daħal għalihom il-Kumitat tal-Festa. L-isfumar tal-pavaljuni ta' Triq Wenzu Dyer sar b'xejn minn Joseph Schembri, filwaqt li Darren Darmanin ħa ħsieb dawk ta' Triq La Vallette; is-sopraporti ta' Triq il-Kardinal u l-pavaljuni tal-Pjazzetta ta' San Filippu saru minn Redrian Micallef u l-bandalori ta' Triq it-Torri ta' San Ġwann kienu sfumati minn Andrew Bugeja.

Bozoz u festuni

- Bozoz ġodda *LED's* għall-faċċata kollha tal-knisja;
- Bozoz *LED's* fit-toroq kollha tal-Birgu, flok bozoz antiki;
- Restawr tal-festuni kollha tas-swar u l-bjut fejn hemm arbli tal-festa;
- Festuni ġodda għall-arbli tat-Torri ta' San Ġwann;
- Festun ġdid għall-kappella ta' San Filippu u għall-kampnar tal-Oratorju tal-Kurċifiss;
- Festun ġdid għall-arblu u ċ-ċinta tal-Azzjoni Kattolika tan-Nisa;
- Sistema ġdida tad-dawl għall-bejt ta' San Filippu u l-Azzjoni Kattolika tan-Nisa.

Il-Kumitat tal-Festa investa f'bozoz *LEDs* għall-faċċata tal-knisja kollha u oħrajn għal fuq il-bjut. L-ispiża kienet ta' aktar minn €2,000. Giovann Raggio ħadem żewġ festuni ġodda tas-swar, waqt li r-restawr tal-festuni l-oħra sar kollu minn Henry Mifsud, li ħadem ukoll festun ġdid għall-Oratorju tal-Kurċifiss. Joseph Schembri għadda s-sistema l-ġdida tad-dawl fuq il-bejt ta' San Filippu u flimkien ma' Chris Spagnol ħadem festuni ġodda għall-bejt tal-Azzjoni Kattolika tan-Nisa.

Arbli, ventijiet u ħbula

- 20 arblu tal-ħadid ġdid għas-Sur tat-Toqba;
- Restawr u żebgħa mill-ġdid tal-arbli kollha tal-ħadid, kemm tal-festa kif ukoll tal-kuntratti;
- Żebgħa ta' ammont sostanzjali ta' arbli tal-injam li jintramaw fit-toroq fil-festa;
- Żebgħa tal-arbli kollha tas-swar, kif ukoll tal-bjut u kappelli li huma propjetà tal-festa;
- Ventijiet ġodda għal diversi pavaljuni kbar u żgħar, kif ukoll għall-arbli;
- Ħbula ġodda għal diversi arbli tat-toroq u pavaljuni tat-toroq iż-żgħar;
- Ħbula ġodda bi sħab mal-Kumitat tal-Festa ta' San Duminku għal Triq il-Mina l-Kbira.

Fredu Mizzi Carter żebagħ mill-ġdid l-arbli kollha tal-ħadid inklużi l-ġodda, filwaqt li Stephen Calleja rrestawra wħud minnhom li kellhom qiegħ imkisser. Victor Borg żebagħ l-arbli tas-swar kollha u x-xogħol taż-żebgħa fuq l-arbli tal-injam tat-toroq u arbli tal-bjut sar minn Loran Zarb, Elton Gellel, Duncan Mizzi, Adrian Saliba, Neil Zerafa, Alessandro Montesin u Chris Zahra.

Il-Kumitat tal-Festa xtara u investa f'għadd ta' ventijiet u ċimi ġodda għall-pavaljuni u l-bandalori. Iċ-ċimi ta' Triq il-Mina l-Kbira nxtraw bejn il-kumitati taż-żewġ festi.

Bnadar

- 2 bnadar kbar, tal-Papa u ta' Malta għat-Torri ta' San Ġakbu;

Il-bank tiegħek fil-qalb tal-komunità

L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi whud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.

Għalhekk ejja żuna u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, koliha mħarrġa fil-*customer service* u mmexxija minn *branch manager* b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.

Ċempel **2380 2380**
Żur **hsbc.com.mt**
Mur **fl-eqreb fergħa**

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444.

ANTONIO BANDERAS
FRAGRANCES
Queen
OF
SEDUCTION
The new feminine fragrance
www.queenofseduction.com #queenforaday

- Bandiera ħamra bis-Salib tal-Kavallieri għat-Torri ta' San Ġwann;
- 2 bnadar ġodda għall-knisja ta' San Filippu;
- 2 bnadar ġodda għall-kappella tal-Karmnu;
- Tiswija ta' ħafna bnadar li kellhom il-ħsara minħabba l-maltempata tas-sena l-oħra;
- Bidu tal-proġett ta' 28 bandiera ġdida tal-Gran Mastri għal Triq San Lawrenz.

Il-bnadar il-ġodda tfasslu minn Salvu Attard u nħietu minn Tessie Scicluna u Anton Collins, li kienu inkarigati wkoll mit-tiswija tal-ħsara tal-bnadar. Inbeda wkoll il-proġett ta' 28 bandiera ġdida tal-Gran Mastri li ser jiżżanżnu kollha f'daqqa fil-festa tas-sena 2017. Grazzi għall-benefatturi li qed iħallsu l-bnadar tal-Gran Mastri individwalment.

Kruċċetti, pumi u ġmiemel

- Salib tal-Kavallieri ġdid tal-*white metal* għas-sopraporta tal-pavaljun tal-iskontru l-kbir;
- 2 kruċċetti ġodda tal-*white metal*, minn sett ta' 14 għal Triq il-Kardinal;
- 4 kruċċetti ġodda indurati għal Triq l-Arċisqof Gonzi;
- 4 kruċċetti ġodda għal Triq San Filippu;
- Restawr tal-kruċċetti ta' Triq it-Torri ta' San Ġwann;
- Induratura tal-kruċċetti u lanzetti ta' Triq it-Torri ta' San Ġwann;
- Numru ta' ġmiemel u pumi ġodda għall-pavaljuni.

Il-kruċċetti ta' Triq San Filippu nbdew minn Lawrence Piscopo u temm x-xogħol fuqhom u fuq għadd ta' pumi oħra Luca Vassallo, bl-għajnuna ta' Andrew Bugeja u Noel Casha. Id-disinn tal-kruċċetti l-ġodda sar minn Andrew Bugeja u l-ispejjeż kollha relatati magħhom kienu miġbura minn Joseph u Glenn Schembri mill-ġbir li jsir mit-toroq rispettivi u benefatturi oħra. L-induratura li kien hemm bżonn fuq il-kruċċetti u l-pumi saret b'xejn minn Joseph Schembri, filwaqt li Ivan Zammit ħa ħsieb iż-żebgħa tal-ġmiemel u l-pumi l-ġodda kollha.

Liedna u affarijiet oħra

- Liedna ġdida għal Triq il-Mina l-Kbira;
- Liedna ġdida għal diversi toroq sekondarji;
- Ħasil tal-bnadar kollha tat-trufej iż-żgħar;
- Ħasil tal-*covers* kollha tat-trufej tal-Pjazza.

Inħadmet il-liedna kollha ta' Triq il-Mina l-Kbira u diversi partijiet oħra tal-Birgu. Għen f'dan ix-xogħol Mario Treeby, waqt li Alessandro Montesin kien responsabbli ta' dan il-proġett. Cameron Cachia u Edith Buhagiar ħadmu xi liedna ġdida għal diversi toroq oħra.

Glenn Schembri bl-għajnuna ta' persuni oħra, ħa ħsieb li wara l-festa jinħaslu l-bnadar tat-trufej iż-żgħar kollha, filwaqt li Anton Collins sewwa l-ħsara li kien hemm u għamel lenza ġdida fit-tarf tal-bnadar kollha. Inħaslu wkoll il-*covers* kollha tat-trufej tal-Pjazza peress li jintużaw fuq barra għall-ilqugħ tax-xemx.

We Will Rock You

Nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lil dawk kollha involuti fil-*musical* li għamilna din is-sena – *We Will Rock You*. Bla dubju, suċċess ieħor, b'sala ppakkjata tlett ijiem sħaħ u kliem ta' tifħir minn dawk kollha li attendew, fosthom mart il-Prim Ministru ta' Malta, is-Sinjura Michelle Muscat, Membri Parlamentari u l-pubbliku in ġenerali. Grazzi lil dawk kollha li bis-saħħa tagħhom u tax-xhur sħaħ ta' ħidma kellna attività oħra ta' suċċess. Nixtieq hawn nirringrazzja lil Fr John Avellino u Frà John Edward Critien tal-appoġġ kontinwu tagħhom, kif ukoll lill-*isponsors* tagħna, fosthom lill-*Bank of Valletta*, li din is-sena għena mhux ftit.

DDE ATTARD
limited

Waste Management Solutions
- Skip Services
- Waste Management
- Dealers in Scrap Metals

Transport & Lifting Services
- Haulage
- Contract Lifting

Industrial Dismantling & Machinery Removals

Removal of Asbestos

DDE Attard Ltd.
Scrap lane,
Valletta Road,
Luqa LQA 1764 - Malta

telephone: 2166 7639, 2166 7857
mobile: 9949 3592
Office Mobile: 7966 7857
Email: info@ddeattard.com
website: www.ddeattard.com

Tajjeb ngħid li din is-sena sar investiment kbir fis-saqaf u l-*backstage* tal-palk tas-Sala Parrokkjali, kif ukoll investiment f'palk ġdid li ħa post il-qadim li kien spiċċa għal kollox. Mingħajr ma nsemmi ismijiet, għax tassew kulħadd ta saħħtu b'mod volontarju, nirringrazzja lil kulħadd tal-għajnuna tagħkom.

Ringrazzjamenti

L-ewwelnett nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha tal-Kumitat tal-Festa, li għalkemm ilkoll għandna ideat differenti, xorta f'limkien niġbdu ħabel wieħed għall-ġid tal-festa. L-għan tagħna huwa li kull sena jkollna festa sabiħa u magħquda, filwaqt li ma nħallux dejn minn sena għal oħra. Kultant ikollok iżżomm lura minn ċerti deċiżjonijiet u forsi mhux kulħadd jaqbel mad-deċiżjonijiet tagħna, imma mhux kulħadd jifhem kemm hi vera iebsa li tiġbor il-flus biex ikollok festa kompluta bħalma jkollna aħna, sena wara oħra. Nieħu għalhekk l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-benefatturi kollha li bis-saħħa u s-sostenn tagħhom, ħafna affarijiet ikunu possibbli li jsiru.

Tajjeb insemmi wkoll li ħafna mill-flus tal-festa jinġabru bis-sagrifiċċju li n-nies tal-Kumitat jagħmlu matul is-sena. Forsi mhux kulħadd jinqala' biex jiżbogħ xi arblu jew jaħdem xi bandiera, imma ssibu minn tal-ewwel biex jorganizza xi attività, li fl-aħħar mill-aħħar, trendi wkoll flus għall-festa. Matul is-sena jkollna għadd ta' kuntratti li jitolbu armar u żarmar f'ħinijiet u ġranet mhux adegwati, jew armar ta' arbli fi żmien qasir ukoll, dejjem skont il-bżonn. Għalhekk nixtieq nirringrazzja lill-voluntiera kollha li xi darba jew oħra ġew u taw l-għajnuna tagħhom f'dawk id-drabi li tant ikollna bżonn l-għajnuna. Grazzi wkoll lill-voluntiera kollha li matul is-sena jaħdmu fl-imħażen tagħna jew voluntiera oħra li jagħmlu xogħol relatat mal-festa li forsi ma jidhirx, imma li jiswa ħafna.

Nirringrazzja lis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi li dejjem ħdimna id f'id magħhom għall-ġid tal-festa. Inħeġġeġ aktar żgħażagħ biex jidħlu fis-Sezzjoni biex b'hekk naraw uċuħ ġodda, bħalma rajna din is-sena u din l-għaqda tkompli tħalli aktar frott minn qatt qabel.

Grazzi lis-Sindku, lill-Kunsilliera u l-impjegati kollha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, tal-għajnuna li dejjem sibna mingħandhom. Grazzi wkoll lill-partitarji Dumnikani li dakinhar tat-8 ta' Awwissu tawna l-għajnuna tant siewja tagħhom waqt il-maltempata li għamlet ħerba l-ħafna armar tagħna. Nirringrazzja lil dawk kollha li għalkemm ma jagħmlux parti mill-Kumitat tal-Festa, xorta waħda jkunu minn tal-ewwel biex jagħtu l-għajnuna tagħhom f'kull qasam tal-festa. Grazzi lil dawk il-voluntiera li jgħinu lil Doreen Raggio biex kull nhar ta' Ħadd u fil-festi ssir it-tombla fil-*Youth Centre* u l-*coffee mornings* ta' darba fix-xahar.

Nassigurakom li dan hu dħul importanti ħafna għall-festa tagħna. Grazzi lil dawk kollha li jiġbru r-reklami, li jieħdu ħsieb il-permessi, il-flokkijiet, *drinks* tal-baned, *souvenirs* tal-festa u lil dawk li dejjem lesti li jagħtu l-għajnuna tagħhom fl-attivitajiet li jsiru. Grazzi lil Tony Raggio talli sena wara oħra b'impenn kbir jieħu ħsieb iqassam u jiġbor l-arbular tal-festa.

Grazzi mill-qalb lill-kumpanija u l-familja Attard, magħrufa aħjar bħala tad-Diżma, li ta' kull sena jisilfuna l-*lifter* u t-trakk tal-kumpanija għal waqt l-armar u ż-żarmar tat-tiżjin tal-festa. Grazzi wkoll lill-kumpanija MJK talli huma wkoll silfuna l-*lifter* tal-kumpanija.

Grazzi lil dawk il-kuntratturi, ħaddiema jew periti li sibna l-appoġġ tagħhom, speċjalment fejn jidħlu toqob ġodda tat-toroq. Nirringrazzja lil dawk il-persuni li volontarjament iqattgħu għadd ta' kunjardi għall-armar tal-arbli.

L-appell aħħari tiegħi huwa dan: iktar ma jkollna għajnuna, kemm matul is-sena, kif ukoll waqt l-armar, aktar jinqasam il-piż tax-xogħol tal-festa u għalhekk kulħadd jaħdem aktar mill-qalb. Il-bieb miftuħ għal kulħadd u min vera jixtieq jaħdem, ma jġibx skużi u jmidd idejh għax dejjem hemm xi jsir.

Grazzi lil kulħadd, speċjalment lil dawk li jieħdu paċenzja kbira bija u lill-voluntiera kollha li dejjem sibt l-appoġġ kontinwu tagħhom mingħajr tgergir. Nitlobkom tiskużawni jekk ħallejt lil xi ħadd barra; nassigurakom li mhux il-ħsieb tiegħi li ma nsemmikomx.

Għalija intom ilkoll importanti. Ejjew ħalli niċċelebraw festa kbira lill-patrun tagħna San Lawrenz, f'għaqda waħda u b'għan wieħed u ngawdu dak li tant ħdimna għalih matul sena sħiħa. Viva San Lawrenz ta' qalbna! ❐

Wieħed mill-pavaljuni ta' Triq il-Kunvent

Rendikont Festa 2015

KUMITAT FESTI ESTERNI SAN LAWRENZ

DĦUL	
Arbular	4,976.00
Bazaar	1,200.00
Coffee Mornings	900.00
Dhul insurance	377.60
Diċina	36.00
Donazzjonijiet	1,050.00
Fond Ħsarat 2015	2,270.00
Ġurnata Għawdex	350.00
Ikliet Sala + Bar	2,517.00
Kalendarju	1,050.00
Kapitlu 2014	1,500.00
Kuntratti	11,316.35
Musical JC55	2,740.00
Pedini / Lotteriji	510.00
SZP Banda	932.00
Tombla	7,363.00
T-shirts + Brieret	610.00
VAT Refund	498.57
TOTAL	€ 40,196.52

ĦRUĠ	
Restawr Statwi Pjazza	1,200.00
Arbular Posta	101.24
Arms Ltd	5,161.77
Baned	5,114.00
BirguFest	200.00
Cherry Picker	320.00
Ċitazzjoni	23.29
Crane	1,200.00
Dawl Kuntrattur	7,000.00
Diesel	504.00
Dolceria Bontà	135.00
Donazzjoni Crane Driver	20.00
Drapp	843.00
Fjuri	60.00
Għaqda 10 Awwissu	4200.00*
Folji tad-Deheb	979.00
Ironmongery	1,702.29
Turġien Pjazza	300.00
Konsum Festa 2014	705.00
Lampi	1,180.00
Ludwig B t'Awwissu	70.00
Premju Pedini	15.00
Reffiegħa	250.00
Rigal Fr Joe Cilia	200.00
Rigali Helpers	209.00
Rigali Varji	364.88
Induratura	360.00
Ingrandiment	210.00
Snacks Festa	45.00
Tiswija Forn	480.00
Tiswija Magna Ħjata	50.00
Tiswija tat-Truck	823.67
Tombla Cards	410.00
Trakk Ħsarat	690.00
Trakk Liċenzja & Insurance	490.67
Ħlas ta' VAT	302.04
Xalakk Angli	100.00
Żebgħa Arbli	394.00
TOTAL	€ 36,412.85

* €1,500 għas-sena 2014

Treat your loved ones to a Sunday Lunch at Hotel Calypso...

Sunday Buffet Lunch

Time: 12:30 onwards
Menu : €25.00 per person
Kids menu also available

Call us on 21562000 for booking

Find us on facebook

Kif stajt nara lil sħabi jibku ... u ma ngħinhomx!

ANDREW BUGEJA

Nhar it-8 ta' Awwissu kont xi ftit ma niflaħx u għalhekk kont dħalt nistrieħ. Ftit tal-ħin wara, ġiet tqajjimni Alison u qalti li kien qam maltemp kbir. Mingħajr ebda telf ta' ħin, qomt niġri u rajt dulluvju kbir ta' xita nieżel mis-sema. Mill-ewwel ħriġt niġri l-Pjazza u rajt lil kulħadd imxarrab għasra u mbikkem. Stħajjiltni bħal qisu kien sar xi terrimot u kulħadd ħareġ fil-Pjazza. Tlajt niġri fi Triq il-Mina l-Kbira u ltqajt ma' Christian Raggio u staqsieni jekk kienx l-aħjar li nżarmaw l-anġli. Staqsejtu x'kien il-previżjoni tat-temp u hu weġibni li qed nistennew li tagħmel xi maltempata oħra, forsi mhux bħalma diġà għamlet, imma kien hemm ħjiel li tista' terġa' tagħmel. F'moħħi ħsieb wieħed biss kelli, li dawn l-anġli, jekk jerġgħu jieħdu tixriba oħra, din id-darba ma niġbruhomx.

Id-deċiżjoni finali kienet li nżarmaw l-anġli u ndaħħluhom fl-Oratorju tal-Kurċifiss. Minn dak il-ħin stess, għamilt interventi żgħar fuqhom biex kemm jista' jkun l-ilma li daħal fihom joħroġ u ma jagħmilx aktar ħsara. Għamilt diversi toqob fis-sħab u fil-vażuni tal-pilandri biex joħroġ l-ilma li daħal fihom. S'intendi, xi persuni preżenti li ma jifhmux f'dak li kont qiegħed nagħmel, flok taw l-għajnuna tagħhom, malajr parlaw fil-vojt u qalu li kont qed nagħmel ħsara lill-anġli.

Tkellimt bil-pjan li kelli f'moħħi ma' Noel Casha u qalli li hu kien lest li jgħin fir-restawr tal-anġli u għalhekk wassalt il-pjan tiegħi lil Christian Raggio, rajna xi spejjeż kien se jkun hemm u ħallejna d-deċiżjoni f'idejn il-Kumitat tal-Festa.

Għaddiet il-festa u wara li erġajna ltqajna u tkellimna biex tittieħed l-aħjar deċiżjoni possibbli, l-anġli tniżżlu kollha fil-maħżen tal-Karmnu u għall-ħabta ta' Ottubru tajna bidu għal sfida kbira ta' restawr ta' sittax-il anġlu. F'Diċembru kellna l-ewwel riżultati sodisfaċenti ħafna u kellna wkoll kliem ta' tifħir mill-Kumitat tal-Festa. Dan kompla inkoraġġiena biex inkomplu bir-restawr li konna bdejna.

Noel Casha, bl-għajnuna ta' diversi voluntiera, daħal b'ruħu u b'ġismu għal din l-isfida, b'dedikazzjoni u professjonalità fenomenali taħt is-superviżjoni kontinwa tiegħi. Kont ninżel kuljum biex nara li x-xogħol qiegħed isir u qiegħed isir tajjeb u kif suppost. Il-proċess tar-restawr kien hekk:

1. L-ewwel qlajna partijiet taż-żebgħa minn fuq l-anġli biex inżommu amment tal-kuluri oriġinali, kull biċċa innumerata u merfugħa f'boroż żgħar separati skont in-numru tal-anġli.

2. Nixxifna l-anġli kemm stajna għaliex inkella kien ikun inutli x-xogħol li sar fuqhom. Konna noħorġu l-anġli fix-xemx biex minn ġewwa jinxfu sewwa.

Hinijiet tal-Ftuh
Mit-Tlieta sal-Ġimgħa
Mit-8:00 sa 12:00 u mit-15:00 sas-18:00
Is-Sibt mit-8:00 sa 12:00

Pickless Butcher
St Rokku Street
Kalkara
Tel: 2180 7698

3. Permezz tal-ixkora li tintuża fir-restawr fuq l-istatwi, dorna u sewwejna l-ħsara fil-partijiet li kienu spiċċaw, inkisru jew infaqgħu bl-ilma.

4. Inbeda l-proċess tal-ġessatura, billi tellajna tliet passati ġibs bil-kolla minħabba l-fatt li l-anġli ma tantx kellhom saħħa u ridna li dawn insaħħuhom aktar b'ammont ta' passati ta' ġibs mingħajr ma nbiddlu xejn mill-oriġinalità u s-sbuħija tagħhom.

5. L-anġli ġew xkatlati kollha u ngħataw żewġ passati protezzjoni lill-ġibs mill-elementi tax-xemx, xita jew nida. Saru toqob fil-qiegħ tal-bażi biex jekk Alla ħares qatt jerġa' jinżel xi ilma fuqhom, l-ilma jibqa' ħiereġ malajr mill-qiegħ mingħajr il-bżonn li ntaqbu l-anġlu. Barra minn hekk, saru toqob fil-bażi tal-injam biex ikunu jistgħu jinġarru waqt l-armar u ż-żarmar u b'hekk tiġi evitata l-ħsara manwali li tista' ssir waqt l-armar.

6. Fl-aħħar kien jonqos il-proċess taż-żebgħa. Tajna l-ewwel passata tal-*undercoat* skont il-kulur meħtieġ u wara l-passata taż-żebgħa finali li se naraw bħala riżultat finali tal-anġli.

Dan ix-xogħol sar kollu b'mod volontarju u li kieku ma kienx hekk, żgur li ma konniex naraw Triq il-Mina l-Kbira armata bl-anġli. Ċert li l-Kumitat tal-Festa ma kienx se jaffordja l-ispiża totali ta' madwar €27,000 biex isir ir-restawr ta' dawn l-anġli. Naħseb li konna ndumu nkarkru s-snin biex dawn l-anġli nerġgħu ngawduhom fil-festa tagħna l-Palmiżi.

Nixtieq minn hawn inħalli messaġġ. Jien inħeġġeġ lil dawk il-persuni li jixtiequ jgħinu fil-volontarjat biex jersqu lejn l-imħażen tal-festa u ma jaqtgħux qalbhom

Dettal ta' wieħed mill-anġli restawrati

għax hemm ħafna xogħol xi jsir. Jekk nieħdu eżempju mill-ħabib tiegħi Noel Casha, li ħadem bis-serjetà fliimkien ma' oħrajn fuq dan ix-xogħol, dan qatt ma għamel dan it-tip ta' xogħol, iżda tgħallem ukoll u għamel biċċa xogħol tajba ħafna.

Hemm ħafna xogħol tal-festa li tista' titgħallem waqt li taħdem u tagħti kontribut b'xejn, fosthom ħjata, sfumar, xogħol fil-*fiber*, induratura, irħamar, eċċ. Kieku jkollna aktar nies fil-festa li jagħtu l-għajnuna tagħhom b'xejn, kieku l-ispiża tax-xogħol tal-manutenzjoni tal-armar tkun ferm inqas u fl-istess waqt il-volontarjat isarraf f'sodisfazzjon akbar meta tara x-xogħol li għamilt armat u mfaħħar min nies.

Fl-aħħarnett, ngħid grazzi tal-fiduċja u l-apprezzament kontinwu mill-Kumitat tal-Festa u l-voluntiera kollha li jaħdmu b'xejn għall-festa. Viva San Lawrenz. ❐

Live, Love, Light

NEXOS
LIGHTING
& VIDEO

+356 2180 0144
weddings@nexoslighting.com

Kumitat Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu

Fuq quddiem mix-xellug għal-lemin:
Adrian Saliba – ***Assistent Kaxxier***, Lawrence Montesin – ***Assistent Segretarju***,
Noel Castillo – ***Segretarju***, Manuel Vassallo – ***President***, Sandro Schembri – ***Kaxxier***,
Charles Gellel – ***Assistent Kaxxier***

Fuq wara mix-xellug għal-lemin:
Elton Randich – ***PRO***, Charles Grima – ***Direttur Attivitajiet***, Lionel Cassar, Analise Debono,
Luca Vassallo, Lawrence Gambin

Neqsin mir-ritratt:
Salvu Attard – ***Viċi-President***, Swithun Duncan – ***Direttur Armar Nar***,
Romina Magro, Duncan Mizzi

SECOM LIMITED

Security & Communications
Mario Micallef
84, S. Zerafa Street, Marsa MRS 2256
email: secom@onvol.net
Tel: 2124 1318 - 2724 1318
Mob: 7924 1318

LIMELITE
confectionery

Prop: Charlene & Mirabelle
Triq Desain, Vittoriosa

Fejn issibu ħobż frisk, pastries, ġelati, pasti, ħelu

Naċċettaw ordnijiet għal okkażjonijiet familjari

Ħdimna bla heda sena sħiħa

Manuel Vassallo
President – Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu

Għall-ewwel darba nixtieq insellmilkom permezz ta' dan il-programm tal-festa. Wara l-festa li għaddiet kien hemm qbil unanimu li l-Għaqda tagħna tifforma ruħha b'mod uffiċjali.

Kien ilu jinħass dan il-bżonn u b'ħekk ix-xogħol ikun jista' jinqasam bejn kulħadd u mhux dejjem jaqa' fuq l-istess persuni. Kienu avviċinati membri ġodda biex ma' dawk preżenti jiġi ffurmat Kumitat. Fl-ewwel laqgħa tqassmu l-karigi u jien ġejt nominat li nkun il-President tal-Għaqda. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha tal-fiduċja li wrew fija.

Kif jgħaddi ż-żmien, ħux! Nista' ngħid li erġajna wasalna fuq l-għatba ta' festa oħra, festa, li kif jafu dawk midħla tagħha, trid taħdem kuljum għaliha biex tilħaq l-għanijiet li tkun fassalt. Il-festa għal ħafna minna hi parti minn ħajjitna, hi f'demmna, kbirna nħobbuha u llum nagħmlu parti essenzjali minnha.

Irrid ngħid li kellna sena tajba u dan għaliex ħdimna fuq li ħdimna. Fuq kollox konna tim li ħdimna flimkien. Grazzi lill-membri kollha tax-xogħol siewi li wettqu. Grazzi kbira lilkom benefatturi u ħbieb li dejjem sibna l-għajnuna tagħkom. Mingħajrkom żgur ma kienx ikun possibbli li naslu. Grazzi speċjali tmur lill-eks *barman* tal-bar tal-*Vittoriosa Stars*, Simon Bartolo Borg u l-mara tiegħu Caroline, tad-dgħajsa li rregalawlna. Aħna grati ħafna lejkom.

Din is-sena tlifna żewġt iħbieb kbar: Twanny Gauci u Emmanuel Zahra. Twanny kien persuna li, apparti x-xogħol siewi li kien jagħmel, mexxiena fi tfulitna meta ħabta u sabta spiċċajna namministraw il-festa f'età tenera. 'Morna tajjeb, ħux', kien iħobb jgħidilna. Twanny kien bniedem dejjem pożittiv u dejjem b'kelma ta' kuraġġ.

Leli t-Telli, kif konna nsibuh fi tfulitna, kien it-*taxi driver* tagħna. Dejjem lest biex iwassalna għal kull bżonn. X'ma ratx il-karozza tiegħu. Leli kien wieħed minna. Kien isejħilna hu biex jagħtina l-flus u fuq kollox jistaqsi x'se jkollna.

Ħdimna bla heda sena sħiħa, għamilna ħafna sagrifiċċji. Nista' ngħid li kważi wasalna, imma għad baqa'. Għinuna nwettqu dak li programmajna biex flimkien mal-entitajiet tal-festa kollha nagħmlu festa kbira kif jixraq lill-patrun tagħna San Lawrenz, missier il-Kottonera!

Grazzi ta' kollox ħbieb u sostenituri. Ejjew napprezzaw it-tajjeb li għandna, il-ħidma li saret minn kull entità tal-festa biex issa nagħmlu festa li tkun tixraq lill-qaddis u patrun tagħna San Lawrenz. Nieħu din l-okkażjoni biex nixtieq il-festa t-tajba lill-Vittoriosani kollha. ❐

Kejkijiet għall-parties tat-tfal
Aġħżel bejn Bob the Builder
Barbie, Dora, Princess,
Superman, Hello Kitty
u ħafna oħrajn

Ċempel lil Steffi
fuq 99426970 jew email:
steffibugeja@yahoo.com

Sena pożittiva, festa mill-aqwa

Noel Castillo
Segretarju – Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu

Nistqarr magħkom mhu faċli xejn għalija nikteb dan l-artiklu, sempliċiment għax nibża' li nħalli xi punt barra. U din is-sena ħafna aktar minn qatt qabel, għax kienet sena verament pożittiva, li rat lil din l-Għaqda tagħna tirristruttura ruħha totalment.

Irrid ngħid li dan l-artiklu annwali tiegħi kulma jmur qed jasal għand min ma tantx jarana sbieħ. Nitbissem meta nara li fi ktejjeb simili ta' festa oħra, ta' kull sena nsib tweġiba għal dan l-artiklu tiegħi. Nassigurakom li dan lili ma jdejjaqni xejn u nistieden lil dawn il-ħbieb tagħna biex ikomplu fit-triq li qabdu, għax b'ħekk aktar joħroġ biċ-ċar kemm hawn min isegwina mill-qrib.

Din is-sena jaħbat egħluq l-10 sena minn meta l-Għaqda tagħna – u magħna l-Birgu kollu, għaddiet minn waħda mill-aġħar esperjenzi tagħha. Kien l-10 ta' Awwissu 2006, fit-8.42pm, meta waqt li kienet għaddejja l-purċissjoni ta' jum il-festa, splużjoni kbira għeżżet il-Port il-Kbir. Il-midja kollha ta' pajjiżna ddeskriviet dak l-inċident bħala 'miraklu' li ma kien hemm l-ebda fatalità. Iżen u sħabi, li konna ftit metri 'l bogħod mill-isplużjoni nibqgħu ngħidu li dakinhar twelidna mill-ġdid. L-ironija hi meta tara min jibqa' jgħajrek u jifraħ b'dan l-inċident u saħansitra s-sena l-oħra stess joħrog kanzunetta u jsemmi dan l-inċident ... b'lirika li ma titwemminx.

Għaddew 10 snin minn dak il-jum iswed fl-istorja tal-Għaqda tagħna. L-ewwel sentejn kienu ferm iebsa biex nirkupraw minn dik it-traġedja. Iżda bl-għajnuna ta' Alla u ta' San Lawrenz, it-triq għat-telgħa tlajnieha u llum nistgħu ngħidu li l-logħob tan-nar fil-festa tagħna sar ikun imfittex ferm, l-aktar l-ispettakli ta' lejlet u nhar il-festa.

Kont naħseb li traġedja bħal dik ta' 10 snin ilu kienet se tibqa' tifkira kerha tal-passat, iżda għarrali, għax fl-Anteviġilja tas-sena l-oħra, erġajna konna sekondi 'l bogħod minn traġedja akbar. Il-maltempata kbira li laqtet lill-Birgu f'nofsinhar qabditna propju fuq il-barkun u emmnuni li l-biża' li għext dakinhar kienet ferm akbar minn dik ta' 10 snin ilu. Iżda għal darb'oħra – u dan nemmnu bis-sħiħ, Lorenzu tagħna riedna nibqgħu hawn u b'miraklu ieħor, kollox għadda b'wiċċ il-ġid.

Is-sena 2015 se tibqa' mfakkra għal għomorna. Diġà semmejt il-maltempata tal-Anteviġilja. Aktar minn hekk, nhar il-festa spiċċajna bil-purċissjoni mħassra minħabba x-xita ... kienet xena tal-biki tara l-kaxxa tant mistennija tal-ħruġ tinħaraq fix-xita nieżla f'Jum l-10 ta' Awwissu! Imma jgħidu li wara l-maltemp jiġi l-bnazzi u hekk hu, għax il-maltemp donnu mliena b'entużjażmu akbar għal sena oħra ta' ħidma qawwija, biex nassiguraw li l-festa 2016 tkun festa kbira ħafna li tpatti għal dak mitluf fl-2015.

a-sound

Hiring of Professional Sound Systems
from the smallest function to the largest event
Specialising in PA Systems for live events

STEFAN GAUCI

Triq il-Falkunier, Fgura – Malta
Tel: +356 2182 3495
Fax: +356 2180 9229
Mob: +356 7947 7815

e-mail: asound@euroweb.net.mt

Smart Transport Ltd

Airconditioned Coaches,
10 - 18 seater Mini Buses, Low Floor Buses,
Vintage Buses, Wheelchair Lift Mini Buses,
Chauffeur Driven Cars

Tel: 2167 4945

Mob: 9947 0398

Wieħed mill-BBQs organizzat fuq is-Simenta

Eżatt wara l-festa, ħadna deċiżjoni li l-Għaqda tagħna nirristrutturawha b'mod li tkun bħal kull għaqda oħra, b'kumitat bl-uffiċjali tiegħu, kif ukoll bil-membri. Ġie ffurmat kumitat li nieħdu gost ngħidu, fih tliet ġenerazzjonijiet b'etajiet li jvarjaw minn 70 sa 16-il sena. Hu kumitat li anke laqa' fih il-parteċipazzjoni femminili, minkejja li hu kumitat piroteknìku.

Il-fatt li kellna din ir-riorganizzazzjoni tal-kumitat tat ħafna frott, għax apparti li l-laqgħat saru aktar formali u spissi, kellna diversi laqgħat matul is-sena ma' entitajiet tal-festa, kif ukoll ma' diversi awtoritajiet. Minn Settembru sa Lulju, il-kumitat iltaqa' regolarment darba fix-xahar u ġieli anke aktar. U dan ta l-frott tiegħu, għax l-attività kienet waħda kontinwa u ma taqta' xejn. Kull xahar kienet organizzata ikla familjari bl-aktar waħda popolari tibqa' dik li ssir ta' kull sena fuq is-Simenta fit-30 ta' April, fl-okkażjoni tal-Festival Internazzjonali tan-Nar.

Nedejna wkoll l-iskema tal-membri fejn ir-rispons kien fenomenali. Nagħmel appell biex kulħadd jonora l-ħlas tal-menswalità bla dewmien u nħeġġeġ aktar u akar nies biex jissieħbu membri magħna.

F'Ottubru erġajna impenjanja ruħna biex armajna żewġ bottegini fil-ġranet tal-*BirguFest*. F'Novembru kellna ġita għal Adelfia, qrib Bari, fl-Italja, fejn morna naraw in-nar. Konna b'kollox 40 persuna u għal dawk li jitħajru, din is-sena beħsiebna nerġgħu nagħmluha. Din tal-ġiti barra minn Malta biex naraw il-logħob tan-nar ukoll qed tagħti dimensjoni ġdida lill-Għaqda tagħna, għax dilettanti diversi mill-irkejjen kollha ta' Malta qed jingħaqdu magħna. Ikun tajjeb

Aqua hobbies

THE Tropical Fish Centre

Worldwide importers and consolidation of fresh water tropical fish, marine fish, corals, invertebrates and aquatic plants.

Marsascala ByPass Zabbar, Malta, Europe.
Tel: +356 2166 7567
Fax: +356 2166 3191/2163 4899
Mob: +356 7944 8088
Website: www.aquahobbies.net
Email: aquahobbies@onvol.net

Opening Hours:
Monday - Friday
9:30am - 7:30pm
Saturday
9:30am - 2.00pm

STOFFELS amtra Seachem ASTRA

Newly Refurbished

Qualified Massage Therapist & Fitness Instructor

Aaron Ancilleri

full body massage
nutritional advice
weight loss management
sports massage

mobile : 99871635

home visits on request

email : aancilleri@gmail.com

li nħabbrilkom ukoll li s-sena li ġejja, barra l-ġita lejn Adelfia f'Novembru, se jkollna ġita oħra għall-festival tant magħruf Las Fallas, f'Valencia, Spanja, f'Marzu 2017 ... u ħaġa tal-iskantament, diġà qegħdin 30 persuna ħbieb!

Fil-ġranet tal-Milied din is-sena organizzajna *60's Night Xmas Party* fis-Sala u kellna rispons qawwi ħafna u kummenti vera pożittivi minn dawk kollha li attendew. Festin simili organizzajnieh f'San Valentinu u kien ukoll suċċess.

F'Marzu ngħaqadna mas-Sezzjoni Żgħażagħ u organizzajna l-*Easter Breakfast* wara l-quddiesa ta' Sibt il-Għid. F'Mejju organizzajna ġita oħra, din id-darba għal *Tre Castagni* fi Sqallija, fejn flimkien gawdejna spettakli ta' logħob tan-nar.
Apparti hekk, kull xahar qed nagħmlu l-lotterija mal-Prima. Grazzi lil dawk kollha li jgħinu biex din tkun suċċess. Il-ġabra tax-xahar ukoll rat żieda qawwija b'nies ġodda jippartečipaw fiha. U dan jagħtina sodisfazzjon. Il-problema f'din il-ġabra qed tkun li l-ħajja m'għadhiex dik li kienet u allura qed ikun ferm diffiċli biex nilħqu n-nies kollha ta' kull xahar. F'Ħadd il-Għid saret ukoll il-ġabra speċjali u issa ovvjament qed nirrankaw għall-ġabra tal-festa, li ċerti se nerġgħu nsibukom biex tgħinuna nilħqu l-għanjiet tagħna. Apparti hekk, il-benefatturi komplew jiżdiedu, min irid iħallas ballun kbir, min murtal bil-logħob ... u dak li hu inkredibbli hu li dawn jiġu fuqna huma u mhux infittxuhom aħna.

Fuq punt personali, naf li kultant indejjaqkom bl-użu li nagħmel tal-*Facebook* u l-*SMSs*. Iżda dan hu l-aktar mezz faċli li l-Għaqda tagħna sabet biex tikkomunika magħkom dwar dak li jkun għaddej. Napprezzaw il-koperazzjoni tagħkom.

Ġita fi Tre Castagni, fi Sqallija fejn il-membri assistew għal spettaklu kbir tan-nar

F.E. SULLIVAN & Co Ltd

Travelling by sea!
Dont' leave Malta without doing your
Duty Free Shopping!

We offer bargain prices on a wide selection of spirits, cigarettes and perfumes. You may order same day or a few days before departure

Tel: 2124 8320 / 2123 3016
Fax: 2124 4370

DON'T MISS OUT

Taqta' nifsek taqra dan kollu li għaddejna minnu din is-sena. Iva, kienet sena impenjattiva ħafna, imma sena li jekk il-Bambin irid se nibqgħu niftakruha b'dak li għandna ppreparat. Fil-fatt, din is-sena, permezz tan-nar li ma nħaraqx is-sena l-oħra u anke grazzi għal ħidma kbira li saret f'dak li hu ġbir ta' fondi, se nkunu qed inżewqu l-festa tagħna b'logħob tan-nar f'kull ġurnata tal-festa u mhux fl-aħħar tliet ijiem biss u dan inkluż fit-8am u f'nofsinhar. Meta ġie mfassal il-programm tan-nar rajna li ovvjament il-qofol jibqa' lejlet u nhar il-festa u hawn mhux ħa niddiżappuntawkom żgur. Lejlet il-festa filgħaxija, jew aħjar kif insibuha, '*La Notte di San Lorenzo*', se jkollna tliet spettakli li kollha se jkunu sinkronizzati mal-mużika. Iddiskutejna fit-tul u rajna li anke l-mużika tkun waħda pjaċevoli u se nvarjawha minn mużika Maltija għal mużika tal-*Pink Floyd*, sa mużika moderna mill-grupp Taljan *Volo*. Lejlet il-festa ħadna ħsieb ukoll li nżidu l-murtali tal-beraq u naraw li dawn ikunu ta' kwalità u nżidu wkoll il-murtali tal-kulur.

Iżda bħalma dejjem ngħid, minkejja li ħafna festi jagħmlu aċċenn kbir fuq lejlet il-festa biss, dan mhux il-każ tagħna. Il-festa tagħna hi fl-10 ta' Awwissu u dan hu l-akbar jum, tant li aħna kburin li l-Għaqda tagħna hi mgħammda '10 ta' Awwissu'. U hekk se nerġgħu nagħmlu din is-sena, għax minn sbieħ il-jum nibdew b'kaxxi infernali u murtaletti u nibqgħu sejrin sa dħul il-purċissjoni. Sintendi, l-aktar mistennija tkun dejjem il-kaxxa tal-ħruġ, li wkoll fiha diversi novitajiet din is-sena. Ikunu wkoll mistennija ferm il-murtali uniċi bil-logħob ta' wara l-kaxxa, li din is-sena, grazzi għall- benefatturi se nkunu qed inżiduhom ukoll. Ma rridx ninsa nsemmi wkoll il-kaxxa tad-dħul, li ta' kull sena tkun irregalata lill-Għaqda tagħna mill-familja Grima. Ta' min isemmi wkoll lil *Olde City Pub* u lil *Toqba Bar and Take Away* li jgħinuna ħafna finanzjarjament fil-kuntest tan-nar tal-art u l-ispettaklu ta' lejlet il-festa rispettivament. Miniex se nsemmi l-ebda benefattur ieħor, għax nibża' li ninsa lil xi ħadd. Biss inkun qed nonqos jekk fil-kuntest tal-ispettaklu ta' lejlet il-festa ma nsemmix lill-Ministru Joe Mizzi, *Cassar Ship Repair Ltd*, *Elbros*, *Audio Sound System* u *Sound Solutions*, kif ukoll lid-*DJ* Dorian Cassar, li mingħajrhom żgur li mhux possibbli li ntellgħu dan l-ispettaklu.

Grazzi tmur ukoll lill-Arċipriet u lill-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz tal-appoġġ kontinwu u talli anke jissussidjaw l-ispejjeż tal-assigurazzjoni u n-nar tal-art. Apparti hekk, ħdimna spalla ma' spalla mas-Sezzjoni Żgħażagħ biex naraw l-aħjar mod li nistgħu noffru spettaklu pirotekniku tajjeb waqt il-famuż *laser show*.

Din is-sena l-logħob tan-nar ġie maħdum minn dawn il-kumplessi tan-nar – 25 ta' Novembru taż-Żejtun, San Ġorġ ta' Ħal Qormi, Sant' Andrija ta' Ħal Luqa, San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq, Santa Marija tal-Imqabba, Madonna ta' Lourdes tal-Qrendi u Colin Muscat. Ta' min jgħid li minkejja li l-logħob tan-nar ma naħdmuhx aħna, dan isir fuq struzzjonijiet preċiżi min-naħa tagħna. Apparti l-fatt li l-armar kollu jsir mill-membri tal-Għaqda tagħna, li huma wkoll liċenzjati fil-piroteknika.

Din is-sena għall-ewwel darba wkoll l-Għaqda tagħna għandha għall-bejgħ diversi *souvenirs* tal-Għaqda, bħal *mugs*, *mini T-shirts* u *stickers* tal-karozzi. Aġġornajna wkoll il-paġna *Facebook* tal-Għaqda.

Nagħlaq dan l-artiklu tiegħi billi mill-ġdid inrodd ħajr lil sħabi kollha tal-Kumitat, lill-membri kollha tal-Għaqda, kif ukoll lill-benefatturi. Ħaddieħor fil-ktejjeb

ventura

appliances

Malta's Leading Home Appliances Importer & Distributer

Bulebel - BLB 021, Bulebel Ind. Zone, Bulebel

Marsa - 1, Aldo Moro Street, Marsa

Paola - 153, Paola Square, Paola

Ħamrun - 638, High Street, Ħamrun

T (+356) 21894039, 21677798
21673847, 21225608

E ventura@maltanet.net
service@venturamalta.com

www.venturamalta.com

tal-festa tiegħu qalilna li l-affarijiet jagħmluhom mingħajr daqq ta' trombi. Dan b'riferenza għall-artiklu tiegħi tas-sena l-oħra. Wara l-festa ta' din is-sena, jekk il-Bambin irid u jmur kollox sew, nassigurakom li nkunu nistgħu ngħidu, 'mhux ta' b'xejn indoqqu t-trombi ħbieb'. Stennew u taraw.

Iżda l-akbar grazzi tibqa' dejjem lil Alla l-Imbierek talli jżomm idejh fuqna, l-aktar fil-mumenti tal-armar u l-ħruq tan-nar. Hu vera li dan hu xogħol delikat u perikoluż, iżda dan id-delizzju qiegħed f'demmna u sakemm Alla jibqa' jagħtina s-saħħa, inwegħdukom li se nibqgħu nagħmlu dak kollu possibbli, biex naraw il-festa tagħna fost l-aqwa fi gżiritna u biex bl-arti piroteknika nibqgħu nżejnu s-sema ta' fuq il-Port il-Kbir u nibqgħu nagħtu l-aqwa ġieħ lil Lorenzu tagħna, il-qaddis li ħabbejna sa minn ċkunitna. ❐

Il-barkun jitħejja għall-granet tal-festa, xogħol delikat

AL FRESCO

Bar & Restaurant

REAL WINES @ REAL PRICES !
ENJOY A CHOICE OF SELECTED WINES,
WHILST ENJOYING YOUR FAVOURITE PIZZA !!!

TEL: 21653422, 79860427, 79284321

FORTINI KIOSK

Kull xorta ta' ħelu, xorb, ġelati, pasti, ħobż biż-żejt
u ħafna affarijiet oħra...

Ice Cubes

Ice Flakes

Gemstones
The beauty of nature in gems, fossils & more...

Sterling Silver 925 & Steel Jewellery
Gifts & Home Decor
Maltese Crafts
Customised & Jewellery Repairs

37, Main Gate Str.
Birgu 27822592/79021701
www.facebook.com/gemstonesbirgu

FRANCIS MALLIA

Għal kull xogħol ta' tikħil,
tibjid, tqegħid ta' katusi,
ftuħ u xogħol
f'katusi tad-drenaġġi

Tel: 21 637 108, Mob: 9949 8207

Programm tan-nar 2016
Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu

Il-Ħadd, 31 ta' Lulju – Ftuħ tal-festa
8am u 12pm: Ħruq ta' diversi murtali u murtaletti.

8:30pm: Wara l-funzjoni tal-knisja u l-ħruġ min-niċċa ta' San Lawrenz jinħarqu diversi murtali u murtaletti.

Is-Sibt, 6 ta' Awwissu – Il-Marċ taż-Żgħażagħ
8am u 12pm: Ħruq ta' diversi murtali u murtaletti.

8:30pm: Kif jibda l-marċ ħruq ta' diversi murtali u murtaletti.

11:30pm: Nar sinkronizzat mal-mużika fi tmiem il-*laser show* bis-sistema *Pyromaster*, sponsorjat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi.

Il-Ħadd, 7 ta' Awwissu – Kunċert Vittoriosa in Festa mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz
8am u 12pm: Ħruq ta' diversi murtali u murtaletti.

8:30pm: Kif jibda l-marċ ħruq ta' diversi murtali u murtaletti.

It-Tnejn, 8 ta' Awwissu – L-Anteviġilja
8am u 12pm: Ħruq ta' diversi murtali u murtaletti.

8:45pm: Kif tibda d-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Lawrenz Jagħti d-Dawl lill-Għomja, ħruq ta' murtali u murtaletti. Fi tmiem din il-ħarqa, tinħaraq kaxxa nfernali Spanjola.

F'nofsillejl kaxxa infernali tal-kulur minn fuq it-Torri ta' San Ġwann hekk kif l-istatwa ta' San Lawrenz tittellgħa fuq il-kolonna.

It-Tlieta, 9 ta' Awwissu – Lejlet il-festa
9:30am: Mad-daqq tat-*Te Deum* jinħarqu diversi murtali tal-bomba, kaxxa infernali Spanjola, murtaletti u murtali tal-ħsejjes.

7pm: Waqt it-Translazzjoni solenni, ħruq ta' diversi murtali u murtaletti u kaxxa infernali Spanjola.

10pm: ***La Notte di San Lorenzo 2016:***
L-ispettaklu annwali tal-Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu

Dan l-ispettaklu se jkun akkumpanjat mill-mużika u kummentarju minn Dorian Cassar.

L-ispettaklu jibda bil-ħruq tal-lampara u b'wirja ta' nar sinkronizzat mal-mużika. Wara jinħarqu l-murtali tradizzjonali bil-logħob u beraq ikkulurit.

Eżatt wara jkun hemm wirja oħra ta' nar sinkronizzat mal-mużika. Din il-parti tintemm bil-murtali u siżijiet tal-kulur.

Is-serata tagħlaq b'wirja ta' logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika, bis-sistema *Pyromaster*. Din il-wirja tiġi fi tmiemha b'diversi blalen kbar.

11:30pm: Logħob tan-nar tal-art quddiem il-knisja ta' San Lawrenz fix-Xatt tal-Birgu.

Power Age Disco

PA SYSTEM, WEDDINGS, PARTIES

AND SOCIAL OCCASIONS

25 YEARS EXPERIENCE
LAWRENCE POWELL
15a Desain Street, Vittoriosa

Tel: 2189 4827
Mob: 7909 3403, 7763 1751

FRANKA LIRA

Prop. Carol Ellul

Fejn issib toys, detergents, stationery
u ħafna affarijiet oħra kważi kollox bil-prezz ta' €2

Issa b'ħanut u stock akbar fil-Pjazza tal-Birgu

VICTORY SQUARE, VITTORIOSA
Tel: 2180 7544 Mob: 7942 9165

racs CLEANING

- Maid Service / Domestic / Office / Industrial Cleaning
- Caravan / Boats Cleaning - First Time Cleaning
- Power washing / Road Sweeping / Aerial removal
- Carpet/Sofa/Window Cleaning
- Cleaning after events / after floods / Fire damage
- Handymen Service - Waste & Bulky refuse removal

Triq l-Għassies, Marsaskala MSK3727
T: 2163 9011 | M: 7928 0065 | www.racscleaningmalta.com

L-Erbgħa, 10 t'Awwissu –
Jum San Lawrenz – Patrun ta' Beltna

8am: L-Għaqda Piroteknika 10 t'Awwissu tagħti merħba xierqa lil dan il-jum bil-ħruq ta' diversi murtali tal-bomba, kaxxa infernali Spanjola, murtaletti u murtali fuq il-bombi.

11am: Waqt is-*Sanctus* tal-quddiesa tal-festa jinħarqu diversi murtali tal-bomba.

Nofsinhar: Ħruq ta' diversi murtali tal-bomba, kaxxa infernali Spanjola u murtali fuq il-bombi.

7:15pm: L-Għaqda Piroteknika 10 t'Awwissu tagħti tislima xierqa lill-istatwa ta' San Lawrenz fil-ħruġ tagħha mill-knisja b'salut tal-bomba u kaxxa infernali spettakolari, li tinkludi ukoll bomba tad-daħna kkulurita, Spanjola rqiqa u kkulurita, diversi ftuħ tal-beraq bil-ħsejjes, diversi murtaletti u baraxxijiet. Din il-kaxxa tinħaraq bis-sistema *Pyromaster*. Wara l-kaxxa tal-ħruġ, jinħarqu sett ta' murtaletti bil-logħob. Waqt il-purċissjoni jinħarqu diversi murtali tal-bomba u murtaletti.

Kaxxa infernali tal-kulur minn fuq it-Torri ta' San Ġwann hekk kif il-purċissjoni tasal fi Triq il-Mina l-Kbira.

L-ispettaklu pirotekniku ta' Jum San Lawrenz jiġi fi tmiemu b'diversi murtali tal-kulur u kaxxa infernali Spanjola.

Wara d-dħul tal-purċissjoni l-membri tal-Għaqda jidħlu l-knisja biex joffru fjuri lil San Lawrenz u flimkien mal-poplu Vittoriosan jirringrazzjaw lil Alla talli kollox ikun mar sewwa. ❐

"CARBIA"
SELF SERVICE
DISCOUNT STORE

REDUCED PRICES

TRIQ IS-SUR, FGURA

Dealers in all kinds of groceries, frozen foods, bevrages, toiletries etc.

OPENING HOURS

Mon : 6.30 - 13.30	16.00 - 19.00
Tue : 6.30 - 13.30	CLOSED
Wed : 6.30 - 13.30	CLOSED
Thur : 6.30 - 13.30	16.00 - 19.00
Fri : 6.30 - 13.30	16.00 - 19.30
Sat : 6.30 - 13.30	CLOSED

Tel / Fax : 21673207

Prop : Anthony Farrugia

Club tal-Boċċi

Fredu ż-Żiffa

Fuq is-Sur tat-Toqba

Faċċata tal-Port il-Kbir

APETIZERS KULJUM

Miftuħ minn filgħodu sa tard filgħaxija

RITA TAL-ĦAXIX

fil-Pjazza tal-Birgu

Fejn issib ħaxix u frott frisk, affarijiet tal-friża, ħobż frisk ta' kuljum u ħafna affarijiet oħra

Free deliveries - Tel: 2780 3058

Tliet toroq li jġibu l-isem ta' personaġġi b'rabta mal-Birgu

MARTIN MORANA

Mill-bosta ismijiet li ngħataw lit-toroq tal-Birgu nsibu xi wħud, li kif inhu xieraq huma msemmija għal persuni li kellhom konnessjoni ma' din il-Belt. Tlieta minn dawn it-toroq inzertaw li kienet toqgħod fihom il-familja tagħna. Dawn kienu Triq Wenzu Dyer, li tasal għaliha minn Triq Desain; Triq il-Papa Alessandru VII, li tinsab wara l-Palazz tal-Inkwiżitur u Triq L-Isqof Gonzi, li qiegħda parallel ma' Triq Alessandru VII, u li sa ftit żmien ilu kienet tissejjaħ Triq ta' Biswit il-Kwartier. F'dan l-artiklu se nagħti daqsxejn ta' idea ħafifa dwar it-tliet persunaġġi li ssemmew it-toroq għalihom u l-konnessjoni tagħhom mal-Birgu.

Wenzu Dyer

Jien twelidt f'dar li tinsab fir-rokna l-aktar 'il ġewwa ta' Triq Wenzu Dyer, li sa dak iż-żmien li konna noqogħdu aħna fiha kienet għadha tissejjaħ *Irish Street*. Ommi tgħid li meta twelidt jien, dik it-triq kienet miżgħuda b'familji Ingliżi. Jista' jkun li ma dawn kien hemm xi darba jgħixu xi Irlandiżi. Forsi xi ħadd jaf.

Iżda niġi għas-suġġett prinċipali. Min kien Wenzu (Lorenzo) Dyer? Ċert li kulħadd jaf li kien wieħed mill-erba' persuni li sfaw maqtula fl-irvellijiet tas-*Sette Giugno*. Verament, dan iż-żagħżugħ kien joqgħod 78 *Strada Palazzo Antico Del Governatore*. Fil-jum meta kien inqatel, fis-7 ta'

Ġunju 1919, kienet qiegħda ssir laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali, il-Belt. Fil-laqgħa l-Assemblea riedet tiddiskuti pjanijiet biex Malta jkollha kostituzzjoni ġdida u għall-ewwel darba il-Parlament awtonomu li bosta xtaqu. Dan kien żmien meta l-Ewwel Gwerra Dinjija kienet għadha kif spiċċat; żmien li ġab biża' kbir, hekk kif il-prezz tal-ħobż għola u l-qagħad żdied. Fl-istess ħin, Malta kienet amministrata minn Kunsill magħżul mill-Gvernatur Ingliż u allura kien hemm biss uffiċjali li ma kinux eletti mill-poplu. Kien hemm ħafna aktar ilmenti minn hekk, imma forsi dawn kienu l-akbar.

Wenzu Dyer bħal mijiet oħra kien tela' l-Belt biex juri l-appoġġ tiegħu lejn l-Assemblea Nazzjonali u biex flimkien ma' oħrajn juri l-korla lejn is-sitwazzjoni miżera li bosta kienu jgħixu fiha. Wenzu Dyer kien mal-kotra li taw in-nar lill-istamperija tal-*Malta Chronicle*, li għal


UIA
UNTOURS
INSURANCE
AGENTS
WE PROTECT YOUR VALUES
QICI
QIC International Ltd.
Call us on 2559 8000 - insurance@untours.com.mt
The company is regulated by the Malta Financial Services Authority and authorised to act as an insurance agency for QICI. QICI are rated A+ by Standard and Poor's

bosta kienet meqjusa bħala sostenitur kbir tal-awtoritajiet Ingliżi f'Malta.

Il-pulizija ma setgħux ilaħħqu mal-irvellijiet, u għalhekk wara xi ħin issejħu s-suldati Ingliżi, armati bl-azzarini. F'xi mumenti minnhom, unitajiet minn dawn fetħu n-nar fuq il-folla. Bosta sfaw feruti, tlieta, fosthom Wenzu Dyer, intlaqtu b'mod fatali. Wenzu Dyer miet fuq il-post, eżattament fi Pjazza San Ġorġ. Ħasra li ġuvni ta' 21 sena kellu jmut hekk. X'ironija li dan kellu kunjomu Ingliż, li jfisser wieħed li xogħlu hu li jagħti kulur id-drapp, kif fil-fatt għamel bid-demm tiegħu.

Il-Papa Alessandru VII

Meta kelli xi sentejn, il-familja tagħna sabet dar oħra li ma kinetx wisq 'il bogħod. Din kienet fit-Triq Papa Alessandru VII, triq dejqa li tinsab wara l-Palazz tal-Inkwiżitur u li tibda minn fuq is-Sur tal-Kurdara (Triq it-Torri ta' San Ġwann). Id-dar tagħna kienet f'kantuniera ma' Triq il-Kunvent. Illum din id-dar saret bar u ristorant.

It-triq hi msemmija għal wieħed minn bosta Inkwiżituri li kienu għammru fil-palazz viċin, imsejjaħ appuntu, il-Palazz tal-Inkwiżitur. Fost it-62 Inkwiżitur li għexu hawn, tnejn minnhom kienu eletti Papiet. Wieħed minn dawn it-tnejn kien Fabio Chigi, li wara li sar Papa, beda jissejjaħ Alessandru VII. Bħala Inkwiżitur, dan kien f'Malta bejn l-1634 sal-1639. Matul dan iż-żmien dehru quddiemu mijiet ta' nies li kienu akkużati b'imġiba mhux xierqa lejn ir-reliġjon Kattolika. Fost dawn, bosta kienu akkużati b'apostasija, jiġifieri, konverżjoni mill-fidi Nisranija għal dik Musulmana, xi ħaġa li kienet tiġri ta' spiss meta xi ħadd jinqabad mill-għadu u jittieħed ilsir. Kien hemm bosta każijiet li fihom ittellgħu persuni quddiem l-Inkiżitur minħabba xi ereżija li jkunu xerrdu; imbagħad kien hemm dawk il-persuni li kienu jipprattikaw xi forma jew oħra ta' seħer, frott tas-superstizzjonijiet li kienu jeżistu dak iż-żmien.

Fabio Chigi twieled fi Siena fl-1599. Fil-karriera twila tiegħu hu okkupa bosta karigi għoljin, fosthom dik ta' Segretarju tal-Istat tal-Vatikan. Hu serva bħala diplomatiku f'bosta pajjiżi, fosthom l-Isvezja, Spanja, il-Portugall u Franza. F'Malta, ir-rwol tiegħu kien ukoll dak ta' Delegat Appostoliku. Dan kien ir-rwol prinċipali tal-Inkwiżitur.

L-Isqof Mikiel Gonzi

Meta mbagħad kelli għaxar snin, missieri u ommi kienu sabu dar oħra fejn huma u aħna t-tlett itfal stajna ngħixu bi ftit aktar kumdità. Din id-dar kienet daqs 120 metru biss 'il bogħod, fi Triq ta' Biswit il-Kwartier. M'ilux din it-triq ingħatat l-isem ta' Triq l-Isqof Gonzi. Il-familja tagħna bdiet tgħix fin-numru 27, eżattament fid-dar fejn mal-ħajt tal-faċċata għad hemm irħama bl-iskrizzjoni li tfakkar li hemm kien twieled dan Isqof.

Mikiel Gonzi twieled fl-1885. Ftit wara l-familja tiegħu kienet marret toqgħod il-Kalkara. Hu sar saċerdot fl-1908. Fl-1921 Gonzi kien elett bħala Senatur fl-ewwel Parlament awtonomu Malti u kien jirrappreżenta l-Partit Laburista. Dan kien

More Convenience & Security Everyday

HÖRMANN
Garage doors for home and industry

- Sectional Garage Doors
- Operators
- Industrial Doors
- Hinged Doors
- Door Frames
- Metal or timber finish in many colours
- Your front door can match your garage door
- Conform with Maltese and EU Regulations

+50% super fast door opening

Top EU Quality & Safety Standards

Sheffield Imports

www.sheffieldimports.com

178/180, Main Str. Siggiewi
+356 21 464693 | +356 99442805
info@sheffieldimports.com

CILIA BROTHERS LTD

BUILDING CONTRACTORS, PLANT FOR HIRE
• Cranes • Bobcats • Tower Ladders
• Mini Skips • Concrete mixer with High Up

Mob: 9949 9623 | Email: paul.ciliabros@gmail.com

żmien meta l-membri tal-Knisja setgħu joħorġu bħala kandidati għall-politika. Fl-1924 hu kien sar Isqof ta' Għawdex u allura kellu jirriżenja mill-Parlament.

Biss, dik il-ħeġġa tal-politiku baqgħet fih tul ħajtu kollha u kien iħossu bħala kap Kattoliku u fl-istess ħin politiku li kellu d-dritt u seta' jiddefendi kemm il-ġid spiritwali, kif ukoll dak materjali tal-Maltin. Minħabba f'hekk, kienu bosta d-drabi fejn hu kien daħal b'ruħu u ġismu fi trattati u kwistjonijiet politiċi. Fost dawn il-kwistjonijiet kien hemm tnejn li kienu jaħarqu sew. Dik tal-1929, meta Gerald Strickland, dak iż-żmien Prim Ministru ta' Malta, ried li l-kleru ma jkunx eliġibbli għal karigi politiċi u wisq anqas ikunu eletti membri fil-Parlament. Imbagħad fl-1955-58, fil-kwistjoni tal-*Integration* mal-Ingilterra, hu ried li Malta ma tidħolx f'patt bħal dan, għaliex kien hemm il-biża' reali li jekk Malta tidħol f'unjoni ma' dan il-pajjiż, il-Maltin kien ikollhom joqogħdu għal ċerti liġijiet li kienu aktar imfassla għall-poplu Ingliż, li l-maġġorparti tiegħu kien Protestant u b'hekk setgħu jaffettwaw ħażin il-prattika tal-Maltin, li kienu Kattoliċi.

Id-dar fejn twieled l-Arċisqof Gonzi u li fiha għal xi żmien kien joqgħod l-awtur

Fit-Tieni Gwerra Dinjija, Gonzi kien ingħata t-titlu ta' *Sir – Knight of the Garter*, b'rikonoxximent għax kien għen lill-awtoritajiet Ingliżi biex jikkonvinċu l-bdiewa Għawdxin jibagħtu l-prodotti tar-raba' tagħhom lejn Malta, fejn kien hemm tant skarsezza. Fl-1943, meta l-Isqof Mauro Caruana miet, l-Isqof Gonzi laħaq minfloku. Sir Michael Gonzi baqa' l-Arċisqof ta' Malta sal-1974 u rriżenja minħabba l-età tiegħu ta' 89 sena. Gonzi miet fl-1984 u hu midfun fil-Katidral tal-Imdina. ❐

S Starline Autoparts

T: 2144 5090

M: 9986 8411

E: info@starline.com.mt

91 Mdina Road Qormi QRM9019

NEW 208
ACTIVE PLUS
FROM €15,800

PEUGEOT

engine of the year 2015-2016

WORLD CONSUMPTION RECORD 3 L/100 KM

5 YEARS* WARRANTY

*Terms & Conditions Apply

16" ALLOY WHEELS

SATELLITE NAVIGATION

PANORAMIC GLASS ROOF

5-door, Tinted Glass, MP3 - USB Player Touch Screen, Front & Rear Electric Windows, Front, Side & Curtain Airbags, LED Daytime Running Lights, Variable Power Steering, Heated Electric Folding Mirrors, Leather steering wheel, Auto Lighting/ Wipers, Panoramic Glass Roof, Climate Control AC, Reversing Sensors, Central Locking, Fog Lamps, Cruise Control, 16" Alloys, Bluetooth, SAT NAV, ABS, ESP & much more.

Peugeot Malta

MOTION & EMOTION

www.peugeot.com.mt

Combined consumption (l/100 km): from 3 to 5.6. CO_2 emissions (g/km): from 79 to 129.

Michael Attard Ltd. – National Road, Blata l-Bajda – T: 2123 8854 – M: 79 406 607 – E: sales@michaelattard.com
Azzopardi Enterprising Ltd. – Dawli Buildings, Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo – T: 2156 6671/2 – M: 99 493 300 – E: info@aelgozo.com

Is-sena 2015: annus horribilis?

PAWLU MICALLEF

Sfortunatament f'dawn l-aħħar snin it-temp, speċjalment fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu, qed jiġġennen. Meta kont iżgħar, jew għax kont għadni ma nifhimx, jew kont bla responsabbiltà, qajla kont ninkwieta fuq it-temp waqt il-festa tagħna. Prova ta' dan hu ż-żieda tal-armar tagħna, speċjalment f'dak li huma anġli, qaddisin u drapp. Nies minn lokalitajiet oħra kienu 'jgħiru' għalina meta tiġi l-festa tagħna ... sħana u għaraq kemm trid, iżda qatt ma jkun hemm it-theddida tat-temp. Issa donnu nqaleb kollox ta' taħt fuq.

Ir-riħ

L-ewwel theddida kienet ir-riħ. Ma jiġux sentejn fuq xulxin li l-armar tagħna jkun kollu f'postu tul il-ġranet kollha tal-festa. Hu veru li l-armar żdied mindu kont żgħir jien. Altru minn hekk! Fil-fatt niftakar li Salvu Attard, il-Ħampi, kien jibda l-bandalori tal-Bażilki tax-xatt f'xi 9am u għall-ħabta tal-4pm konna nispiċċaw l-armar tad-drapp, bil-pavaljuni tal-pittura tal-iskontri tal-Pjazza. Illum id-drapp, l-iktar tat-toroq dojoq u sekondarji, jibda jittella' kważi ġimgħa qabel. U fejn qabel konna niċċajtaw u ninku lill-ġirien li kif iċaqilqu l-Papa ta' Bormla jibda jtella' s-sħab għax xita llum, nistgħu ngħidu li kif it-temp ixomm id-drapp, dlonk jibda r-riħ.

Websites u rwiegel

Illum kif jaqleb l-aħħar ta' Lulju kulħadd moħħu fil-*websites* tat-temp, forsi l-aktar popolari fosthom ikun il-*Windfinder*, u bħal akkużat jistenna bil-ħniena u l-ħerqa l-verdett tal-ġurati, aħna nidħlu kuljum – jekk mhux il-ħin kollu, ħa naraw x'hemm lest għalina! U xi ngħidu għall-famużi rwiegel, sa minn Diċembru nibdew kif it-tnax-il jum qabel il-Milied ikunu. U l-biża' tagħna ... jekk it-22 ta' Diċembru jagħmilx xemx jew xita u meta u kif!

L-aħħar snin

F'dawn l-aħħar snin kellna wkoll xita bil-qliel f'lejlet il-festa u anki kien tħassar il-programm kollu u forsi din ix-xita kienet ir-raġuni vera għaliex seħħ l-inċident tal-kontejner u l-barkun fis-sena 2006. F'sena oħra l-ħruġ ta' San Lawrenz kien imdendel, anzi ttardja b'xi nofs siegħa, meta barra riħ qawwi li ġġagħlna nniżżlu d-drapp kollu, kien hemm ukoll ix-xita mdendla. Niftakar sħab kbir iswed li kesa lil Malta proprju fil-ħin tal-ħruġ tal-purċissjoni. Imma dakinhar, wara ħafna taqtiegħ ta' qalb u mitt telefonata lill-*Met Office*, Lorenzu tfaċċa fil-bieb, iddawwar mat-toroq u daħal lura xott, għajr forsi l-għaraq tas-sħana ta' Awwissu. Iżda dis-sena le ... Lorenzu baqa' ġewwa.

Sena 2015

Kif isir bħas-soltu, mill-ewwel bdejna nidħlu fil-kompjuter u naraw is-siti tal-kompjuter, li għall-ewwel kienu jimmarkaw xita l-għada tal-festa, imbagħad iktar tard bdew jimmarkaw lejlet il-festa. Is-sena l-oħra

GEMELLI LTD

Gemelli Ltd has been established as the island's leading frame-makers for the past 11 years.

We stock a large amount of prints, canvas, etc. Custom made mirrors are also our speciality.

Gauteli frames also available.

For your framing requirements please contact **Ray** or **Marianne.** on Tel: 21 412124, 9949 5263 tel/fax: 21 437103 or **E-mail: gemelli@maltanet.net**

N/S in Parsott Street, Mosta.



Right Deal
BORMLA

Large Variety of brands & models under one roof

ALL PRODUCTS CARRY AN ENERGY SAVER CERTIFICATE !!

AUGUST

Up to 5 YEARS GUARANTEE

PART-EXCHANGE OFFER

ISSA TINGĦATA SA €150 TAL-OĠĠETT IL-QADIM TIEGĦEK META TIBDLU M'IEĦOR ĠDID.

GAVINO GULIA SQUARE, COSPICUA (Near BOV Branch)
E-mail: rightdealcosp@onvol.net | 2180 0638 - 2780 0638

PETS ARE WELCOME

Il-qawwa tal-maltempata tat-8 ta' Awwissu tidher fuq il-Port il-Kbir

l-ikbar argument kien fuq it-temp, kif se jkun, jekk se nagħmlux il-festa u wkoll jekk għandniex intellgħu d-drapp. Jien kont il-ħin kollu f'kuntatt ma' sieħbi Anthony Farrugia, li għall-ewwel kien pessimista, imma kif kienu jindikaw l-affarijiet u kif konna tkellimna bejnietna, kien jidher "li dis-sena se neħilsuha, se taqbiżna".

Għalhekk donnu li għalkemm għall-ewwel kien hemm theddida, imma iktar ma kienet qed toqrob il-festa deher li t-temp kien qagħad u konna se nagħmlu festa normali, tant li anki l-armar tagħna, speċjalment id-drapp, kien se jitqajjem min-nagħsa ħelwa li jieħu ta' kull sena fl-Oratorju ta' San Filippu. Għalkemm diġà kien hemm teoriji xjentifiċi li s-sħana kbira u straordinarja li għamlet fl-aħħar jiem ta' Lulju u l-bidu ta' Awwissu kienet se tikkawza aktar evaporazzjoni mill-baħar – u allura sħab li wara jispicca xita, imma dan kien jidher li se jseħħ aktar tard.

Minħabba f'hekk, il-programm tal-armar sar kollu u proprju fl-Anteviġilja l-Birgu kien imżejjen bi prattikament kollox, jistenna biss li jgħaddi l-ħin ħa jilqa' l-istatwa simpatika ta' San Lawrenz Jagħti d-dawl lill-Għomja fid-dimostrazzjoni tiegħu li tispiċċa bit-tlugħ fuq il-kolonna. Vera kien hemm rapport li kien se jkun hemm *isolated shower*, imma billi t-temp kien sħun, kulħadd ħaseb li kienet xi ħarba żgħira tas-sajf, bil-qtar imissu mal-art u dlonk jevaporaw 'il fuq. Wara kollox is-sħabiet waħdanin u maqtugħin li kien hemm fis-sema dakinhar jidher li ma kienu joffru l-ebda periklu imminenti. Imma sew jgħidu, li xemx u xita Alla jaf meta, għax konna ferm imqarrqin!

The perfect storm

Għall-ħabta ta' nofsinhar l-ajru nkesa bi sħab magħqud griż u waqgħet dalma ma' kullimkien – din il-fraži tfakkarni fis-silta mill-passju f'jum il-Ġimgħa l-Kbira! F'daqqa waħda bwieb is-sema nfetħu, ħalba xita

Tlett flats arjuži u penthouse
fi triq prinċipali f'Rañal Ġdid
ġebel u saqaf jew lesti minn kollox

Żewġ kmamar tas-sodda, kċina, dining u living room

PREZZIJIET KOMPETITTIVI
Mobile: 7925 1188

Taglio D'Arte

Leave it in our hands

Abigail Mirabile Psaila

Hairdresser

Tel: 2721 9999
Mob: 7791 4277
244 Triq is-Santwarju Ħaż-Żabbar

bil-qliel bdiet nieżla fuq il-Birgu u ma' dan riħ qawwi li wara sirna nafu li kien parti minn tromba. Dak il-ħin inżertajt il-Pjazza ... ma stajtx nemmen lil għajnejja. Għalkemm nies u min jgħin kien hemm kemm trid, imma ħadd ma kien jaf x'se jaqbad jagħmel. Iżżarma jew ma żżarmax? U jekk iżżarma, x'għandu jiżżarma? Rajt paniku sħiħ, fejn saħansitra kien hemm min beda jibki. U x'ma tibkix dak il-ħin! Tara dak l-armar kollu għarkubbtejh għall-ħniena ta' dik is-sitwazzjoni li żviluppat f'maltempata. Fakkritni fil-film *The Perfect Storm* ta' George Clooney, għax hekk stħajjiltha t-tempesta perfetta, b'dik ix-xita bil-qliel, buffuri qawwija ta' riħ ... x'jista jonqos? Qalb l-għajat u l-ġiri sfrenat bla ebda direzzjoni, Salvu Attard u Anton Gellel taw il-parir biex id-drapp ma jinżilx għax jista' jimmoffa, iżda jibdew jitniżżlu l-qaddisin u l-anġli.

Ix-xmara ħamra tal-Lunzjata

Waqt li kont il-Pjazza nistkenn taħt l-umbrella l-kbira nassisti u forsi b'mod limitat nagħti daqqa t'id, rajt xmara ħamra nieżla mit-telgħa tal-Lunzjata. Ma ridtx nersaq u nħares lejn dik it-triq. Għal mument bdejt nimmaġina li *addio* l-pavaljuni u l-bandalori ta' Triq il-Kbira, *addio* d-disinn kapolavur ta' Salvu Bugeja, il-ġmiel ta' waħda mill-isbaħ toroq armati – jekk mhux l-isbaħ triq armata tal-Birgu. Ħsibt li se nara ċappa waħda ħamranija. Ħsibt li se nara d-disinn fuq sfond roża jew saħansitra abjad. Insomma qabadni biża' kbir sakemm għamilt il-kuraġġ u ttawwalt lejn dik it-triq u ħadt ir-ruħ meta rajt li l-pavaljuni u l-bandalori kienu għadhom hemm fil-kulur tagħhom, għajr forsi l-iskudett abjad ta' kull qiegħ tal-pendent li ddardar daqsxejn bil-kulur ħamrani.

Wara l-maltempata, l-awtopsja

Wara dan il-pandemonju sħiħ, deher li Alla wera ħniena magħna u x-xita u r-riħ bdew ibattu sakemm waqfu għal kollox. Bil-mod il-mod il-partitarji bdew jerġgħu jingħemgħu u kulħadd beda jirrakkonta dawk il-mumenti tal-biża' u beda jsir rendikont tal-ħsarat li kienu kkawżati.

Issemmiet il-battikata li ħadu dawk li marru jniżżlu l-bandiera l-kbira, li diġà hi problema f'temp sabiħ, aħseb u ara f'dik il-burraxka. Tony Raggio rrakkonta li meta mar biex iniżżel il-bandieri ta' ibnu Christian, bi żball ibnu Matthew għalqu fuq il-bejt waqt dik ix-xenata! U Tony kellu jgħajjat u jinħanaq sakemm mar xi ħadd jiftaħlu! Nammetti li kif smajnieha dil-biċċa tbissimna, għax immaġinajna lil Toni għasra msakkar fuq il-bejt, iżda stajna nimmaġinaw kif ħassu dak il-ħin.

Dell tal-mewt fuq il-barkun

Imbagħad smajna storja tal-waħx, li seta kellha konsegwenzi ferm agħar. Dan ġara eżattament f'nofs il-Port fuq il-barkun tal-Għaqda tagħna tan-nar – l-Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu. Dak il-ħin, għalkemm it-temp kien beda jikrieh u jtella' sew, Noel Castillo xorta sfida l-elementi u mar biex jaħraq il-bombi ta' nofsinhar minħabba li kienet l-Antevigilja. Hu u Pawlu Bonello qabdu l-qoxra tal-frejgatina u bħas-soltu rħewlha għal fuq il-barkun. Qajla ndunaw x'kien hemm lest għalihom. F'daqqa u l-ħin Nettunu, l-Alla tal-baħar, qabżitlu u mewġ kbir ried jibla l-barkun. Min-naħa l-oħra, meta bdiet il-maltempata, għadd ta' sajjetti bdew ifaqqgħu viċin il-barkun mimli sa ruħ ommu bin-nar. U l-istess barkun li jkollu wkoll parti minnu tal-ħadid seta' kien kalamita wkoll għas-sajjetti li bdew ifaqqgħu bla ħniena. X'jaqbdu jagħmlu? Jekk jinżlu fuq id-dgħajsa kienu se jinqalbu żgur; jekk jaqbżu l-baħar, tkun ġennata u suwiċidju; jekk jibqgħu fuq il-barkun, kienu jistennew li xi sajjetta tolqot il-barkun u jkollna ripetizzjoni tat-traġedja tas-sena 2006!

TAL-HUH KIOSK

Prop. Lawrence & Rochelle Gellel

Kiosk ġdid u modern
Għal għażla vasta ta' ikel bnin u frisk
bl-irħas prezzijiet

Mob: 9947 0272

Main Square Bar & Dine

Ċentru Laburista Birgu

Pizza | Pasta | Grill

We cater for group parties
E-Mail: superbeemer@yahoo.com
Mob: 7990 7966
Victory Square, Vittoriosa

Ryan u Ionela
jixtiequ jawguraw
il-festa t-tajba lil kulħadd



Iżda Alla hu ikbar minn Nettunu u mit-tempesta u anki sforz it-talb ħerqan li sar lill-Madonna u lil San Lawrenz, kollox għadda b'wiċċ il-ġid u Noel u Pawlu reġgħu lura fostna qawwijin u sħaħ, imma b'żieda ta' storja oħra x'jirrakkontaw lil sħabhom dilettanti tal-festa.

Deċiżjonijiet

Wara li tneħħew l-istatwi u kien deċiż li d-drapp jitħalla ħalli jinxef, minħabba li t-temp kien se jżomm għad-dimostrazzjoni, kien deċiż li jsir kollox bħas soltu, bid-differenza li l-istatwa titniżżel minn fuq il-kolonna u terġa' tittellgħa l-ewwel ħaġa filgħodu għall-marċ tat-*Te Deum*. It-temp żamm sew lejlet il-festa u kollox mexa skont il-programm u kulħadd ħaseb li l-periklu għadda. Iżda l-kbir kien għadu ġej!

Nhar l-10 ta' Awwissu

Jien li kont sajjem dwar it-temp tal-ġurnata nżilt bħas-soltu għall-quddiesa solenni tal-festa u biex niftaħ il-'bottegin' żgħir tiegħi biswit il-bieb tal-knisja biex inbiegħ is-*souvenirs* kif nagħmel kull sena. Rajt iċ-ċorma tal-armar mitfugħin fuq it-taraġ u minn wiċċhom ħadt il-messaġġ. Ġejt mogħti l-verdett fatali. Iva, riesaq il-maltemp minn fuq it-Tuneżija għal Malta. Staqsejt jekk humiex ċerti. Christian Raggio, li wera l-ħiliet ta' mexxej qalli: "Pawl, mhux jekk, iżda meta". Jien insistejt li almenu nħallu mix-Xatt sal-Lunzjata biex forsi... Lanqas ilħaqt spiċċajt il-kelma li ma reġax weġibni: "Inkunu fortunati jekk nilħqu nniżżlu dawk it-toroq". Quddiem din is-sitwazzjoni urġenti u prekarja, kien deċiż li nibdew inżarmaw wara l-quddiesa, anzi wara l-paniġierku.

U jien flimkien ma' sħabi, minflok qattajna l-għodwa tal-10 ta' Awwissu, l-Għid ta' San Lawrenz fit-tempju u fit-toroq tagħna nammiraw l-armar, jew fil-barijiet u l-każini nifirħu u nċekċku t-tazzi bil-birra kiesħa, inlissnu 'viva l-festa tagħna', qattajnieha nżarmaw id-drapp tagħna. Iva, mhux għafsa ta' qalb!

Il-previżjoni tat-temp seħħet. It-temp kien jikkonsisti f'riħ u f'xita kontinwa. Ma titwemminx. L-għaxra ta' Awwissu. Il-Kumitat ikkanċella s-servizz tal-Banda ta' San Girgor u jien, li kont inkarigat mill-Banda *King's Own*, tlajt niltaqa' magħhom waqt li bdew jistkennu taħt il-pont fid-daħla tal-Birgu. Minħabba l-maltemp, wara li ħadt il-permess meħtieġ, daħħalthom fil-Każin tal-Banda *Prince of Wales* sakemm ikolli l-konferma mill-Kumitat li kollox se jitħassar.

Kulħadd kien rassenjat, anzi deċiż, li ma kienx temp li ssir il-festa u għall-ewwel darba San Lawrenz se jibqa' ġewwa fl-10 ta' Awwissu minħabba l-maltemp. Wara li ħarġet id-deċiżjoni finali, flimkien tlajna naraw il-kaxxa tal-ħruġ li kellha tinħaraq għalxejn minħabba raġunijet ta' sigurtà.

U hekk intemmet dik il-ġurnata, li minflok ferħ tant tatna niket. Hawn min b'ċajta u bis-serjetà addatta qawl li jingħad għall- festa ta' Bormla: "Meta toħrog is-seftura –Santa Katerina taż-Żejtun, toħroġ is-Sinjura – il-Kuncizzjoni ta' Bormla", u l-Birgu is-Sinjur – Kristu Irxoxt, ma ħariġx minħabba l-maltemp u għalhekk bl-istess raġunar il-qaddej – San Lawrenz, ma ħariġx. Forsi tiġbid tal-immaġinazzjoni, iżda...

Post mortem u kontijiet

Wara saru l-kontijiet tal-ħsarat li ammontaw għal eluf ta' ewro, speċjalment fid-drapp tal-pavaljuni tal-Lunzjata, l-inforra li rħiet tal-bandalori tal-istess triq u l-agħar, l-istatwi fosthom l-anġli. Dan ġara li minħabba l-panneġġjar tal-libsa, żamm l-ilma li jekk isib xi toqba jew qasma fiż-żebgħa, jippenetra u jagħmel ħsara minn ġewwa, kif fil-fatt għamel. Imma bil-ħidma ta' tant

PAVIA
Hardware Stores

COSPICUA

PLUMBERS, ELECTRICAL
GOODS DEALERS
SPECIAL DISCOUNTS ON WATER
HEATERS (GEYSERS)

Dealers in CLARKE and SEDEF Power Tools
Tel: 2182 1174 - Mob: 9942 6420

4, Blk 12,
Triq ir-Regatta
Bormla

A. Darmanin
Fridge / Freezer Technician

Specialising in Repairs on all Models
On site Repairs & Prompt Service

25 YEARS OF EXPERIENCE

Please phone any time on
9947 3093 or 2165 0150

Lourdes Service Station

Hompesch Arch Street - Zabbar ▪ Tel: 2182 9767 – 2167 7836 ▪ Fax: 2166 4532

voluntiera, fuq quddiem nett Noel Casha, u taħt id-direzzjoni professjonali ta' Andrew Bugeja, l-anġli kienu rrestawrati, anzi rinforzati għal xi eventwalità simili fil-futur.

Ottava speċjali

Wara deċiżjoni tal-Amministratur Parrokkjali ta' dak iż-żmien – Fr John Avellino, flimkien mal-Kapitlu, l-istatwa ta' San Lawrenz ħarġet f'purċissjoni fl-Ottava, eżattament it-Tnejn 17 ta' Awwissu, bl-akkumpanjament tal-banda tagħna. Ir-rotta tal-purċissjoni kienet differenti minn tas-soltu biex tagħti ċans lill-residenti ta' toroq oħra. Anki t-toroq tal-madwar kienu armati għall-okkażjoni. Kienet ċelebrazzjoni ħelwa li almenu taffiet daqsxejn mid-diżappunt ta' dik is-sena.

Mix-xewk joħroġ...

Il-Malti jgħid li "minn kull xewka toħroġ il-warda". U naħseb li bħali taqblu li l-istess ġara s-sena l-oħra. Apparti li ntweriet solidarjetà u anki għaqda bejn id-dilettanti tal-Palma, imma ġara xi ħaġa oħra li tagħha qlajna tifhir mingħand kulħadd. Kienet xi ħaġa lodevoli meta waqt il-maltempata li laqtet il-Birgu, grupp ta' partitarji Dumnikani ħarġu xxarrbu u ssugraw biex jgħinuna fiż-żarmar, saħansitra daħlu xi armar il-kunvent biex jistkenn mill-maltemp. Kien hemm minnhom li komplew jgħinu għal ħinijiet twal. Din setgħet serviet ta' xprun għal lokalitajiet oħra, fosthom fil-każ li seħħ din is-sena f'Ħal Qormi, meta sostenituri tal-festa ta' San Bastjan ħarġu jgħinu lil dawk Ġorġjani meta nqala' l-maltemp fl-aħħar tridu qabel il-festa.

Bħala ringrazzjament ingħata bukkett fjuri lill-President tal-Każin tal-Banda *Prince of Wales* hekk kif il-marċ tal-Anteviġilja wasal quddiem il-każin tal-Istilla, liema bukkett wara tpoġġa quddiem l-istatwa ta' San Duminku fid-daħla tal-Birgu. Kienet xi ħaġa kommoventi wkoll li minflok il-botti tas-soltu l-miġemgħa Palmiża sellmet bil-kant '*Thank you thank you very much*'. Dan bla dubju wera maturità u evoluzzjoni fil-ħsieb li juri li qed nikbru.

Forsi minn dan kollu għandna nitgħallmu li nkunu mħejjijin aktar għal każijiet bħal dawn u wkoll nifhmu kif xi drabi, jekk aħna nemmnu, Alla jinqeda wkoll b'affarijiet ta' żvantaġġ għalina biex iwassal messaġġ ta' fejda: għamilna pass eqreb lejn xulxin, lejn il-maturità u l-għaqda fil-parroċċa tagħna li lkoll inħobbu. ❐

MULTIPLE FINANCIAL SOLUTIONS

International & Domestic Services
- Trading in Major Currencies & Commodities
- Buying & Selling of Gold Coins & Items
- Inward & Outward International Money Transfers (SWIFT)
- Bureau de Change
- 10 Minute MoneyGram International Transfer
- Payment of Arms Ltd Water/Electricity Bills

Investment Opportunities
- Income Funds
- Growth Funds
- Capital Guaranteed Funds

Investment Trading
- Malta Stock Exchange
- International Stock Markets

W&J COPPINI & CO
FINANCIAL SERVICES

MoneyGram

Head Office: 144, Tower Road, Sliema SLM 1604. Tel: 00356 21345412 Fax: 00356 21344972
Branches: Valletta Tel: 00356 21244634, St. Julians Tel: 00356 21383902.
Bugibba Tel: 00356 21579064.
e-mail: info@wjcoppini.com www.wjcoppini.com

Triq il-Qajjenza, Birzebbuga BBG 1281 Malta
T: +356 21 650 247 ■ M: +356 7944 2223
Email: info@ferretti.com.mt ■ www.ferretti.com.mt

Malaya Store

Triq il-Mina l-Kbira
Vittoriosa

Niftaħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa
6:00am - 12:00pm
4:30pm - 7:00pm

L-Erbgħa u s-Sibt
6:00am - 12:00pm

Prop: Charlotte Portelli

Tel: 27820550 Mob: 79707562

Birgu owes its patrimony to the Castrum Maris

LINO BUGEJA - *Winner of the Cultural Journalism Award*

Fort St Angelo, or the *Castrum Maris*, as it was known in the Middle Ages, is not just an impregnable fortress standing majestically in the centre of the finest deep-sea harbour in the Mediterranean. It is the embodiment of Malta's checkered history through the ages, an important landfall in the centre of this Sea of Destiny, a castle guarding ancient *Porto delle Galere* – now Dockyard Creek. Its Medieval Castellans, mainly Aragonese, initiated Malta's European experience as it welcomed in its safe waters galleys from Pisa, Genoa, Venice, Catalunya and other Western Mediterranean ports. The ancient maritime city of Birgu owes its patrimony to the *Castrum Maris* with its name securely documented as "*il Borgo del Castello*" a highly significant appellation that our European identity was established here. Its European ethos was confirmed with the dedication of the parish to the young martyr from Aragon, the first Latin saint in the Maltese islands where Greek Christianity was more widespread.

Fort St Angelo should not be just a famous museum piece, but a living museum that encapsulates our maritime, social, artistic, architectural and ecclesiastical heritage. As such, one of the major halls in this castle should be reserved for a professional documentary relating to Malta's maritime connections, traditions and other outstanding merits.

Il-Pjazzetta Self-Service Birgu

For all your daily needs, including fresh fruit and vegetables

OPENING HOURS:

Monday, Tuesday, Thursday, Friday

6am to 12pm & 4.30pm to 7pm

Wednesday

6am to 12pm

Saturday

6am to 1pm

Tel: 7926 5210 – 2766 0151

FREE DELIVERIES & BONUS CARDS

Fully airconditioned & discount prices on all items

In tracing Fort St Angelo's maritime connections we have to consider that although the very early years of Fort St Angelo are shrouded in the mists of history, many historians suggest that the name Malta is derived from the Phoenician word *Maleth*, "a safe and secure harbour". And surely a Punic fort at the tip of the promontory and the deep inlet flanking it, offered protection to the Phoenician settlers who in circa 1000 BC arrived in Malta from distant Lebanon. To these intrepid sea farers and merchants Malta was an ideal trading outpost on the dividing line between the Eastern and Western Mediterranean.

The attraction of the *Castrum Maris* and the outstanding beauty of the Grand Harbour drew to our shores famous personalities from the European mainland. It is securely recorded, according to Prof Joseph Brincat of the University of Malta, that the first ever concert of European Music occurred in one of the large halls of Fort St Angelo, when over 800 years ago the famous troubadour Pietre Vidal visited the *Castrum Maris* in 1204 to sing the praises of Fort St Angelo and those of Enrico Pescatore, a Genoan overlord living there. The texts of these musical documents are still extant, as revealed by Prof Brincat during a scholarly lecture in 2004 at the Fort accompanied by a group of French musicians specialising in this genre of music.

During the brief period of the arrogant Anjevins' governance of the Maltese islands, exactly in 1283, a famous naval battle took place in the shadow of Fort St Angelo when the Anjevin fleet with its headquaters on this Fort locked horn with the Aragonese in a bitter struggle for supremacy in the central Mediterranean basin. The ruthless Aragonese Admiral Roger di Lauria dealt a mortal blow to the strong Anjevin fleet commanded by Admiral Bonvin. Very few Anjevin galleys managed to escape and the rest were either sank or scuttled in the centre of the Grand Harbour's fairway. This sea battle is considered by international historians as one of the fiercest encounters of the period. The recovery of even one of the wrecks from the bottom of the sea and exhibited in St Angelo would undoubtedly be an added attraction.

In the late Middle Ages the presence of sailors and merchants from Pisa, Genoa and Venice gave Fort St Angelo and its suburb of Birgu a cosmopolitan milieu with churches dedicated to Latin iconography like St Lawrence and Our Lady of Monsarrat. The Anjevin inventory of 1274, listing sacred items at the rock-cut church of the Nativity, is an important landmark in our ecclesiastical history, particularly in the list of *objets d'art* belonging to the Latin rite, especially the musical documents.

Marian cult, so pervasive in the Maltese islands, saw its beginning in the *Castrum Maris* with two 14th century ancient icons, the Madonna Suckling the Child and the *Madonna del Soccorso*. Both icons were irretrievably lost in the German blitz of 1941. Furthermore the church of St Anne at the top of the Fort introduced Gothic quadripartite vaulting, an important architectural landmark in Maltese architecture. The elaborate graffiti in the *oubliette* - that subterranean hole where hardened criminals languished forgotten for years, are unique in their erudition and design. A major attraction for all visitors to the Castle.

From that superb vantage point at the top

IL-ĠIRBI

Bar u restorant fil-Pjazza tal-Birgu

Prop: Rudolph Cricchiola

234 Triq La Valette - Birgu
Tel: 2180 8938

Miftuħ kuljum mill-4.45am sal-11pm

Jiġu aċċettati bookings għal okkażjonijiet privati sa 50 persuna

Shaping the Future, Restoring the Past.

Restoration Works · Scaffolding Services · Restoration Material · CNC Stone Milling

Vaults Co. Ltd.
Triq in-Nassab, Qormi QRM3541
T: +356 21805524 F: +356 21443618
info@vaults.com.mt www.vaults.com.mt

Vaults

of the citadel, where the white ensign, representing the First Lord of the British fleet has been replaced by the flag of the Religion, the symbol of the Knights of St John, you walk to the historic balcony overlooking the Grand Harbour. It was from here that Grand Master de Valette witnessed the macabre scene of headless Knights and Maltese lashed to crude crosses floating on the gentle waters of the harbour after the fall of St Elmo on 23rd June 1565.

If these historical bastions could speak, would they reveal how the world-famous Caravaggio managed to escape from the damp dungeons on his way to Syracuse? Would they tell us about the ruthless knight Romegas, the dreaded corsair who spread terror and misery in the Aegean Sea? Or would they tell us about the Order's gallant galleys that sailed to Lepanto in 1571 to deal a mortal blow to the Turkish fleet? Would they remind us of the ill-fated British naval force that sailed to the Crimean disaster in 1869 or the more recent tragedy of a century ago when Commonwealth troops left for Gallipoli never to return?

Rummaging about in recent memories I recall the savage blitz on HMS Illustrious in January 1941. I was there on the Kalkara side of Fort St Angelo wildly waving and cheering as the iconic tanker Ohio, a symbol of courage and defiance was limping bravely into the Grand Harbour in August 1942. I was also there thirty seven years later when HMS London sailed out of the harbour for the last time amongst cries, tears and cheers that brought to an end Malta's naval and military connections with Great Britain. These experiences, redolent with history and culture, mainly connected with the sea, deserve to be for ever recorded and recounted to the rising generations and the many tourists who have finally been lured to admire the interminable historical and cultural treasures of the South.

This hallowed Fort, the jewel in the Maltese crown of fortifications, is now tastefully and aesthetically restored by Heritage Malta. In the Middle Ages secure documents attest that Fort St Angelo was undoubtedly an enclave of European sophistication. Lying in close proximity to the prestigious Malta Maritime Museum on the elegant Yacht Marina, the Fort should be a high profile destination for the Maltese and foreigners that visit our islands.

A professional rendering of Malta's maritime experience, so rich and varied, will surely demonstrate that throughout history, even during the last war, whoever wanted to rule over the central Mediterranean, had first to capture or neutralise Malta, the little island with a great history.

Fort St Angelo should also be the perfect location for musical concerts, lectures and debates, as well as drama. A professional presentation of the dramatic play by the great Christopher Marlowe, 'The Jew of Malta' should be considered for this summer. Marlow's highly-charged drama sited in ancient Birgu, where a thriving Jewish community had its synagogue and its ghetto, known to-day as *'It-Triq tal-Lhud'* – Street of the Jews, will be a most fitting event in preparation for the auspicous occasion when Valletta is crowned as the European City of Culture in 2018. Surely it would do no harm if Fort St Angelo and ancient Birgu/Vittoriosa could be roped in with Valletta calling the event VV18. After all Valletta owes its patrimony to this victorious city. ❐

TAL-PETUT
PRODOTT LOKALI FRISK
20 20
TAL-PETUT
PRODOTT LOKALI FRISK
20
TAL-PETUT
PRIVATE DINING
CONCEPT
BY RESERVATION
20, TRIQ PACIFIKU SCICLUNA
BIRGU
TEL: 2189 1169
MOB: 7942 1169

Das-sajf se nagħmel servizz fil-Bażilika San Pietru

BRANDON DEBONO

Hija x-xewqa ta' kull abbati li xi darba jkolli ċ-ċans li jagħmel servizz fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Dan is-sajf din il-ħolma tiegħi se ssir realtà. Biex nista' nagħmel dan, f'dawn l-aħħar sentejn kont qed nattendi għal-laqgħat u nipprepara ruħi għal żewġ eżamijiet li kelli nagħmel aktar 'il quddiem, bħala parti mill-kors ta' tħejjija. Il-laqgħat kienu jkunu kull xahar u fihom konna qed nitgħallmu l-quddiesa bit-Taljan u bl-Ingliż, barra li konna qed nitgħallmu dwar l-affarijiet li jintużaw waqt il-quddies u dwar il-ħwejjeġ li jilbes is-saċerdot għall-quddiesa.

Għamilna l-eżamijiet u bl-għajnuna ta' Alla għaddejna lkoll. Imbagħad bdejna nistudjaw l-ismijiet tad-diversi artali li hemm fil-Bażilika ta' San Pietru u fejn jinsabu fl-istess Bażilika. Min-naħa l-oħra Mons Frans Bonnici, li jieħu ħsieb it-tħejjija tal-abbatini li jkunu se jmorru l-Vatikan, kif ukoll il-mawra tagħhom meta jkunu hemm, beda jgħallimna kif irridu ngħibu ruħna fil-Vatikan u fis-Seminarju, li ħa nkunu noqogħdu fih.

Issa li din ix-xewqa tiegħi se ssir realtà, nixtieq nirringrazzja lil dawk li għenuni biex nasal fejn xtaqt nasal. L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lill-ġenituri u l-familja kollha tiegħi li ħadu ħafna paċenzja biha f'dawn l-aħħar snin. Nixtieq ngħid grazzi lill-Arċipriet li kellna Fr Joe Cilia, kif ukoll



lill-Arċipriet preżenti, Fr Joe Mizzi. Irrid ngħid grazzi wkoll lil Dun Lawrenz Bonnici, li f'dawn l-aħħar xhur kien qed jgħallimni l-quddiesa bit-Taljan. Grazzi ħafna wkoll lil Deborah Zarb, l-għalliema tiegħi tat-Taljan, li ħadet ħafna paċenzja bija.

Ċert li bl-għajnuna ta' San Lawrenz se jkolli esperjenza sabiħa fil-Vatikan u hekk inkun qed nagħti servizz lill-Knisja f'Ruma. ❐

The Sound Systems Co Ltd. Triq il-Karozzin,
Msida MSD09, Malta Tel: 2125 5500/ 2125 5079
• Fax: 2123 8834 http://www.soundsystem.com.mt
E-mail: info@soundsystem.com.mt

the SOUND System

Hire, Supply & Installations
of top quality sound & visual equipment

We stock a vast range of loudspeakers amplifiers,
mixers & control electronics
plus Hantarex video monitors
& the new Plasma Display Panel (Flat Screen)
for bars, restaurants, hotels, schools,
conference halls churches…
anywhere…

HOT ROD

Mob: 9922 2666

24 HR TOWING SERVICE

Auto Parts

New & Second Hand Spare Parts For all Models
Clarence Street, Msida Msd 1290
Tel: 2123 5672 • Email: hotrodparts@onvol.net

Repairs

Towing Service, Panel Beater, Spray Painting Auto Dealer
62, Quarries Square, Msida MSD 1106
Tel: 2122 2169 Mob: 9949 7033
Email: hotrodrepairs@onvol.net
www.hotrodmalta.com





degabriele
gift shop ltd.

Exclusive Modern & Classic Furniture & Lights

HIGH QUALITY & DESIGN

94, Zabbar Road, Paola
Phone: 2169 6945 Mobile: 9947 1202 / 99421681
Email: dgf@go.net.mt

CONIMEX

FOODSTUFFS, TOILETRIES, HOUSEHOLDS

ALL AT BARGAIN PRICES

ASK FOR YOUR LOYALTY CARD

Pitkali Road - Attard – Tel: 2141 5656
Psaila Street - Santa Venera – Tel: 2701 3970
Sanctuary Street Żabbar – Tel: 2780 7777

WE DO HOME DELIVERIES

Old Treasury Building
Vittoriosa Marina
Birgu BRG 1721 Malta
Telephone: 21 808 990
SOTTOVENTO
cucina mare

VITTORIOSA
SPORTS & SOCIAL
CLUB
VITTORIOSA STARS F.C.
PIZZA
GRILLS
FENKATI
Jintwera kull tip ta' Sport fuq Big Screen
Il-Festa t-tajba
Iill- Vittoriosani Kollha
Appetizers
Daily
Mob: 9905 3233, 9955 8445
Find us on
Facebook
Vittoriosa Sport & Social Club

Tliet tifkiriet tal-Arċisqof Mercieca

CARMEL CALLEJA

L-Arċisqof Emeritu Mons Ġużeppi Mercieca mar jiltaqa' mal-Ħallieq fil-21 ta' Marzu li għadda. Carmel Calleja jaqsam mal-qarrejja xi tifkiriet ta' dan l-Arċisqof li kemm-il darba kien fostna fil-parroċċa tagħna

Meta smajt bil-mewt ta' Mons Ġużeppi Mercieca, mill-ewwel għaddew minn quddiem għajnejja xi mumenti sbieħ li qsamt miegħu u li baqgħu impressjonati fil-memorja tiegħi.

Hu fatt magħruf li l-Arċisqof Mercieca kemm-il darba kien fostna fil-parroċċa jmexxi xi funzjoni jew ċelebrazzjoni. Kemm-il darba wkoll kien fostna għall-festi tal-patrun tagħna San Lawrenz, speċjalment f'egħluq id-900 sena tal-parroċċa tagħna, jiġifieri fl-1990 u aktar tard meta kellna fostna r-ras ta' San Lawrenz. Barra minn hekk sikwit kien jiġi jżur is-sorijiet ta' Santa Skolastika.

Biss forsi l-akbar ġrajja storika tibqa' l-mawra li għamel fostna fl-1990, meta akkumpanja fuq il-*Pope mobile* lill-Papa Ġwanni Pawlu II, illum qaddis, li kien fi żjara pastorali f'pajjiżna u li għadda mit-toroq tagħna fost entużjażmu kbir ta' kulħadd, qabel ma kellem lill-ħaddiema minn fuq it-tribuna, li kienet intramat fil-bidu ta' Triq Pawlu Briffa, fejn il-lum hemm il-mafkar ta' parti minn din it-tribuna. L-irħama li tfakkar din il-ġrajja tal-Papa San Ġwanni Pawlu II tinsab ħdejn it-taraġ taz-zuntier tax-Xatt. Imma barra din iż-żjara storika li Mons Mercieca għamel fostna fiimkien ma' San Ġwanni Pawlu II, għandi tlett tifkiriet tiegħu li għamlu impatt kbir fuq ħajti.

Il-Mejda tal-Appostli

Kif hu magħruf min-nies tal-Birgu, il-membri tal-Azzjoni Kattolika Fergħa Rġiel għal ħafna snin kienet responsabbli għall-armar tal-Mejda tal-Appostli fl-Oratorju tal-Kurċifiss fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Kien żmien meta l-imwejjed tal-Appostli f'Malta kont tgħoddhom fuq id waħda. Aħna bdejna narmaw din il-Mejda fl-1963 u aġġornajniha għal dik oriġinali sentejn wara. Niftakar li kienu jiġu mijiet ta' nies u kulħadd kien japprezza x-xogħol tagħna. Niftakar tajjeb ħafna li ma kienx l-ewwel darba li l-Arċisqof Mercieca kien jiġi jżur il-Mejda man-neputi tiegħu. Għadni niftakar jgħidli li kien ikun impressjonat bil-Mejda tagħna għax din kienet l-unika Mejda tal-Appostli dak iż-żmien li kienet tintrama fuq l-istil oriġinali Lhudi. Fil-preżent din il-Mejda qed tintrama mill-Kumitat tal-Festa f'wieħed mill-imħażen tal-Monasteru ta' Santa Skolastika.

Awguri tal-Ewwel tas-Sena

Ta' kull sena xi whud mill-membri tal-Azzjoni Kattolika tal-Irġiel kienu jiftehmu biex fil-ġranet tal-Milied imorru

The Nail Maker

Nail services are done by Ingrid Mizzi,
a highly trained nail technician
with over 4 years experience, for nails that
sparkle for all occasions.
I do: acrylic/gel nail extensions,
toe nails extensions,
nail art,micropittura,
manicures/pedicures,
natural nail care .
I also do waxing hair removals.....
Call or text for appointment on:99897061
Blk 4, No.:13 Triq Patri Indri Vella op Vittoriosa.
(IL-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD)

Ray's Jewellery
...since 1982

384 ZABBAR ROAD FGURA
info@raysjewellerymalta.com
www.jewellerymalta.com
2180 2130

OPENING HOURS
MONDAY - FRIDAY 09:00 TO 13:00 - 16:00 TO 19:00
SATURDAY 09:00 TO 13:00

WEFI
IRONMONGERY
9, St. Theresa Street, Cospicua

We cut a large
variety of keys
and car keys

Expert Frame Maker

Tel: 27828254 Mob: 77450907

l-Palazz tal-Arċisqof il-Belt Valletta biex jagħtu l-awguri, kemm lill-Arċisqof, kif ukoll lill-Vigarju Ġenerali Mons Annetto Depasquale. Ir-ritratt ta' hawn fuq imur lura għas-sena 2000. Fih jidhru Orenzio Portelli, Peppi Gellel, l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, il-Vigarju Ġenerali Mons Annetto Depasquale, Carmel Calleja u Carmel Portelli.

Pellegrinaġġ f'Lourdes

It-tielet tifkira tiegħi li mhux faċli ninsa kienet meta f'Lulju 2012, fl-okkażjoni tal-50 sena miż-żwieġ tiegħi, kif ukoll tal-25 sena miż-żwieġ ta' ibni Joseph, konna morna flimkien pellegrinaġġ fil-belt tal-Madonna, Lourdes. B'kollox aħna konna tmienja min-nies.

Inserta li fil-grupp magħna kellu jkun hemm l-Arċisqof Mercieca, flimkien mal-kappillan u l-familja tiegħu. Kien ikun magħna tista' tgħid fl-attivitajiet kollha, speċjalment meta konna niltaqgħu l-grupp kollu waqt il-ħinijiet tal-ikel. Kien ikompli ma' kulħadd u fih kont tara l-umiltà u s-sempliċità ta' bniedem ta' Alla.

Niftakar tajjeb ħafna kemm feraħ meta waqt il-pranzu nhar it-22 ta' Lulju 2012, il-wejters ħarġu b'żewġ kejkijiet, bil-kliem fuqhom: awguri 50 sena u 25 sena ta' żwieġ. Kulħadd feraħ magħna dakinhar u kantajna flimkien. Huma mumenti li diffiċli tinsa tul ħajtek kollha.

Għadni ngħożż ħafna l-kuruna tar-rużarju bil-Madonna ta' Lourdes fuqha li tana l-Arċisqof bħala tifkira. Niftakar ħafna wkoll il-quddiesa li konna għamilna flimkien bħala grupp biex inroddu ħajr lil Alla tal-anniversarju taż-żwieġ tiegħi u ta' marti u dak ta' ibni u l-mara tiegħu.

Ma nistax ma nroddx ħajr lil Alla tal-ġid kollu li l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca għamel fil-Knisja f'Malta u fis-soċjetà Maltija, fi żminijiet mhux tant faċli. Mulej, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem. ❐

Tal-Familja

Restaurant

FRESH FISH & SHELL FISH
MALTESE DISHES

FAMILY RUN
OPEN FOR LUNCH & DINNER
MONDAY CLOSED

Triq il-Gardiel, Marsascala
Tel/Fax: 2163 2161 Mob: 9947 3081

AMABILE GALEA & SONS

CONTRACTORS
FOR
ALUMINIUM,
STEEL WORKS &
CRANE HIRE

VITTORIOSA

TEL:+356 21824287

FAX:+35621695968

E: amabileg@onvol.net

TAL-BARKLOR

Restaurant & Take Away
Pizzeria
Waterfront, Senglea

Opening Hours
(Summer) Mon - Sun: 6.00pm till 11.00pm
(Winter) Tue - Sun: 6.00pm till 11.00pm
Sunday Lunch: 12.00pm till 3.00pm

Tel: 77690496
79707295
21801678

FRIZOLL
REFRIGERATION

Manufacturers of Commercial Refrigeration

Paola Hill, Paola PLA08
Tel/Fax: 2182 4388, 2180 6866, 2780 6866

We offer Computer and Mobile Repairs with very reasonable prices. Many mobiles and accessories in stock. On presentation of this voucher a special discount will be given.

Princess Margaret Street
Msida MSD1331
Tel: 2131 0590
sales@mdt.com.mt

MDT

Din is-sena Renzo mhux se jkun magħna fil-festa

FR JOHN AVELLINO

Din is-sena min se jkun San Lawrenz nhar l-Anteviġilja fit-8 ta' Awwissu, mhux se jkun jista' jiltaqa' ma' Joseph F X Porsella-Flores. Joseph, jew Goeffrey kif kien aktar magħruf minn kulħadd, mar fid-dar ta' Missieru fl-4 ta' April 2016, fl-età sabiħa ta' 95 sena.

Forsi ftit jafu li għalkemm hu għadda t-tfulija tiegħu u żgħożitu l-Birgu, hu ma twelidx hemm, iżda f'Ħal Tarxien. Dan billi missieru Ġużeppi, li twieled il-Birgu, kien intbagħat jgħallem hemm u hemm iżżewweġ lil Marija Roża Buhagiar fl-1919. Sena wara twieled Joseph, iżda ftit xhur wara t-twelid tiegħu huma reġgħu niżlu l-Birgu u kienu joqogħdu fi Triq Santa Skolastika, ftit metri 'l bogħod mill-knisja tas-sorijiet Benedittini.

Missieru Ġużeppi, aktar minn għalliem kien edukatur u kellu ħafna għal qalbu l-edukazzjoni tat-tfal. Għad hawn min għadu jiftakar lis-Sur 'Burżella' jorganizza serati għat-tfal u bil-*pointer* jurihom u jispjegalhom *slides* ta' Ruma, tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu u ta' stejjer oħra marbuta mal-Bibbja. Miegħu ta' sikwit kien ikollu xi whud mit-tfal, Joseph, Rosalia u Vincenzo Carmelo, iż-żgħir. Illum dan biss għadu magħna, għandu 92 sena, bużnannu u jgħix il-Brażil. Kien ukoll interessat ferm fl-istorja tal-Birgu. M'ilux issemmiet triq għalih fil-Kalkara.

Iżda lejn l-aħħar tas-snin Tletin, billi l-gwerra bdiet tersaq lejn xtutna, il-familja

Porsella-Flores marret refuġjata r-Rabat u minn dak iż-żmien ma reġgħetx niżlet toqgħod il-Birgu.

Meta Joseph iżżewweġ ma' Marija Debono fl-1947 huma marru joqogħdu Raħal Ġdid u allura xorta kien viċin biżżejjed tal-Birgu biex jinżel kull sena għall-festa, anki meta kien ikun villeġġjatura f'Wied il-Għajn fis-snin Ħamsin. Maż-żmien imbagħad, meta beda jikber, biex jevita r-rassa tan-nies, beda jinżel biss fl-Anteviġilja.

ST. PHILIP'S SELF-SERVICE GROCERY STORE

Prop: Jason Borg

Pjazzetta San Filippu Vittoriosa

Frozen Foods - cheese counter - food stuffs

FREE DELIVERY

Mobile : 99827318

Meta rtira miċ-Ċivil sab il-ħin biex jikteb fuq l-istorja tal-Kolleġġjata tal-Birgu minn żmien bikri sal-1990. Dan l-istudju ppubblikah fil-ktieb imdaqqas, f'żewġ volumi bl-isem ta' *Birgu - a Maltese Maritime City*, li ħareġ fl-1993, bil-kontribuzzjonijiet ta' għadd ta' studjużi oħra.

Aktar tard, fl-2002, huwa ħareġ il-ktieb *Knejjes li m'għadhomx jidhru ġewwa l-Birgu*, li fih ġabar serje ta' artikli li kien kiteb missieru fil-gazzetta *Leħen is-Sewwa* mis-sena 1930 sal-1933, b'xi żidiet żgħar. Kellu kitba mirquma u riċerkata billi kien jemmen li kull biċċa xogħol kellha ssir sew.

Bl-istess mod, minkejja l-età avvanzata li kellu, kien jattendi għall-funzjonijiet fil-knisja u jsegwi l-liturġija b'devozzjoni xierqa. Baqa' jaqdi dmiru ta' Nisrani sal-aħħar. Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem. ❐

F2S rheavendors group | N&W

Full service vending, one stop shop for all your vending and office coffee needs

Over 20 years
of experience

VERTEX VENDING SERVICES LTD.

For more information on our products visit our website on www.vertexvending.com or contact us on:
11, Triq il-Mastrudaxxa, Qormi QRM 3572
Tel: 2166 7059, 7949 5326

TERENCE BUTCHER

fresh & frozen meat

8 Pope Alexander Street Vittoriosa

M: 7723 2764

Arranġamenti ta' fjuri tal-ganutell, girlandi u fjuretti għal statwi żgħar u xogħol fil-bozza

Isir ukoll xogħol ta' headresses u bukketti għal kull okkażjoni

Mary Grace Scicluna
'Carmer', 19, Triq Hilda Tabone, Vittoriosa, CSP 08
Tel: 2166 5747

FREDDIE'S SALOON

Open Monday to Saturday
8.00am till noon and from 2.00pm to 3.00pm
Wednesday closed
Saturdays till 3.00pm

6, Main Gate Street Vittoriosa
Tel: 2180 5681

JB
STORES

SALE

NOW ON

FGURA- Iklin - San Gwann - Hamrun - St.Paul's Bay
www.jbstores.com E: info@jbstores.com T:23314301/3

Breakaway Travel

George Vella
Director

Blacktown
02-96227799

e-mail
blacktown@breakawaytravel.com.au

"Viva San Lawrenz"

Frances u Leli t-Telli m'għadhomx magħna

FR JOHN AVELLINO - ANTHONY FARRUGIA

Frances Mangion

Fl-20 ta' Jannar li għadda, ħabta u sabta Frances marret tiltaqa' mal-Ħallieq tagħha fis-sema, fl-età ta' 56 sena. Frances kienet omm twajba tal-familja. Bħal ħafna ommijiet oħra, kienet tgħix għal żewġha Saviour u t-tlett uliedha Brian, Christian u Jonathan u t-tfal tagħhom.

Bħal ħafna Vittoriosani oħra, Frances kellha mħabba speċjali lejn il-patrun tagħna San Lawrenz u għal ħafna snin kienet impenjata bis-sħiħ f'ħidma għall-festa tagħna ma' grupp ta' nisa ħbieb tagħha. Ma kinitx titlef attività organizzata mill-Kumitat tal-Festa.

Din is-sena Frances mhux se tkun fiżikament magħna tiċċelebra l-festa fit-toroq ta' Beltna, flimkien ma' wliedha u sħabha, imma se tingħaqad magħna mis-sema. Ċert li qed tgħix il-glorja tas-sema flimkien ma' San Lawrenz u l-qaddisin kollha. Mulej, agħtiha l-mistrieħ ta' dejjem. Lil żewġha u wliedha nagħtuhom il-kondoljanzi tagħna. ❐

Emanuel Zahra

Meta f'Ġunju li għadda smajt li seħħibna Emanuel Zahra, jew aħjar kif kien magħruf, Leli t-Telli, kien ħalliena fi-età ta' 90 sena, f'widnejja smajt iddoqq il-qampiena l-kbira, li meta minn fuq il-kampnar kien idoqqha kien jemozzjona ruħu tant li spiss kienet taqbiżlu xi demgħa. Kont nibqa' nħares lejh. Leli jġiebli memorji tal-festi prinċipali li jsiru fil-parroċċa tagħna, b'mod speċjali dik ta' San Lawrenz.

Niftakar li nhar l-10 ta' Awwissu kienu jiġu għalija d-dar, iħabbtu mal-ħġieġ tat-tieqa xi t-tlieta ta' filgħodu biex ninżlu ndoqqu l-mota ta' sbieħ Jum San Lawrenz. Konna nitilgħu fuq, fil-kampnar, f'dik il-ħemda u fl-isfond tal-ħmura tax-xemx tiela', u Leli kien jibda jbandal l-ilsien tqil tal-qampiena l-kbira biex jagħti l-ewwel tokk li kien jidwi sabiħ, sabiħ mal-Kottonera kollha sal-Belt Valletta. Kienu tokki solenni u meqjusa ħafna u Alla ħares qatt jaqbiżlu xi tokk qabel għax kont tissogra tisma' paniġierku kbir qabel dak tal-quddiesa tal-festa. Wara ma' Renzo s-sagristan – li wkoll qiegħed fis-sema pajjiżna, b'xi żewġ karozzi jċekkċu konna mmorru għall-kaffè u l-pastizzi l-Ħamrun. Wara konna nerġgħu ninżlu lura l-knisja biex nippreparaw għall-quddiesa l-kbira.

ikompli f'paġna 186

minn paġna 185

San Lawrenz, it-tiżjin tad-dawl tal-Milied u l-qniepen tal-knisja kienu il-passatemp ta' Leli u min jaf kemm għallem subien idoqqu s-*Sanctus*, il-moti u jremplu l-Ġimgħa fit-tlieta. Għidt bejni u bejn ruħi meta smajt li ħalliena: Leli spiss kien iħabbar permezz tal-qniepen u issa l-qniepen qed iħabbru li ħalliena. Leli telaq tassew, imma l-qniepen hemm għadhom, isemmgħu leħinhom biex lilna jħajruna mmorru l-knisja.

Leli kellu karattru ferrieħi u kien iħobb jgħid xi ċajta. Kien bniedem sempliċi li għaraf iwassal il-ferħ permezz tad-daqq tal-qniepen. Ċert li b'interċessjoni ta' San Lawrenz l-anġli tal-Mulej diġà laqgħu r-ruħ tiegħu b'mota ta' ferħ. Mulej, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem. Lil bintu Doris u l-familja tagħha l-kondoljanzi tagħna. ❐

ISSOLVILEK IL-PROBLEMA TAL-HAMIEM

- Ma jħallix il-ħamiem ipoġġi.
- Sempliċi biex jitwaħħal: jew bil-kolla, jew bil-viti, jew bl-imsiemer
- Maħdum minn vireg ta' l-'istainless steel' u 'UV stabilised polycarbonate plastic'.
- Effettiv u rħis.
- L-istess sistema intużat f'bosta postijiet pubblici u f'Bereġ u Bini Storiku ieħor.

E. THEUMA & COMPANY LTD.

Theuma House, 302, St. Paul Street, Valletta VLT 1213
Tel: 21234075 / 21236605 Fax: 21244201
Email: info@etheuma.com www.etheuma.com

Is-Soċjetà Muzikali San Lawrenz tal-Belt Vittoriosa tippreżenta

EL RITMO LATINO

Programm Mużikali bi spettaklu fil-Vittoriosa in Festa
fuq il-planċier artistiku tal-Banda
il-Ħadd, 7 ta' Awwissu 2016 fid-9.15pm

Innu Marċ 'San Lawrenz'	Giuseppe Frendo
Libertango	Arr. Marco Somadossi
Cherry Pink and Apple Blossom White	Damaso Perez Prado / Arr. Roderick Bugeja
Cuban Sound	Arr. Giancarlo Gazzani
Mexicali Brass	John Cacavas
Tico Tico	Zequinha Abreu / Arr. Naohiro Iwai
Ai Se Eu Te Pego	Michel Telo / Arr. Frank Baernarts
Santana	Arr. Giancarlo Gazzani
La Camisa Negra	Juanes / Arr. Jan van Kraeydonck
Spanish Tango	James Horner / Arr. Chris Pisani
Soul Bossa Nova	Quincy Jones / Arr. Johnnie Vinson
Black Magic Woman	Peter Green / Arr. Joe Brown
Chihuahua	DJ Bobo / Arr. Frank Baernarts
Samba De Janeiro	Arr. Mihai Viziru
Copacabana	Barry Manilow / Arr. Johan De Meij
Latin Pop Special	Arr. Masato Myokoin
El Cumbanchero	Rafael Hernandez / Arr. Naohiro Iwai
Let's Get Loud	Arr. Jan van Kraeydonck
Latin Gold	Paul Lavender
Innu Marċ 'Ċentinarju'	Paul Schembri
Innu Popolari 'San Lawrenz'	Lorenzo Galea
Innu Banda San Lawrenz	Hector H Dalli

Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz
se tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Jonathan Abela.
Jieħdu sehem il-kantanti Ludwig Galea, J Anvil u Alwyn Borg Myatt,
il-gruppi taż-żfin Happy Days u Pro Touch
u l-kitarrista Jonathan Ellul.

Pjazza tal-Knisja, Attard

Tel: 2142 2995

e-mail: seracino@maltanet.net

kalkara regatta

cafe | dining | venue

D KALKARA REGATTA
Ex-Bruno Stores
Marina Street
Kalkara

T. +356 21807442
M. +356 79906622 / 99465768
E. dkalkararegatta@gmail.com
W. www.dkalkararegatta.com

Like us on Facebook
D KALKARA REGATTA

Banda Vittoriosana San Lawrenz

Marċi li se jindaqqu fil-Belt Vittoriosa Awwissu 2016
Surmast Direttur: Mro Jonathan Abela

Innu Marċ San Lawrenz	Giuseppe Frendo
Edward	Luigi Bongailas
Louvic	Salvino Fabri
Marie Louise	Hector H. Dalli
Flamingoes	Hector H. Dalli
Ġojjel	Paul Schembri
Heaven	Paul Schembri
Anthea	Chris Pisani
Magħqudin u Ferħanin	Paul Schembri
900 sena Parroċċa	Emanuel Bugeja
Amanda	Carmelo Vella
Pablito	Archibald Mizzi
Geroline	Ray Sciberras
Emperor	Archibald Mizzi
Tal-Palma tal-Ġenn	Ray Fenech
Giovanni l-Vieniqua	Ronald Pisani
Super Palmiżi	Mario Testa
Simon	Paul Schembri
El Gringo	John J. Pace
Il-Banda taż-Żgħażagħ	Michael Bugelli
Taż-Żibra	David Agius
Triple Knockout	Ray Fenech
Sailor Prince	Paul Buttigieg
Tislima lill-Maġġur Aquilina	Victor Galea
John & Michael	Michael Bugelli
Toni Aquilina	Dominic Darmanin
Daniela	Joseph M. Barbara
Tal-Ħajjat iż-Żgħir	Elton Lee Abela
Victory	Vincenzo Ciappara
Emma Marie	John Zammit
Bonpacello	Vincenzo Ciappara
Jubilant	Gordon Baldacchino
Lorenza	Hector H. Dalli
Palm of Victory	Alan Schembri
L-Ewwel Banda f'Dar Malta	Ray Sciberras
Dilettanti tal-festa	Lawrence Borg
Renata	Emanuel Bugeja
Sussu	John Mamo
Charlie l-Gimu	John D. Zammit
San Lorenzo	Carmelo Vella
St. Lawrence Forever	Andrew Coleiro
Żiju Ċikk	Maj. Anthony Aquilina
Salute to Malta	Hector H. Dalli
Anthea	Ugo Buhagiar
Aurora	Robert Magro
Miguel il-Piċa	Johann Debattista
Kummissjoni Banda	Ray Sciberras
Vittoriosan	Paul Schembri
Tad-Devernier	Chris Pisani
Santiago de Cuba	Joseph Abela Scolaro
Goodluck Catherine	Angelo Pullicino
Vittoriosa Belt Tfuliti	Jonathan Abela
Perper Bandiera	Andrew Coleiro
Fiesta	Maj. Anthony Aquilina
Patrun tal-Belt Rebbieħa	Joe Brown
La Vincitrice	Andrew Coleiro
Illustrious	Chris Pisani
Bandiera Maġġura	Andrew Zarb
Innu Marċ Ċentinarju	Paul Schembri
Innu Popolari	Lorenzo Galea



Need an original design and professional printing?

Our expertise is the creation and printing of logos, business cards, magazines, flyers, packaging, menus and whatever can be put on paper.

branded juice

21, Carmel Street, Ħaż-Żabbar ZBR1406
79 00 00 18
kevin@brandedjuice.com
brandedjuice.com

Baned mistiedna
Festa San Lawrenz 2016

Banda San Leonardu - Ħal Kirkop
Belt Vittoriosa - 6 ta' Awwissu 2016
Direttur: Mro Ugo Buhagiar

Banda Madonna tal-Karmnu - Balluta
Belt Vittoriosa - 9 ta' Awwissu 2016
Direttur: Mro Michael Borg

Banda Kristu Re Paola
Belt Vittoriosa - 9 ta' Awwissu 2016
Surmast Direttur: Mro David Sammut

Banda King's Own Valletta
Belt Vittoriosa - 10 ta' Awwissu 2016
Direttur: Mro John Galea

Banda San Girgor Sliema
Belt Vittoriosa - 10 ta' Awwissu 2016
Direttur: Mro Anthony Carbonaro

Banda Anici Qormi
Belt Vittoriosa - 10 ta' Awwissu 2016
Surmast Direttur: Joseph Vella

Ħajr lil dawk li rriklamaw

Aaron Ancilleri	136	Francis Mallia	142	Ray's Jewellery	174
A. Darmanin	160	Franka Lira	144	Right Deal	154
Alfred Camenzuli	72	Freddie's Saloon	182	Rimus	24
Al Fresco Restaurant	141	Frizoll Refrigeration	178	Rita tal-Ħaxix	146
Amabile Galea & Sons	177	Gemelli Ltd	154	Roderick Busutil	4
Andrew Bugeja	68	Gemstones	142	Rodlene Gaunt Remax	36
Aquahobbies	136	Gianluca's Restaurant	176	Roman Gafà	70
Arthur Napier	84	Gold Lady Jewellery	94	Satin Skin Beauty Salon	96
A-Sound	134	Golden Hands Salon	94	Schesir	83
Audiophonic	92	Grand Harbour Marina	14	Seca	18
Ballut Blocks Ltd	66	Grech & Ellul	32	Secom Ltd	130
Bank of Valletta	1	Ħanut Tal-Laħam	79	Seracino's Cafe	188
BDL Ltd	46	Heineken	112	Sheffield Imports	150
Be Birgu Ltd	20	Highlight Stationery	74	Simons	72
Bibas	6	Hotel Calypso	124	Smart Transport Ltd	134
Birgi Confectionary	76	Hot Rod Garage	170	Sottovento Bistro	172
BJ Marine Ltd	146	HSBC Bank	117	Sound Solutions	78
Bonnici Insurance Agency	22	Il-Ġirbi Bar & Restaurant	166	Starline Autoparts	151
Branded Juice	192	Il-Pjazzetta Self-Service	164	Steffi Cakes	132
Breakaway Travel	184	JB Stores	183	Step In	46
C&G Street Lights	30	Kalkara Garage	80	St Philip's Self Service	180
C&M Borg Ltd	82	Kalkara Regatta Bar	188	Swan Laundry	114
Cafè Du Brazil	40	Każin Nazzjonalista Birgu	91	Swan Lake	84
Calleja	88	Koptaco Coaches	70	Tal-Familja Restaurant	176
Carbia Self-Service	145	Lifts Services Ltd	BC	Taglio d'Arte	156
Cargo Bar & Dine	44	Limelite Confectionary	130	Ta' Lourdes Garage	180
Ċentru Laburista Birgu	90	Lourdes Service Station	160	Tal-Barklor Restaurant	178
Chain Supermarkets	10	MA & A Services Ltd	110	Tal-Ħuħ Kiosk	158
Charles de Giorgio Ltd	12	Main Square	158	Tal-Petut Restaurant	168
Chetwyn Confectionery	72	Malaya Store Store	162	Ta' Xbiex Perfumery	118
Cilia Brothers Ltd	150	Manwel Vassallo	6	Terence Butcher	182
Club tal-Boċċi	146	Mary Grace Scicluna	182	The Avenue	34
Conimex	171	MDT	178	The General Soft Drinks Ltd	62
DDE Attard	120	Melvin Degiorgio Photography	94	The Nail Maker	174
Degabriele Gift Shop	171	MIB Insurance Agency	26	The Sound System	170
Delicata	IBC	Michael Attard Ltd	152	The Temple Cafeteria	74
Disma Butcher	126	Mifsud Garage Ltd	106	UDS	40
Dolceria Bontà	35	Milia's Pharmacy	16	Untours Insurance	148
Don Berto Restaurant	8	Neriku Confectionary	24	Valletta Ferry Services	IFC
Enchante Restaurant	156	Nexos	128	Vaults Co Ltd	166
ESS Ltd	28	Old Tommy's Bar	74	Ventura	140
E. Theuma & Company	186	Olde City Pub	78	Verdala Pharmacy	58
F. E. Sullivan & Co Ltd	138	Patrick Furniture	82	Vertex	181
Fava Woodworks	96	Pavia Hardware Store	160	Viri's Take-away	68
Falzon Bathrooms	86	Power Age Disco	144	Vittoriosa Pharmacy	38
Ferretti Restaurant	162	RACS Cleaning	144	W & J Coppini & Co	161
Flats for sale	156	Radju Kottoner	189	Vittoriosa Stars Bar	172
Fortini Kiosk	142	Raymond Vella & Co Ltd	98	Wefi Ironmongery	174